

# DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAR

2022–2024

**AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA  
GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA  
TA' SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA  
FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA**

**DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAR  
2022-2024**

**2020-323 REV 2**

**ADOTTAT  
MILL-BORD TAT-TMEXXIJA TAL-EU-LISA  
FIS-17 TA' NOVEMBRU 2021**

# Werrej

Lista ta' illustrazzjonijiet u tabelli .....	5
Abbrevjazzjonijiet u akronimi .....	6
Daħla .....	9
Id-dikjarazzjoni tal-missjoni .....	11
1 Il-kuntest ġenerali .....	14
2 Programmar Pluriennali għall-2022-2024 .....	20
2.1 Programm ta' ħidma pluriennali .....	20
2.1.1 Strateġija fit-tul .....	20
2.1.2 Obiettivi, attivitajiet, proġetti/kompiti u riżorsi għall-perjodu 2022-2024 .....	20
2.1.3 Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin .....	32
2.1.4 Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni .....	33
2.2 Ir-riżorsi umani u finanzjarji – Prospettiva għall-Perjodu 2022-2024 .....	37
2.2.1 Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali .....	37
2.2.2 Prospetti għall-perjodu 2022-2024 .....	39
2.2.3 L-ipprogrammar ta' riżorsi għall-perjodu 2022-2024 .....	43
2.2.4 Strateġija għall-ksib tat-titjib fl-effiċjenza .....	45
2.2.5 Prijoritajiet negattivi/tnaqqis tal-kompiti eżistenti .....	46
3 Programm ta' Ħidma Annwali għall-2022 .....	48
3.1 Sommarju eżekuttiv .....	48
3.2 Attivitajiet .....	53
3.2.1 Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet – VIS .....	53
3.2.2 Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet – SIS .....	54
3.2.3 Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet – Eurodac .....	57
3.2.4 Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet – Oħrajn .....	58
3.2.5 Sistemi ġodda/Innovazzjoni – Fruntieri Intelliġenti .....	64
3.2.6 Sistemi ġodda/Innovazzjoni – Interoperabbiltà .....	69
3.2.7 Sistemi ġodda/Innovazzjoni – Oħrajn .....	74
3.2.8 Infrastruttura .....	76
3.2.9 Attivitajiet korporattivi – IT Korporattiv .....	81
3.2.10 Attivitajiet korporattivi – Oħrajn .....	84

Anness I.	Organigramma .....	93
Anness II.	Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività għall-2022–2024 (attivitajiet fit-taqsimi 3 Programm ta' Ħidma Annwali għall-2022).....	95
Anness III.	Riżorsi finanzjarji (Tabelli) għall-2022–2024.....	109
Anness IV.	Riżorsi Umani - Kwantitattivi .....	114
Anness V.	Riżorsi umani .....	120
Anness VI.	Ġestjoni ambjentali .....	128
Anness VII.	Politika dwar il-Bini – Sena 2021.....	131
Anness VIII.	Privileġġi u immunitajiet .....	134
Anness IX.	Evalwazzjonijiet.....	135
Anness X.	Strateġija dwar il-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern .....	137
Anness XI.	Pjan għal ftehimiet ta' għotjiet, ta' kontribuzzjonijiet jew tal-livell ta' servizzi.....	140
Anness XII.	Strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u/jew organizzazzjonijiet internazzjonali.....	141
Anness XIII.	Rekwiżiti addizzjonali tal-persunal .....	142
Anness XIV.	Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2022-2024 .....	146

# Lista ta' illustrazzjonijiet u tabelli

## Illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1. Organigramma .....	93
Illustrazzjoni 2: KPI Nru 15 tal-eu-LISA: Indikatur ambjentali .....	129

## Tabelli

Tabella 1. GĦAN STRATEĠIKU 1: Li tkompli tikber bħala kontributor għal u sieħeb ta' implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni .....	21
Tabella 2. GĦAN STRATEĠIKU 2: Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-Istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.....	26
Tabella 3. GĦAN STRATEĠIKU 3: Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni .....	26
Tabella 4. GĦAN STRATEĠIKU 4: Tevolvi aktar l-eu-LISA bħala organizzazzjoni effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE .....	27
Tabella 5. Għanijiet strateġiċi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni .....	33
Tabella 6. Farsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2020 .....	37
Tabella 7. Diżaggregazzjoni tal-baġit emendatorju tal-eu-LISA għall-2020 .....	38
Tabella 8. L-istimi tal-eu-LISA għall-persunal addizzjonali fl-2022 .....	42
Tabella 9. L-istimi tal-persunal tal-eu-LISA għall-perjodu 2022–2024 .....	44
Tabella 10. L-għadd ta' persunal għall-istruttura organizzazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2020 .....	94

# Abbrezzazzjonijiet u akronimi

<b>AFIS</b>	Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'
<b>AG</b>	Grupp Konsultattiv
<b>AK</b>	aġent kuntrattwali
<b>ALM</b>	Ġestjoni ta' Applikazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja
<b>ANPR</b>	Sistema ta' Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi
<b>AO</b>	Uffiċjal tal-Kontabilità
<b>AT</b>	Aġent Temporanju
<b>BC</b>	Argument għall-Vijabbiltà
<b>BCU</b>	Unità Ċentrali ta' Backup (ċentru ta' backup f'St Johann im Pongau)
<b>BMS</b>	Sistema ta' Tqabbil Bijometriku
<b>CAAR</b>	Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività
<b>CBS</b>	Sistema Kummerċjali Ewlenija
<b>CD</b>	Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
<b>CEOS</b>	Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea
<b>CG</b>	Gateway tat-Trasportaturi
<b>CI</b>	Interfaċċa tat-Trasportaturi
<b>CIR</b>	Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità
<b>CMDB</b>	Bażi tad- <i>data</i> tal-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni
<b>CMMI</b>	Integrazzjoni tal-Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità
<b>COTS</b>	Prodott Kummerċjalment Disponibbli
<b>CRRS</b>	Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika
<b>CSI</b>	Infrastruttura komuni kondiviża
<b>CSIRT-EULISA</b>	Skwadra ta' Rispons tal-eu-LISA għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters
<b>CSU</b>	Unità tas-Servizzi Korporattivi
<b>CU</b>	Unità Ċentrali
<b>DC</b>	Ċentru tad- <i>Data</i>
<b>DCaaS</b>	Ċentru tad- <i>Data</i> bħala Servizz
<b>DĠ</b>	Direttorat Ġenerali għall-Informatika
<b>INFORMATIKA</b>	
<b>Dol</b>	Dikjarazzjoni ta' Interess
<b>DTS</b>	Speċifikazzjonijiet Tekniċi Dettaljati
<b>DubliNet</b>	Network ta' Komunikazzjoni għall-Eurodac
<b>ECAB</b>	Bord Konsultattiv dwar it-Tibdil f'Emerġenza
<b>e-CODEX</b>	Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' <i>Data</i> Online
<b>ECRIS-TCN</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi
<b>ED</b>	Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA
<b>EDPS</b>	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad- <i>Data</i>
<b>EES</b>	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
<b>EFTA</b>	Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
<b>EiO</b>	Bidu tal-Ħidma
<b>EIRA</b>	Arkitettura Ewropea ta' Referenza għall-Interoperabbiltà
<b>EMS</b>	Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali
<b>ENISA</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà
<b>ENS</b>	Espert Nazzjonali Sekondat
<b>EOL</b>	Tmiem iċ-ċiklu tal-Ħajja
<b>EPMO</b>	Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża
<b>EPO</b>	Orkestrazzjoni tal-Politika tal-Punt tat-Tmiem u Kontroll tal-Apparat
<b>ESP</b>	Portal Ewropew tat-Tiftix
<b>ESU</b>	Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati
<b>ETIAS</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar

<b>EU FP għar-Riċerka u l-Innovazzjoni eu-LISA</b>	Programm Qafas tal-Unjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
<b>Eurodac</b>	Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Bażijiet tal-Bażijiet ta' <i>Data</i> Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil
<b>Eurojust</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
<b>Europol</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
<b>EUWS</b>	Stazzjon ta' Ħidma tal-Utenti Finali (network ta' ġestjoni tas-CBS ta' eu-LISA)
<b>FFR</b>	Regolamenti dwar il-Qafas Finanzjarju
<b>FG</b>	Grupp ta' funzjonijiet
<b>FLS</b>	Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz
<b>Frontex</b>	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
<b>FTE</b>	Ekwivalenti għall-Full-Time
<b>FwC</b>	Kuntratt Qafas
<b>ĠAI</b>	Ġustizzja u Affarijiet Interni
<b>ĠU</b>	Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
<b>GCU</b>	Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet
<b>HA</b>	Disponibbiltà Għolja
<b>HRU</b>	Unità tar-Riżorsi Umani
<b>HW</b>	Hardware
<b>IA</b>	Valutazzjoni tal-Impatt
<b>IAC</b>	Kapaċità tal-Awditjar Intern
<b>IAR</b>	Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt
<b>IAs</b>	Atti ta' Implimentazzjoni
<b>IAS</b>	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea
<b>IATA</b>	Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru
<b>ICD</b>	Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa
<b>ICF</b>	Qafas ta' Kontroll Intern
<b>ICT</b>	Teknoloġija tal-Infommazzjoni u Komunikazzjoni
<b>IMU</b>	Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura
<b>Interpol</b>	Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali
<b>IO</b>	Interoperabbiltà
<b>IR</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni
<b>ISMS</b>	Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infommazzjoni
<b>IT</b>	Teknoloġija tal-infommazzjoni
<b>ITIL</b>	Librerija tal-Infrastruttura tal-IT
<b>ITSM</b>	Ġestjoni tas-servizzi tal-IT
<b>KE</b>	Kummissjoni Ewropea
<b>KPI</b>	Indikatur Ewropewi tal-Prestazzjoni
<b>KUMM</b>	Kummissjoni Ewropea
<b>LFS</b>	Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva
<b>Manwal ECRIS</b>	Implimentazzjoni ta' Referenza għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali
<b>MB</b>	Bord tat-Tmexxija
<b>MC</b>	Kumitat tal-Ġestjoni
<b>MID</b>	Detettur ta' Identitajiet Multipli
<b>MRMIC</b>	Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern
<b>MWO</b>	Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali
<b>NTP</b>	Protokoll għas-Sinkronizzazzjoni tan-Network
<b>NUI</b>	Interfaċċa Nazzjonali Uniformi
<b>OCAB</b>	Bord Konsultattiv dwar it-Tibdil Operattiv
<b>OLA</b>	Ftehim dwar il-Livell Operattiv
<b>OPS</b>	Settur tal-Ippjanar Operattiv

<b>PD</b>	Dokument ta' Programmar (ukoll Dokument ta' Programmar Uniku, SPD)
<b>Pendenti</b>	Għandu jiġu deċiż
<b>PfA</b>	Proposta għall-Adattament
<b>PMB</b>	Bord tal-Ġestjoni tal-Programm
<b>PNR</b>	Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri
<b>PPE</b>	Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (pjattaforma)
<b>PPM</b>	Ġestjoni tal-Portafoll tal-Proġetti
<b>PRD</b>	Pjattaforma tal-Produzzjoni
<b>PSU</b>	Unità tal-Ippjanar u tal-Istandards
<b>QEA</b>	Qorti Ewropea tal-Awdituri
<b>R&amp;TM</b>	Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija
<b>R&amp;Ż</b>	Riċerka u Żvilupp
<b>RCA</b>	Analiżi tal-Kawża Ewlenija
<b>RFC</b>	Talba għal Kummenti
<b>Rfo</b>	Talba għal Offerta
<b>Riżorsi Umani</b>	Riżorsi Umani
<b>SAT</b>	Valutazzjonijiet u Ttestjar tas-Sigurtà
<b>sBMS</b>	Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku
<b>SCU</b>	Unità tas-Sigurtà
<b>SGAMI</b>	Secrétariat général pour l'administration du ministère de l'Intérieur
<b>SiMS</b>	Soluzzjoni Unika ta' Monitoraġġ Integrata
<b>SIRENE</b>	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti tad-Dħul Nazzjonali
<b>SIS</b>	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
<b>SM</b>	Stati Membri
<b>SM9</b>	Maniġer tas-Servizz HP verżjoni 9
<b>SMA</b>	Ġestjoni u Assigurazzjoni tas-Sigurtà
<b>SOE</b>	Operazzjonijiet ta' Sigurtà u Rispons
<b>SPD</b>	Dokument Uniku ta' Programmar
<b>SPoC</b>	Punt Uniku ta' Kuntatt
<b>SR</b>	Talba għal Servizz
<b>SW</b>	Software
<b>SYSPER</b>	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni Ewropea
<b>TAP</b>	Punt ta' Access għat-Turnkey
<b>TEF</b>	Qafas tal-Inġinerija Trasversali
<b>TESTA-ng</b>	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida
<b>TOF</b>	Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali
<b>TRMS</b>	Settur ta' Ġestjoni tat-Tranżizzjoni
<b>TTS</b>	Speċifikazzjonijiet Tekniċi tal-Offerti
<b>TTU</b>	Unità tat-Testijiet u tat-Tranżizzjoni
<b>UE</b>	Unjoni Ewropea
<b>UPD</b>	Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
<b>USK</b>	KIT tas-Software tal-Utenti
<b>VIS</b>	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
<b>WAN</b>	Network fuq Żona Wiesgħa
<b>WP</b>	Pakkett ta' Ħidma
<b>WS</b>	Servizzi Web
<b>WSUS</b>	Servizzi ta' Aġġornament tas-Server tal-Windows



# Daħla



**“eu-LISA wriet ruħha bħala sieħeb fdat u affidabbli għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri.”**

*Krum GARKOV*

L-2022 timmarka pass importanti fl-evoluzzjoni tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). Fl-10 sena tal-eżistenza tal-Aġenzija, l-Aġenzija tkun laħqet veloċità ta' ħidma komda fit-twettiq tal-mandat sħiħ tagħha kif deskritt fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA<sup>1</sup>. Meta wieħed iħares lura lejn dawn l-aħħar 10 snin, l-eu-LISA wriet ruħha bħala sieħeb fdat u affidabbli għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni prattika tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni. Barra minn hekk, l-eu-LISA saret konsulent imprezzabbli u kontributor ewlieni għat-trasformazzjoni diġitali li għaddejjha f'dan il-qasam fl-UE.

B'ħarsa 'l quddiem, l-2022 se tkun sena ta' sfida kbira għal eu-LISA peress li hija mistennija tlesti b'suċċess l-implimentazzjoni u d-đhul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvijaġġar (ETIAS), u se tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN u l-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà. Dawn il-proġetti jikkostitwixxu parti essenzjali mill-isforz usa' tal-eu-LISA biex tappoġġa u taċċellera t-trasformazzjoni diġitali fis-sigurtà interna u fil-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni madwar l-UE. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tmexxi l-implimentazzjoni tar-Regolament VIS rivedut, u possibbilment ir-Regolament Eurodac Riformulat ukoll. Fl-istess ħin, u filwaqt li l-Aġenzija hija fdata bir-responsabbiltà ġenerali li tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira, hija għaddejjha wkoll mit-trasformazzjoni interna tagħha stess biex twettaq b'mod effettiv il-mandat sħiħ tagħha.

L-implimentazzjoni simultanja ta' dawn il-kompiti kritiċi u ta' sfida kbira ħolqot ambjent operattiv kumpless ħafna għall-eu-LISA. Madankollu, ninsab kunfidenti li minħabba l-istruttura organizzazzjonali aġġornata l-ġdida tal-Aġenzija, flimkien ma' proċessi mtejba u **kontrolli** interni, l-eu-LISA se twassal riżultati eċċellenti.

Il-kumplessità tal-ambjent operattiv tal-eu-LISA hija riflessa fil-pjan annwali tal-Aġenzija għall-2022, filwaqt li tieħu gwida miż-żewġ settijiet ta' prijoritajiet li ġejjin:

## **Prijoritajiet ewlenin tan-negozju:**

- L-iżgurar tal-operat u s-servizzi stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-Sistemi ta' Negozju Ewlenin (jiġifieri, is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE).
- Il-proċediment bl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda (jiġifieri EES, ETIAS, Interoperabbiltà, ECRIS-TCN, Riformulazzjoni tal-VIS, Riformulazzjoni tal-Eurodac) f'konformità mal-pjanijiet direzzjonali miftiehma.
- Il-progress bit-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburgu, Franza.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

### **Prijoritajiet organizzazzjonali orizzontali:**

- Aktar tishiĥ tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-kwalità (inkluża l-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa).
- Aktar żvilupp u tishiĥ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-programmi u tal-portafoll.

L-għan ta' dan id-Dokument Uniku ta' Programmar (SPD) għall-perjodu 2022–2024 huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA fl-2022, u tar-riżorsi umani u finanzjarji allokat biex jintlaħqu l-oġġettivi ddikjarati. Barra minn hekk, dan jipprovdi perspettiva pluriennali għall-perjodu sal-2024, li tkopri l-attivitajiet u l-proġetti ewlenin tal-eu-LISA flimkien mar-riżorsi allokat. F'dan l-SPD, l-Aġenzija qed tintroduċi l-approċċ il-ġdid tagħha biex tippreżenta informazzjoni ewlenija rilevanti sabiex tirrifletti l-mudell operattiv il-ġdid tal-eu-LISA li ġie żvelat f'Settembru 2019. L-għan ta' dan l-approċċ il-ġdid għar-rapportar huwa li tiġi ottimizzata u kkonsolidata l-informazzjoni ppreżentata, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti għar-rapportar obligatorju stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea<sup>2</sup>.

Dan l-SPD tneġġja f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 44 tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA, u l-Artikolu 32 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

Minbarra dak li ntqal hawn fuq, l-SPD iservi l-finijiet li ġejjin:

- Li jipprovdi lill-persunal tal-Aġenzija bi gwida dwar il-prijoritajiet tal-eu-LISA u li jixpruna l-ippjanar tax-xogħol ta' dipartimenti, unitajiet u setturi individwali, filwaqt li jqis kemm l-oġġettivi proprji tal-Aġenzija, kif ukoll il-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-UE.
- Li jiżgura t-trasparenza għall-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija, u jagħti assigurazzjoni li l-eu-LISA qed tiegħu approċċ metodiku u konsistenti lejn l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha, u tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi umani u finanzjarji allokat.
- Li jservi bħala deċiżjoni ta' gwida għad-distribuzzjoni tal-baġit approvat tal-Aġenzija għall-attivitajiet ippjanati fl-2022.

Fl-aħħar nett, minbarra li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prijoritajiet tal-Aġenzija għas-sena 2022, dan l-SPD iħares 'il quddiem b'dettalji tal-attivitajiet u r-riżorsi pplanati għall-perjodu 2022-2024, allinjati mal-għanijiet strateġiċi ġenerali u l-oġġettivi tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija. Nittama li dan l-approċċ il-ġdid għall-ipprogrammar u r-rapportar operattiv jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tagħna u lill-pubbliku b'ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet attwali u futuri tagħna, u b'hekk irawwem fehim aħjar tal-fokus operattiv fit-tul tal-eu-LISA.

### **Krum Garkov**

Direttur Eżekuttiv

---

<sup>2</sup> C(2020) 2297 final

# Id-dikjarazzjoni tal-missjoni

L-għan tad-Dokument Uniku ta' Programmar tal-2022-2024 tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) huwa li jagħti farsa ġenerali strutturata lejn l-attivitajiet u l-objettivi tal-Aġenzija ppjanati għall-perjodu msemmi hawn fuq.

## Informazzjoni ta' sfond

L-Aġenzija ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, li sar operattiv fl-1 ta' Diċembru 2012, biex tipprovdi soluzzjoni fit-tul fil-livell tal-UE għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-11 ta' Diċembru 2018, daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Stabbiliment (UE) 2018/1726 tal-eu-LISA, u b'hekk fassar u ssostitwixxa r-regolament preċedenti tal-eu-LISA. Dan ir-Regolament rivedut kabbar il-mandat tal-Aġenzija, filwaqt li saħħa il-kapaċità tal-eu-LISA li ttejjeb u tiżviluppa sistemi ta' informazzjoni għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni Ewropej, kif ukoll iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Bħalissa, l-eu-LISA tissorvelja t-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT Ewropej fuq skala kbira li ġejjin: is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),<sup>3</sup> is-Sistema ta' informazzjoni dwar il-Viża (VIS)<sup>4</sup> u s-Sistema Ewropea għat-Tqabbil tal-Bażijiet ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil (Eurodac)<sup>5</sup>. Dawn is-sistemi, u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom, huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel taż-Żona Schengen. Fil-fruntieri esterni taż-Żona Schengen, dawn is-sistemi tal-IT huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-ażil u l-viżi.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija qed tiżviluppa wkoll is-Sistema ta' Dħul/ħruġ (EES)<sup>6</sup>, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS)<sup>7</sup>, is-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat (ECRIS-TCN)<sup>8</sup> u l-komponenti l-ġodda li ser isawru l-qafas għall-interoperabbiltà tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, skont ir-regolamenti tal-interoperabbiltà<sup>9</sup>.

## Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tagħna

Il-missjoni tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-mandat legali tagħha previst fir-Regolament (UE) 2018/1726 u tiffoka fuq **l-appoġġ permezz tat-teknoloġija tal-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħna biex l-Ewropa tinżamm miftuħa u sigura.**

Din il-missjoni tingħata permezz tal-viżjoni tal-Aġenzija, li hija li **jiġu pprovduti servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti, li jallinjaw sistematikament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-UE u tal-Istati Membri, li jimmuturaw bħala sieħeb rikonoxxut u fdat fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

Il-missjoni u l-viżjoni tal-Aġenzija jissarrfu f'attivitajiet operattivi permezz tal-valuri ewlenin tal-eu-LISA, li jixprunaw u jsostnu l-attivitajiet operattivi kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija:

- **Akkontabilità:** l-iskjerament ta' qafas ta' governanza b'saħħtu, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba.
- **Trasparenza:** il-provvista ta' komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involvement tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi definita strateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.
- **Eċċellenza:** li jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni t-tajba u l-proċessi t-tajba sabiex jiġu żgurati l-kontinwità fis-servizz u l-komprensività funzjonali tal-ġhodod ipprovduti lill-Istati Membri.
- **Kontinwità:** l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppahom.
- **ħidma f'tim:** it-tfittxija tal-ġhotti ta' setgħa lil kull membru individwali tat-tim sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u mill-esperjenza tiegħu, b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess komuni.
- **L-attenzjoni lejn il-klijent:** l-iżgurar li l-Aġenzija hija allinjata fi kwalunkwe ħin mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1860, ir-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106; ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1-23; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63-84.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60-81.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31-59.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20-82.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71 u r-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-73.

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-135.

### Protezzjoni tad-data


Fit-twettiq tal-missjoni, l-objettivi u l-attivitajiet ta' kuljum tagħha, l-Aġenzija tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data, f'konformità mal-liġi,<sup>10</sup> billi tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira, kif previst fl-Artikolu 2(f) tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA. L-Aġenzija tosserva wkoll id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali minqax fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u speċjalment il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Fl-implimentazzjoni tas-sistemi, u l-interoperabbiltà tagħhom, l-eu-LISA tagħti attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2018/1725, mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

### Il-post tagħna


Is-sede tal-Aġenzija tinsab f'Tallinn, l-Estonja, filwaqt li t-tmexxija operattiva tas-sistemi fdati lill-Aġenzija ssir fi Strasburgu, Franza. L-eu-LISA għandha wkoll sit ta' backup tekniku f'St Johann im Pongau, l-Awstrija, u uffiċċju ta' kollegament fi Brussell, il-Belġju.

### Qafas ġuridiku

L-Artikolu 24(3)(g) tar-Regolament (UE) 2018/1726 jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv iħejji u jissottometti l-abbozz tad-Dokument Uniku ta' Programmar tal-Aġenzija lill-Bord tat-Tmexxija, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni u mal-Gruppi Konsultattivi. L-Artikolu 19(1)(q) u (r) tal-istess Regolament jirrikjedi li l-Bord tat-Tmexxija jadotta d-Dokument Uniku ta' Programmar tal-Aġenzija.



<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.



# IL-KUNTEST ĠENERALI

# 1 Il-kuntest ġenerali

Fis-snin li ġejjin, l-UE se tkompli tiffaċċja sfida doppja: li tibqa' miftuħa, bħala parti minn dinja globalizzata u interkonnessa, u li tibqa' sikura billi tigarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha.

F'dawn l-aħħar snin, feġġew theddidiet ta' sigurtà ġodda, dejjem aktar kumplessi, transfruntiera u transsettorjali, li jenfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar is-sigurtà fil-livelli kollha. Il-kriżi tal-coronavirus poġġiet ukoll is-sigurtà Ewropea f'fokus qawwi, filwaqt li ttestjat ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tal-Ewropa, it-tnejjija għall-kriżijiet u s-sistemi tal-ġestjoni ta' kriżijiet. Il-linji gwida politiċi tal-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen<sup>11</sup> se jkunu għal kooperazzjoni mtejbja biex jiġu protetti dawk kollha li jgħixu fl-Ewropa u għall-adozzjoni ta' qafas ġdid għall-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Kemm l-**Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE**<sup>12</sup> u l-**Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**,<sup>13</sup> iservu bħala elementi kostitwenti għall-operazzjonijiet u l-missjoni tal-Aġenzija. Is-sistemi tal-IT fuq skala kbira jibqgħu prekundizzjoni importanti għall-funzjonament kontinwu taż-żona Schengen u l-iżvilupp tal-arkitettura tal-interoperabbiltà se jkun pass kwalitattiv lejn Ewropa aktar sikura u reżiljenti.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija se tkompli tkun kontributor ewlieni għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, immirati lejn it-tiżiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri, tal-migrazzjoni u tal-ażil kif ukoll tas-sigurtà interna. L-Aġenzija se tkompli tipprovi s-servizzi meħtieġa lill-partijiet ikkonċernati tagħha, meta jitqiesu l-istandards għoljin miksubin sa issa.

Wara l-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019-2024, l-eu-LISA se tkompli tappoġġa d-diversi objettivi li jaqgħu taħt il-mandat tagħha. Taħt l-objettiv "**Il-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew**", l-Aġenzija se tappoġġa t-tiżiħ tal-fruntieri esterni tal-UE bl-implimentazzjoni tal-għanijiet fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u r-riforma tas-sistema tal-ażil sabiex tirtorna għal żona Schengen li taħdem bis-sħiħ. Taħt l-għan ta' "**Ewropa lesta għall-era diġitali**", l-eu-LISA se tkompli tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u l-applikazzjoni futura tagħha għas-sistemi tal-IT biex iżżid l-iskambju ta' informazzjoni, f'konformità mal-qafas rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-*data*.

Barra minn hekk, il-ħidma tal-eu-LISA hija ggwidata mill-**Istrateġija ta' Schengen** tal-Kummissjoni<sup>14</sup> u mill-proposta għal Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen (SEMM) aġġornat<sup>15</sup>. L-Istrateġija ta' Schengen tagħti gwida dwar kif tissaħħaħ u tittejjeb ir-reżiljenza taż-żona Schengen – l-akbar żona ta' moviment liberu tad-dinja. L-emendi proposti għall-SEMM huma maħsuba biex jgħinu lill-Istati Membri jimplimentaw l-acquis ta' Schengen billi jsaħħu diversi elementi tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, inkluż ir-rwol tal-Aġenziji tal-ĠAI tal-UE. Fil-prinċipju, is-sistemi kollha tal-IT operati mill-eu-LISA ġew stabbiliti bħala miżuri ta' kumpens biex jiffaċilitaw il-moviment liberu fiż-żona Schengen. Għalhekk, l-iżgurar tal-evoluzzjoni kontinwa tagħhom huwa ta' importanza kbira għall-UE.

Fir-rigward tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi, il-ħidma tal-eu-LISA tiegħu gwida mill-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar **regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (AI)**<sup>16</sup> – sett ta' regoli armonizzati applikabbli għad-disinn, l-iżvilupp u l-użu ta' ċerti sistemi tal-AI ta' riskju għoli, kif ukoll restrizzjonijiet fuq ċertu użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika mill-bogħod. Madankollu, din il-proposta għal regolament ma taffettwax diversi inizjattivi eżistenti tal-AI issorveljati mill-eu-LISA, bħas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS), ir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS), u s-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS). FI-2021, l-eu-LISA stabbiliet Grupp ta' Ħidma ddedikat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, korp konsultattiv informali li jinkludi esperti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-Aġenziji rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħejjiet Pjan Direzzjonali għall-integrazzjoni tal-AI fil-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE. Bħalissa, l-eu-LISA qed tibni portafoll komprensiv ta' inizjattivi relatati mal-użu prattiku tal-AI fis-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha.

<sup>11</sup> Il-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni li jmiss (2019-2024) - "Unjoni li tirsisti għal aktar: L-aġenda tiegħi għall-Ewropa" [https://ec.europa.eu/info/files/political-guidelines-new-commission\\_mt](https://ec.europa.eu/info/files/political-guidelines-new-commission_mt)

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM (2020) 605 final.

<sup>13</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil COM (2020) 609 final.

<sup>14</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ" COM (2021) 277 final.

<sup>15</sup> Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, COM (2021) 278 final.

<sup>16</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni, COM/2021/206 final.

Barra minn hekk, l-Aġenzija hija impenjata li ssaħħa il-kapaċitajiet tagħha u tespandi l-għarfien espert tagħha fl-AI, filwaqt li tappoġġa l-intenzjoni mħabbra mill-Kummissjoni Ewropea biex l-eu-LISA ssir iċ-Ċentru ta' Eċċellenza fl-AI tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-eu-LISA tista' tkun strumentali wkoll fl-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-AI fil-qasam tal-ġustizzja tal-UE.

L-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, tas-sigurtà interna, tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni Ewropea għaddejjin minn trasformazzjoni kbira, li timxi b'mod kostanti mid-dinja fiżika għad-dinja virtwali, għalhekk, l-eu-LISA tirrikonoxxi l-isfidi li jirriżultaw mill-era diġitali u hija impenjata li tiżgura li l-attivitajiet kollha tagħha jkunu konformi mal-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, jiġifieri, id-Direttiva Riveduta dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni (id-Direttiva NIS2)<sup>17</sup> – firxa wiesgħa ta' miżuri biex jiġi żgurat l-iskambju sigur ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji rilevanti tal-UE, kif ukoll is-sigurtà ġenerali tas-sistemi tal-IT issorveljati mill-eu-LISA. L-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 urew il-ħtieġa għal diġitalizzazzjoni mtejbja fl-UE u ħolqu opportunità biex jiġu aċċellerati l-inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni. Għalhekk, l-UE għandha tesplora aktar il-kapaċitajiet tat-teknoloġija biex tikkontribwixxi għat-twertiq tal-prijoritajiet għad-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Teknoloġiji ġodda u innovattivi se jgħinu biex tiġi żgurata kooperazzjoni operattiva aktar effettiva bejn il-partijiet ikkonċernati kollha involuti, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE. L-implimentazzjoni u l-użu ta' sistemi u għodod tal-IT aktar sofistikati, flessibbli u integrati fil-livell tal-UE se jsiru komponent vitali tar-rispons tal-UE għal theddid modern għas-sigurtà. Is-sistemi u l-bażijiet tad-data tal-IT fuq skala kbira huma kruċjali kemm għas-sigurtà interna kif ukoll għal dik esterna tal-UE. L-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-interoperabbiltà tagħhom se jaqdu aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti finali, billi jipprovdur approċċ integrat biex tiġi żgurata s-sigurtà interna u biex jadattaw għat-theddidiet u d-domandi ta' politika li qed jinbidlu.

L-eu-LISA tipprovdur l-għarfien espert meħtieġ biex jiġu żviluppati u ġestiti sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom fuq bażi 24/7 għall-Istati Membri tal-UE, għall-pajjiżi assoċjati u għal diversi Aġenziji tal-UE. L-Aġenzija tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-iskambju kostanti tagħhom ta' informazzjoni madwar l-Ewropa filwaqt li tapplika l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tal-informazzjoni.

#### **PRIJORITAJIET GĦALL-2022. L-Aġenzija se tkompli tindirizza tliet oqsma speċifiċi:**

- Se **tibqa' ffukata fuq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha**, jiġifieri t-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni ulterjuri tas-sistemi fdati lilha.
- Se **tkompli żżid il-kontribut tagħha lill-Istati Membri u lill-UE kollha kemm hi**, permezz tal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi ġodda, u billi tikkapitalizza fuq l-għarfien, l-esperjenza u l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tal-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira.
- Se **tkompli t-trasformazzjoni tagħha** biex tottimizza l-istruttura tagħha għal domandi ġodda.

Is-sistemi eżistenti bħalissa, jiġifieri s-SIS, il-VIS u l-Eurodac, huma u se jiġu aġġornati u integrati fl-arkitettura ġenerali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Barra minn hekk, sistemi ġodda, bħall-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN, se jsiru operattivi u l-komponenti tal-interoperabbiltà (jiġifieri, l-sBMS, is-CIR, l-ESP, l-MID u s-CRRS) se jiġu żviluppati wkoll.

Filwaqt li ttejjeb is-sistemi tal-IT eżistenti u tiżviluppa ġodda, l-Aġenzija se tesplora l-potenzjal sħiħ tar-responsabbiltajiet estiżi tagħha f'diversi oqsma skont ir-Regolament ta' Stabbiliment, bħal fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-kwalità tad-data u l-appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar diversi proġetti. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija tista' tiġi fdata wkoll bit-twertiq ta' proġetti pilota, provi tal-kunċett u attivitajiet ta' ttestjar.

Ir-regolamenti tal-UE adottati fl-2018 għar-riforma u t-tiżiħ tas-SIS, li l-implimentazzjoni tagħhom se tiġi ffinalizzata sal-aħħar tal-2021, saħħew il-kapaċità tas-SIS li tappoġġa l-isforzi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera u t-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni permezz ta' skambju ta' informazzjoni aktar effettiv bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji rilevanti tal-UE. L-adozzjoni tar-Regolament VIS rivedut hija mistennija fl-2022, u l-Aġenzija hija lesta li tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet meħtieġa, hekk kif l-istrumenti legali jidhru fis-seħħ. Abbażi tal-għanijiet tal-Kummissjoni Ewropea għat-tiżiħ tad-diġitalizzazzjoni, l-Aġenzija se tkompli bl-appoġġ tagħha għad-diġitalizzazzjoni tal-iapproċessar tal-viża.

<sup>17</sup> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni ta' Ċibersigurtà fl-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, COM (2020) 823 final.

F'Settembru 2019 tlesta studju inizjali ta' fattibbiltà, u fl-2021 l-eu-LISA wettqet proġett dwar l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prototip għal portal tal-UE dwar l-applikazzjoni online tal-viża.<sup>18</sup> Il-"proġett tal-viża elettronika" ġie ffinalizzat sa tmiem l-2021. Dan kien l-ewwel proġett eżegwit mill-Aġenzija skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament li jstabbilixxi. F'konformità mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil propost u l-proposta tal-Kummissjoni għar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac<sup>19</sup>, l-eu-LISA se tgħin fit-trasformazzjoni tal-Eurodac f'bażi tad-*data* Ewropea komuni biex tappoġġa l-politiki tal-UE dwar l-ażil, ir-risistemazzjoni u l-migrazzjoni irregolari. Se tappoġġa l-applikazzjoni tal-miżuri previsti fil-proposta għal Regolament ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (eż. ir-rilokazzjoni, il-bidla fir-responsabbiltà) u tiżgura konsistenza mal-proposta għal Regolament dwar l-Iskrinjar. Billi l-Eurodac tkun tista' tgħodd applikanti individwali (minbarra l-applikazzjonijiet), se tinġabar *data* aktar kompluta biex dawk li jfasslu l-politika jiġu infurmati u b'hekk tgħin aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fl-individwazzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati.

Fir-rigward tal-**iżvilupp ta' sistemi ġodda**, l-Aġenzija ħadmet fuq l-implimentazzjoni tal-EES u tal-ETIAS wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti rispettivi tagħhom. Id-dħul fis-seħħ tal-EES huwa skedat għal Mejju 2022. L-EES tirreġistra elettronikament il-ħin u l-post tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għal soġġorn qasir fit-territorju tal-Istati Membri u tikkalkula t-tul ta' żmien tas-soġġorn awtorizzat tagħhom. Din se tissostitwixxi l-prattika attwali tal-istampar manwali tal-passaporti b'reġistrazzjoni elettronika f'bażi tad-*data* ċentrali ta' informazzjoni bijografika u bijometrika.

Id-dħul fis-seħħ tal-ETIAS huwa skedat għal tmiem l-2022. L-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS taw kamp ta' applikazzjoni addizzjonali lill-eu-LISA biex tkompli bl-implimentazzjoni tal-ETIAS. Ladarba tkun operattiva, l-ETIAS se tintuża miċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jkunu qed jipplanaw li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen biex japplikaw għall-awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar online. Għandha tiġi ppreżentata informazzjoni personali minima u l-informazzjoni se tiġi pproċessata awtomatikament u mqabbla ma' għadd ta' bażijiet tad-*data* eżistenti tal-UE (Eurodac, SIS u VIS), sistemi futuri bħall-EES u l-ECRIS-TCN, u bażijiet tad-*data* rilevanti tal-Europol u tal-Interpol. Dan se jippermetti l-verifika minn qabel ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, għall-migrazzjoni irregolari jew għas-saħħa pubblika.

Bħala pass lejn iż-żieda tal-**kontribuzzjoni tagħha għad-dominju tal-ġustizzja**, l-eu-LISA ħadet f'idejha l-manutenzjoni tal-Implimentazzjoni ta' Referenza tal-ECRIS (ECRIS RI) f'April 2020 u hija responsabbli għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tal-ECRIS-TCN. Ladarba jitlestew sal-2023, l-ECRIS u l-ECRIS-TCN se jgħinu lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lil awtoritajiet rilevanti oħra jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali ta' ċittadin ta' pajjiż terz, irrispettivament mill-Istat Membru fejn dik il-persuna tkun ġiet ikkundannata qabel. B'dan il-mod, l-ECRIS-TCN se tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji f'żona komuni ta' ġustizzja u sigurtà fejn inies jivvjaġġaw liberament, bħaż-Żona Schengen.

Ir-responsabbiltà l-ġdida tal-eu-LISA għall-operat tal-ECRIS-TCN hija pass importanti għall-Aġenzija peress li se tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u se tgħin biex jiġu stabbiliti Prattiki ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati mill-awtoritajiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, l-eu-LISA qed tistenna li jkollha rwol sinifikanti fiż-żieda tad-diġitalizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni ġudizzjarja.

Fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX).<sup>20</sup> L-effett tal-proposta se jkun li tafda l-iżvilupp u ż-żamma ulterjuri tal-e-CODEX lill-eu-LISA sa mhux aktar tard minn Lulju 2023. L-e-CODEX huwa faċilitatur teknoloġiku ewlieni għall-immodernizzar, permezz tad-diġitalizzazzjoni, tal-komunikazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera. Dan jitqies bħala l-ewwel element kostitwenti ta' portafoll akbar ta' servizzi diġitali fil-qasam tal-ġustizzja, kompletament f'konformità mal-Programm propost għall-Ġustizzja Diġitali.

Fil-qasam tal-ġustizzja kriminali diġitali, l-eu-LISA tinsab lesta li taġġorna u timmodernizza għodod għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-iskambju ta' informazzjoni f'każijiet kriminali madwar l-UE, f'konformità mal-mandat tagħha, peress li dawn l-għanijiet huma ċentrali f'termini tax-xenarju tat-theddida għas-sigurtà li qed jevolvi u l-pass mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi. Il-ħtieġa għal reazzjoni immedjata u għal għodod diġitali kompliet titqajjem mill-kriżi tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni tal-Istati Membri għandhom

<sup>18</sup> Abbażi tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) u l-Kummissjoni Ewropea (DG HOME) għal Proġett ta' Appoġġ Tekniku biex Jiżviluppa u Jittestja Prototip tal-Portal tal-UE dwar l-Aplikazzjoni għal Viża Online, iffirmat fl-24.07.2020.

<sup>19</sup> Proposta emendata għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac", għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818, COM(2020) 614 final

<sup>20</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, COM/2020/712 final



ikunu jistgħu jikkomunikaw minnufih u b'mod effiċjenti ma' xulxin, u mal-aġenziji tal-ĠAI u l-korpi tal-UE rilevanti meta jkunu involuti fl-investigazzjoni ta' reati transfruntiera serji. Għaldaqstant, l-eu-LISA se tikkoopera mal-korpi tal-UE u mal-aġenziji tal-ĠAI kif meħtieġ biex tistabbilixxi l-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa.

F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà, l-Aġenzija se tkompli tistabbilixxi l-**qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE** fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni kif adottat f'Mejju 2019. L-Aġenzija se taħdem biex tibni l-arkitettura l-ġdida għall-interoperabbiltà biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' informazzjoni ġodda jew aġġornati biex twassal għal informazzjoni aktar rapida u aktar sistematika għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, għall-gwardji tal-fruntieri u għall-uffiċjali tal-migrazzjoni. L-interoperabbiltà hija ċ-ċavetta biex isir użu massimu, skont il-qafas legali tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*, tad-*data* disponibbli biex jiġu evitati lakuni fl-informazzjoni permezz tal-għoti tad-disponibbiltà tad-*data* lill-awtoritajiet tal-pulizija, lill-gwardji tal-fruntiera, lill-awtoritajiet tal-viża, tal-ażil u ġudizzjarji, u l-kondiviżjoni u s-sinkronizzazzjoni tat-tipi differenti ta' informazzjoni disponibbli fid-diversi sistemi.

It-teknoloġiji użati mill-eu-LISA se jgħinu lil hinn minn soluzzjonijiet kompartmentalizzati skaduti lejn approċċ olistiku ġdid li jirrispetta bis-sħiħ l-oġettivi oriġinali u l-garanziji tal-protezzjoni tad-*data* tas-sistemi individwali. L-eu-LISA taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen<sup>21</sup>, l-Istituzzjonijiet Ewropej u Aġenziji oħra tal-ĠAI biex tiżgura li s-soluzzjonijiet ikopru r-rekwiżiti tan-negozju u tal-protezzjoni tad-*data* filwaqt li jibqgħu teknikament fattibbli. Fost l-Aġenziji tal-ĠAI, l-eu-LISA tikkoopera prinċipalment mal-Frontex u mal-Europol fl-implimentazzjoni tal-elementi differenti tas-sistemi ta' informazzjoni l-ġodda u tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, eż. il-gateway tat-trasportaturi u l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS.

Bħala parti mill-isforzi għall-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni, l-eu-LISA se tiżviluppa Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS). Rapporti komprensivi bl-użu ta' *data* anonimizzata, inkluża l-kapaċità ta' personalizzazzjoni, se jiġu pprovduti lill-partijiet ikkonċernati dwar l-użu tas-sistema u l-istatistika, f'konformità mar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà u regolamenti rilevanti oħra.

Fir-rigward tal-**kwalità tad-*data***, taħt il-mandat estiż tagħha u skont ir-Regolament ta' Stabbiliment rivedut, l-eu-LISA se tkompli tipprovdi appoġġ operattiv lill-Istati Membri, u ttejjeb il-kapaċità tagħha li tistabbilixxi mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti legali rilevanti li jirregolaw is-sistemi fdati lill-Aġenzija. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u sigura tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, l-eu-LISA hija fdata bid-definizzjoni u l-konsolidazzjoni tal-istandards bażiċi komuni għall-finijiet tal-kwalità tad-*data* u taċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tesplora, mal-Aġenziji rilevanti tal-UE u b'mod partikolari mal-Frontex, l-għażliet biex jiġu armonizzati r-rekwiżiti għat-tagħmir u għas-soluzzjonijiet użati fil-ġestjoni tal-fruntieri.

Fl-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE, l-Aġenzija se tagħmel sforzi kbar biex tiżgura **livell għoli ta' sigurtà** tas-sistemi tal-informazzjoni li jkunu ġew fdati lilha, fosthom billi taħdem biex ittaffi kwalunkwe attakk ċibernetiku potenzjali. Sabiex tindirizza b'mod adegwat ir-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà li jaffaċċjaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija, l-eu-LISA se tkompli bl-approċċ proattiv tagħha f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-aġenziji rilevanti tal-UE. Iż-żieda tar-reżiljenza għaċ-ċiberattakki u l-iżgurar tas-sigurtà tan-negozju ewlieni u tas-sistemi l-ġodda huma ta' importanza kbira, speċjalment fir-rigward tal-EES u tal-ETIAS, li huma l-ewwel sistemi taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija li jsiru direttament disponibbli għall-utenti fuq l-internet, u għalhekk huma aktar esposti għat-theddid ċibernetiku. L-Aġenzija se tiffoka fuq it-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-arkitettura u l-proċeduri taċ-ċibersigurtà tas-sistemi operati permezz ta' monitoraġġ, ipplanar u reazzjoni b'mod proattiv għar-riskji potenzjali.


Minħabba l-evoluzzjoni tax-xenarju tat-theddid għas-sigurtà, qed isiru diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar kif is-sistemi deċentralizzati, bħall-PNR, l-API u Prüm, jistgħu jiġu żviluppati aktar sabiex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u jiġi pprovdut aċċess aħjar u aktar iffaċilitat għad-*data*. L-eu-LISA se tkompli tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-Aġenziji rilevanti tal-UE u lill-Istati Membri, filwaqt li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma f'dan il-qasam biex jiġu koperti s-sistemi l-ġodda u l-komponenti tal-interoperabbiltà. Dawn l-isforzi se jiġu appoġġati permezz ta' pjattaforma aġġornata, sigura u affidabbli tagħha għat-tagħlim elettroniku.

---

<sup>21</sup> F'konformità mal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni minn dawk l-istati fl-aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 138/12, 24.5.2019, p. 11), il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen bħan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitàjiet tal-eu-LISA kif deskritt fir-Regolament ta' stabbiliment tal-aġenzija. In-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein iddepożitaw l-istrumenti ta' approvazzjoni tagħhom tal-Arranġament imsemmi hawn fuq b'effett mill-1 ta' Jannar 2020 għan-Norveġja u mill-1 ta' Marzu 2020 għall-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Is-sottomissjoni tal-istrument rispettiv mill-Iżlanda hija pendenti.

L-Aġenzija se tkompli żżomm **relazzjonijiet** mill-qrib u effettivi **mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Aġenziji** bħala partijiet ikkonċernati ewlenin tal-eu-LISA. L-Aġenzija se tkompli tappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-UE bit-tagħrif u l-għarfien espert tagħha fil-fora rilevanti. L-eu-LISA kkonkludiet arranġamenti ta' ħidma ma' diversi Aġenziji tal-UE (CEPOL, EASO, ENISA, Eurojust, Europol, FRA u Frontex), u se tkompli timplimentahom u tikkonkludi pjanijiet ta' kooperazzjoni pluriennali aktar dettaljati mal-Aġenziji. Minħabba l-mandat ewleni tal-eu-LISA u r-regolamenti applikabbli, l-eu-LISA tipprovdi lill-Aġenziji speċifiċi tal-ĠAI (il-Europol, il-Eurojust u l-Frontex) b'aċċess sigur u affidabbli għas-sistemi tal-IT taħt il-ġestjoni tagħha u l-assistenza teknika korrispondenti. Barra minn hekk, l-eu-LISA tappoġġa xi Aġenziji tal-UE billi tospita l-infrastruttura ta' rkupru għas-servizzi tal-ICT tagħhom. Fejn ikun hekk previst mil-liġi tal-UE, sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha, l-arranġamenti ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Interpol u l-IATA, jistgħu jġigu żviluppati wkoll f'konformità mar-Regolament tal-Aġenzija, u wara l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, l-eu-LISA se tkompli taħdem fuq it-**trasformazzjoni interna** tagħha sabiex iżżomm u tevolvi l-aġilità u l-effiċjenza tagħha. L-Aġenzija se tkompli tirfina l-mudell operattiv trasversali l-ġdid u s-sistema ta' kontroll intern tagħha biex tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi allokatu lill-Aġenzija u biex timmassimizza l-valur miżjud tas-servizzi tagħha lill-Istati Membri u lill-UE kollha kemm hi.



# IPPROGRAMMAR PLURIENNALI

## 2 Programmar Pluriennali għall-2022-2024

### 2.1 Programm ta' ħidma pluriennali

#### 2.1.1 Strateġija fit-tul

Fl-2021, l-Aġenzija rrevediet u aġġornat l-istrateġija fit-tul tagħha biex tirrifletti l-mandat rivedut u estiż tagħha u l-prijoritajiet il-ġodda. L-istrateġija aġġornata ġiet definita fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija filwaqt li tqiesu l-bidliet fl-ambjent operattiv u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp istituzzjonali tal-Aġenzija. L-oġġettivi strateġiċi deskritti hawn taħt jikkonformaw u jfittxu li jsaħħu l-missjoni primarja tal-eu-LISA li tinkiseb l-eċċellenza fis-soluzzjonijiet tal-IT u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iżommu l-Ewropa miftuħa u sigura.

Għal dak il-għan, l-Aġenzija organizzat il-prijoritajiet tagħha skont l-**erba' għanijiet strateġiċi li ġejjin**:



#### Għan strateġiku 1:

Li tkompli tikber bħala kontributor għal u bħala sieħeb ta' implimentazzjoni għall-politiki rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni



#### Għan strateġiku 2:

Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni



#### Għan strateġiku 3:

Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni



#### Għan strateġiku 4:

Tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet speċifiċi, il-kompiti tal-proġett u dawk mhux tal-proġett, flimkien mar-riżorsi aggregati meħtieġa li se jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-għanijiet u l-oġġettivi strateġiċi tal-Aġenzija.

#### 2.1.2 Oġġettivi, attivitajiet, proġetti/kompiti u riżorsi għall-perjodu 2022-2024<sup>22</sup>

It-Tabella 1 hawn taħt turi l-ippjanar indikattiv għall-ħidma tal-Aġenzija għall-perjodu 2022-2024. Il-fokus huwa fuq kif se jintlaħqu l-għanijiet u l-oġġettivi strateġiċi u din telenka l-attivitajiet li se jikkontribwixxu biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi u r-riżorsi meħtieġa biex isir dan. L-istimi tar-riżorsi għall-2023 u l-2024 huma indikattivi u se jkunu soġġetti għal bidliet fl-SPDs li ġejjin meta tkun disponibbli informazzjoni aktar preċiża.

<sup>22</sup> L-Artikolu 32 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

**Tabella 1. GĦAN STRATEGĠIKU 1: Li tkompli tikber bħala kontributor għal u sieħeb ta' implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni**

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal- bidu	Data tat- tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>23</sup>			FTEs <sup>24</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
<b>Li tkompli ttejjeb il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data, tat-teknoloġija u tal-għarfien espert ipprovduti mill-eu-LISA lill-partijiet ikkonċernati tagħha</b>				<b>66 974 806 00</b>	<b>12 167 000 00</b>	<b>6 115 000 00</b>	<b>53.26</b>	<b>21.65</b>	<b>9.25</b>
<b>Attivitajiet Korporattivi – Oħrajn</b>	L-implimentazzjoni tal-pjan ta' Taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija	01/2022	12/2022						
	Valutazzjoni komparattiva indipendenti tat-tmexxija operattiva tas-sistemi ewlenin tan-negożju	01/2022	12/2022						
<b>Tmexxija Operattiva/ Riformulazzjonijiet - SIS</b>	Aġġornament ġdid tal-Magna tat-Tiftix u ta' Oracle għas-SIS, it-titjib tad-disponibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (kontinwazzjoni mill-2019)	06/2018	12/2022						
	Implimentazzjoni ta' qafas legali ġdid tas-SIS (kontinwazzjoni mill-2019)	01/2019	06/2022						
	Rilaxx ta' Sistema Ċentrali ġdida tas-SIS II, inklużi funzjonalitajiet tad-deċiżjoni ta' ritorn (Kontinwazzjoni mill-2021)	01/2019	06/2022						
<b>Sistemi Ġodda/ Innovazzjoni - Interoperabbiltà</b>	Implimentazzjoni tal-Faġi 2 tal-AFIS tas-SIS (Kontinwazzjoni mill-2019)	01/2019	06/2022						
	Żvilupp tar-repożitorju Ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) (kontinwazzjoni)	<b>01/2021</b>	<b>12/2022</b>						
	Valutazzjoni tal-Impatt għall-migrazzjoni tas-SIS II lejn l-sBMS	02/2024	09/2024						
	L-iżvilupp ECRIS-TCN fl-sBMS	02/2023	09/2023						
	Implimentazzjoni tal-BMS / sBMS tal-EES (kontinwazzjoni mill-proġett tal-EES tal-2019)	01/2019	11/2022						
	Żvilupp tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP)	01/2021	12/2023						

<sup>23</sup> Titolu 3 Spejjeż

<sup>24</sup> Total ta' FTEs disponibbli (li ma jinkludux personal addizzjonali meħtieġ jew fornituri esterni tas-servizzi).

	Żvilupp ta' Detettur ta' identitajiet multipli (MID)	01/2021	12/2023
	It-tnejn tal-iżvilupp ECRIS-TCN fl-sBMS	03/2022	12/2022
	Preparazzjoni: Impatt tal-MID fuq l-sBMS	03/2022	12/2022
	Integrazzjoni funzjonali/migrazzjoni tad- <i>data</i> tal-VIS sBMS u disponibbiltà akbar	06/2020	11/2022
<b>Sistemi Ġodda/</b>	Żvilupp tal-ECRIS-TCN	01/2018	12/2022
<b>Innovazzjoni – Fruntieri Intelliġenti</b>	Implimentazzjoni ewlenija tal-EES (kontinwazzjoni)	01/2019	10/2022
	Implimentazzjoni tas-servizzi tal-web tal-EES/ETIAS (finalizzazzjoni)	06/2020	02/2022
	Implimentazzjoni tal-ETIAS (kontinwazzjoni)	09/2018	12/2022
<b>Infrastruttura</b>	Kontinwazzjoni tar-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad- <i>data</i>	01/2018	12/2022

<b>Li tiżgura soluzzjonijiet u servizzi siguri, kosteffettivi u kontinwament disponibbli għall-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA fi ħdan il-mandat tagħha</b>	<b>168 745 000</b>	<b>200 607 000</b>	<b>150 277 000</b>	<b>104.96</b>	<b>104.32</b>	<b>94.71</b>
--	--------------------	--------------------	--------------------	---------------	---------------	--------------

<b>Tmexxija Operattiva/</b>	Eurodac - Manutenzjoni tad-DubliNet	01/2022	12/2022
<b>Riformulazzjonijiet – Eurodac</b>	Manutenzjoni addizzjonali tal-Eurodac (HW/SW/attiv-attiv) - Riformulazzjoni	03/2023	12/2023
	Evoluzzjonijiet mhux ipplanati u appoġġ assoċjat li jirriżulta minn manutenzjoni adattiva tal-Eurodac u tad-DubliNet	01/2022	12/2022
<b>Tmexxija Operattiva/</b>	Implimentazzjoni ta' arkitettura attiva-attiva tal-VIS	01/2022	03/2024
<b>Riformulazzjonijiet - VIS</b>	Manutenzjoni tal-VIS Attiva-Attiva	01/2023	12/2023
	Proġetti u evoluzzjonijiet tas-sistema VIS Core	01/2024	12/2024
	Riformulazzjoni tal-VIS - manutenzjoni addizzjonali għall-sBMS	10/2024	12/2024
	Żvilupp tar-Riformulazzjoni tal-VIS (kontinwazzjoni)	01/2021	03/2024
	Manutenzjoni tar-Riformulazzjoni tal-VIS	01/2023	12/2023
	Manutenzjoni tal-VIS/BMS	01/2022	12/2022
<b>Infrastruttura</b>	Manutenzjoni adattiva tal-infrastruttura ċentralizzata	01/2022	12/2022

	Servizzi tal-ġestjoni tal-applikazzjoni	01/2022	12/2022
	Kostijiet operattivi u ta' ħidma tal-Unità Ċentrali ta' Riżerva [BCU]	01/2022	12/2022
	Servizzi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni	01/2021	12/2022
	Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata	01/2022	12/2022
	Attivitajiet operattivi u evoluzzjonijiet / titjib tas-CU u tal-BCU	01/2022	12/2022
	Tiġdid tal-manutenzjoni HW u SW tal-infrastruttura ċentralizzata	01/2022	12/2022
	Servizzi ta' operazzjonijiet tan-network	01/2022	12/2022
	Tmexxija / amministrazzjoni operattiva tal-infrastruttura tas-sistemi ta' ttestjar	01/2022	12/2022
	Tmexxija operattiva tal-appoġġ għall-infrastruttura tat-tieni linja tas-CBS	01/2022	12/2022
	Tmexxija operattiva: implimentazzjoni tat-tibdil	01/2022	12/2022
	Tmexxija operattiva: Appoġġ għall-EUWS	01/2022	12/2022
	Tmexxija operattiva: ittestjar tal-integrazzjoni	01/2022	12/2022
	Tmexxija operattiva: amministrazzjoni tal-pjattaforma	01/2022	12/2022
	Tmexxija operattiva: inġinerija tas-sistema	01/2022	12/2022
	Tiġdid tal-manutenzjoni Oracle	03/2022	03/2023
	Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid	01/2021	12/2023
<b>Sistemi Ġodda/ Innovazzjoni - Interoperabbiltà</b>	L-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi tar-Riformulazzjoni tal-VIS f'sBMS	03/2023	10/2024
	Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn I-EES u I-VIS (kontinwazzjoni)	03/2020	03/2022
	Implimentazzjoni: Impatt tal-MID fuq I-sBMS	01/2023	05/2024
	Adattament tal-USK għas-CBS u I-Interoperabbiltà	02/2023	12/2024
	Manutenzjoni tal-USK	01/2022	12/2022

	Integrazzjoni VIS għall-komponenti kollha tal-interoperabbiltà wara l-attività ta' preparazzjoni mwettqa fl-2022	03/2023	07/2024
<b>Sistemi Ġodda/</b>	Implimentazzjoni tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni (ALM/SDLC)	12/2021	12/2022
<b>Innovazzjoni - Oħra</b>	Modulu / interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessioni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessioni tal-ETIAS	09/2020	12/2022
<b>Sistemi Ġodda/</b>	Aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-interoperabbiltà	03/2022	12/2022
<b>Innovazzjoni – Fruntieri Intelliġenti</b>	Aġġustamenti tal-EES għall-Komponenti tal-Interoperabbiltà (kontinwazzjoni mill-2022)	01/2023	01/2023
	Manutenzjoni tal-EES BMS - setup attiv-attiv	09/2022	12/2022
	Manutenzjoni tal-EES BMS - hardware	09/2022	12/2022
	Manutenzjoni tal-EES BMS - software	09/2022	12/2022
	Żieda fil-Kapaċità tal-EES	03/2023	01/2024
	Manutenzjoni tal-EES	09/2022	12/2022
	Manutenzjoni tas-servizzi tal-web tal-EES/ETIAS	03/2022	12/2022
	Manutenzjoni tal-ETIAS	12/2022	12/2022
<b>Tmexxija Operattiva/</b>	Appoġġ tal-ewwel livell 24/7 għat-tmexxija operattiva tas-sistemi - Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA	01/2022	12/2022
<b>Riformulazzjonijiet - Oħrajn</b>	Appoġġ tat-tieni livell 24/7 għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tan-Negozju Ewlenin	01/2022	12/2022
	Manutenzjoni tas-sistema ta' referenza ECRIS	01/2022	12/2022
	Sostituzzjoni tal-EOPM - Valutazzjoni tal-Impatt/Studju	01/2022	12/2022
	Ġestjoni tat-tibdil operattiv	01/2022	12/2022
	Il-ġestjoni tar-rilaxx u tal-iskjerament u t-tranżizzjoni lejn l-operazzjonijiet	01/2022	12/2022
	Ġestjoni tat-testijiet	01/2022	12/2022



<b>Tmexxija Operattiva/</b>	L-integrazzjoni tas-C.SIS għall-komponenti tal-ESP u MID u għal komponenti oħra tal-Interoperabbiltà	03/2023	12/2023						
<b>Riformulazzjonijiet - SIS</b>	Kapaċità estiża tas-SIS	03/2022	12/2023						
	Manutenzjoni attiva-attiva tas-SIS	01/2024	12/2024						
	L-Iżvilupp Attiv-Attiv tas-SIS	03/2023	12/2024						
	Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS	01/2022	12/2022						
	Evoluzzjoni tas-SIS (proġetti, żviluppi u studji)	03/2022	12/2022						
	Manutenzjoni tas-SIS	01/2022	12/2022						
	Appoġġ tas-SIS għall-Istati Membri	01/2022	12/2022						
<b>It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni tas-sistemi fdati lill-Aġenzija</b>				<b>780 000</b>	<b>650 000</b>	<b>650 000</b>	<b>12.05</b>	<b>12.05</b>	<b>12.05</b>
<b>Tmexxija Operattiva/</b>	It-twassil tas-servizz tas-sigurtà u l-assigurazzjoni tal-informazzjoni għas-CBSs	01/2022	12/2022						
<b>Riformulazzjonijiet - Oħrajn</b>	It-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-aspetti tal-kontinwità tan-negozju tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira	01/2022	12/2022						
	It-tħaddim, l-ippjanar u t-tħaddim tal-partijiet ta' kontinwità tan-negozju/irkupru minn diżastri/rispons f'każ ta' emerġenza mis-sigurtà u l-ġestjoni tal-kontinwità	01/2022	12/2022						
	It-twassil tas-servizz tas-sigurtà u l-assigurazzjoni tal-informazzjoni għall-infrastruttura korporattiva	01/2022	12/2022						
	Eżerċizzju ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju għas-SIS	01/2022	12/2022						
<b>Issir fornitur kondiviż ta' servizzi ta' valur għoli fl-oqsma ta' eċċellenza tal-Aġenzija</b>				<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>
	Żamma tal- <i>status quo</i> , inkluż l-appoġġ għat-Trasportaturi	01/2022	12/2022						
<b>Total għall-GĦAN STRATEĠIKU 1</b>				<b>236 499 806</b>	<b>213 424 000</b>	<b>157 042 000</b>	<b>170.27</b>	<b>138.02</b>	<b>116.01</b>

**Tabella 2. GĦAN STRATEĠIKU 2: Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-Istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni**

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal-bidu	Data tat-tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>25</sup>			FTEs <sup>26</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
<b>Ikompli jikber il-profil tal-Aġenzija bħala konsulent fdat lill-Istati Membri u lill-Istituzzjonijiet tal-UE.</b>				<b>5 500</b>	<b>5 500</b>	<b>5 500</b>	<b>0.10</b>	<b>0.10</b>	<b>0.10</b>
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	Kontribut bħala osservatur għall-evalwazzjonijiet tax-Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS) u l-iżgurar ta' użu aħjar tas-SIS u tal-VIS mill-Istati Membri	01/2022	12/2022						
<b>Total tal-GĦAN STRATEĠIKU 2</b>				<b>5 500</b>	<b>5 500</b>	<b>5 500</b>	<b>0.10</b>	<b>0.10</b>	<b>0.10</b>

**Tabella 3. GĦAN STRATEĠIKU 3: Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni**

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal-bidu	Data tat-tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>27</sup>			FTEs <sup>28</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
<b>Iżżid kontinwament il-valur miżjud tal-arkitettura tal-interoperabbiltà</b>				<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>0.50</b>	<b>0.75</b>	<b>0.65</b>
<b>Sistemi Ġodda/Innovazzjoni - Oħrajn</b>	Kontinwità tal-arkitettura tal-intrapriża - l-istabbiliment ta' arkitettura tal-interoperabbiltà	01/2022	12/2024						
<b>Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju</b>				<b>3 000 000</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>7.95</b>	<b>7.95</b>	<b>7.95</b>
<b>Sistemi Ġodda/Innovazzjoni - Oħrajn</b>	L-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-istandardizzazzjoni	01/2022	12/2023						
	L-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali	01/2022	12/2026						
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	L-implimentazzjoni tal-attivitajiet annwali ppjanati ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija, f'konformità mal-pjan direzzjonali adottat għar-R&Ż	01/2022	12/2022						
	L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	01/2022	12/2022						

<sup>25</sup> Titolu 3 Spejjeż

<sup>26</sup> L-FTEs totali disponibbli (ma jinkludux persunal addizzjonali meħtieġ jew fornituri esterni tas-servizzi).

<sup>27</sup> Titolu 3 Spejjeż

<sup>28</sup> L-FTEs totali disponibbli (ma jinkludux persunal addizzjonali meħtieġ jew fornituri esterni tas-servizzi).

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal-bidu	Data tat-tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>27</sup>			FTEs <sup>28</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
	L-integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjoni.	01/2022	12/2022						
	Żvilupp organizzazzjonali u trasformazzjoni kulturali	01/2022	12/2022						
<b>Sistemi Ġodda/Innovazzjoni - Interoperabbiltà</b>	Titjib / żvilupp tal-portafoll bijometriku	01/2022	12/2022						
<b>Tkun konsulent fdat u faċilitatur għat-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni fl-IT fil-qasam tal-ĠAI</b>				-	-	-	4.00	4.00	4.00
<b>Attivitajiet Korporattivi – Oħrajn</b>	L-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-koordinazzjoni tal-politika	01/2022	12/2022						
<b>Total tal-għan strateġiku 3</b>				<b>3 000 000</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>12.45</b>	<b>12.70</b>	<b>12.60</b>

**Tabella 4. GĦAN STRATEĠIKU 4: Tevolvi aktar l-eu-LISA bħala organizzazzjoni effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE**

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal-bidu	Data tat-tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>29</sup>			FTEs <sup>30</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
<b>It-tkabbir bħala Aġenzija ewlenija tal-UE, li tattira, tinvolvi u tiżviluppa t-talenti</b>				<b>850 000</b>	<b>850 000</b>	<b>850 000</b>	<b>12.10</b>	<b>12.10</b>	<b>12.00</b>
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	Il-kompetenza u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet relatati mal-operazzjonijiet	01/2022	12/2022						
	Reġistru tal-posta	07/2022	09/2023						
	Servizzi ta' loġistika u tal-provvisti tal-uffiċċju	01/2022	12/2022						
	Ġestjoni u Appoġġ tas-Servizzi tal-Missjonijiet	01/2022	12/2022						
	Operazzjonijiet u servizzi tal-faċilità	01/2022	12/2022						
	Ġestjoni ambjentali tal-Faċilità	01/2022	12/2024						
	It-tieni estensjoni tal-uffiċċju operattiv tal-eu-LISA fi Strasburgu	03/2019	06/2028						

<sup>29</sup> Titolu 3 Spejjeż

<sup>30</sup> L-FTEs totali disponibbli (ma jinkludux persunal addizzjonali meħtieġ jew fornituri esterni tas-servizzi).

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal- bidu	Data tat- tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>29</sup>			FTEs <sup>30</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
<b>Tkompli tikber bħala awtorità ta' ġestjoni kompetenti fl-implimentazzjoni u fl-operat tas-sistemi tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE</b>				<b>600 000</b>	<b>500 000</b>	<b>500 000</b>	<b>0.58</b>	<b>-</b>	<b>-</b>
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	Tmexxija operattiva tas-CMDB	01/2022	12/2022						
	Appoġġ għall-pjattaforma tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni (ALM) u għodod relatati (Bini ta' pipeline, ittestjar ta' għodod)	01/2022	12/2022						
<b>Taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati billi tallinja b'mod effiċjenti r-riżorsi, is-servizzi u l-proċessi tal-Aġenzija</b>				<b>4 298 000</b>	<b>3 458 000</b>	<b>3 258 000</b>	<b>72.27</b>	<b>65.85</b>	<b>66.45</b>
<b>Attivitajiet Korporattivi - IT Korporattiv</b>	L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni ta' applikazzjonijiet tal-IT korporattivi	01/2022	12/2022						
	L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni ta' networks u komunikazzjonijiet tal-IT korporattivi	01/2022	12/2022						
	L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT korporattivi u l-ħżin	01/2022	12/2022						
	Infrastruttura tal-IT korporattiva u migrazzjoni tal-applikazzjonijiet lejn il-cloud	01/2021	12/2022						
	L-implimentazzjoni tal-ITIL fis-servizzi tal-IT korporattivi	01/2021	12/2022						
	L-akkwist ta' taġħmir, infrastruttura u servizzi korporattivi tal-ICT	01/2022	12/2022						
	L-għoti ta' appoġġ tal-IT lill-utenti finali (Uffiċċju ta' Servizz)	01/2022	12/2022						
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	Appoġġ Amministrattiv lill-Uffiċċju ED	01/2022	12/2022						
	Kompiti orizzontali korporattivi (laqgħat MB, laqgħat MC eċċ. għall-maniġers, laqgħat ta' koordinazzjoni mhux allokati għal attivitajiet oħra, parteċipazzjoni fi proċeduri ta' għażla)	01/2022	12/2022						
	Il-migrazzjoni tad- <i>data</i> tas-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti u tar-rekords	08/2022	08/2023						
	Aktar konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni b'fokus fuq l-amministrazzjoni tal-persunal, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-Riżorsi Umani u r-reklutaġġ.	01/2021	06/2022						
	L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti għall-eu-LISA	09/2020	05/2022						
	Tiftix tal-Intrapriża IMS-ECM	11/2023	10/2024						
	Il-monitoraġġ, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp tal-politika biex l-eu-LISA tiġi rrappreżentata fl-Istituzzjonijiet, l-Aġenziji u f'fora oħra tal-UE; il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-qasam	01/2022	12/2022						


Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal- bidu	Data tat- tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>29</sup>			FTEs <sup>30</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
	tal-ĠAI fi ħdan il-mandat tal-eu-LISA, u li taġixxi bħala traduttur bejn il-komunitajiet tekniċi u legali.								
	Il-ġestjoni tas-servizzi tal-informazzjoni	01/2022	12/2024						
	Intranet ġdid tal-eu-LISA	06/2022	11/2023						
	Valutazzjoni Uffiċjali bbażata fuq il-mudell CMMI (kontinwazzjoni mill-2020 u l-2021)	04/2020	12/2022						
	Tmexxija operattiva tas-servizzi korporattivi	01/2022	12/2022						
	It-tħaddim u l-iżvilupp tal-kapaċità PPM u tal-proċessi relatati	01/2022	12/2022						
	L-Implimentazzjoni tar-reġistru tad-dokumenti pubbliċi	07/2022	09/2023						
	L-istabbiliment, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-flussi tax-xogħol tal-Aġenzija	05/2020	07/2025						
	Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi	01/2022	12/2022						
	Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija	01/2022	12/2022						
<b>Infrastruttura</b>	Kontinwazzjoni tal-integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' monitoraġġ integrat uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, li tkopri s-sistemi kollha li qed jitħaddmu	07/2021	12/2023						
	Il-bidu ta' kapaċità tal-inġinerija tas-software	01/2022	12/2024						
<b>Sistemi Ġodda/ Innovazzjoni - Interoperabbiltà</b>	Kontinwazzjoni ta' definizzjonijiet ġodda ta' servizz u ta' proċess bħala parti mill-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA	03/2021	11/2022						
<b>Sistemi Ġodda/ Innovazzjoni - Fruntieri Intelliġenti</b>	Ir-relazzjonijiet kummerċjali, id-domanda, il-bidla, il-ġestjoni tar-rekwiżiti bejn l-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati tagħha (interni / esterni) bl-użu tas-sistemi tal-IT (f'operazzjoni jew li qed jiġu żviluppati)	01/2022	12/2022						
<b>Tmexxija Operattiva/Rif ormulazzjonijiet - Oħrajn</b>	Il-proċessi qafas tal-eu-LISA tal-ITSM huma mmexxija, jitkejlu u jiġu rrapportati b'mod regolari, rieżamijiet kontinwi u titjib tas-servizzi u tal-proċessi	01/2022	12/2022						

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal- bidu	Data tat- tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>29</sup>			FTEs <sup>30</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
<b>Tippromwovi l-missjoni u l-valuri tal-Aġenzija internament u esternament</b>				-	-	-	4.40	4.00	4.00
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	L-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA	01/2022	12/2022						
	L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni Esterna	01/2022	12/2022						
	Sit web ġdid tal-eu-LISA	10/2020	06/2022						
<b>Tiżgura konformità sistematika u effettiva mal-qafas regolatorju tal-UE</b>				-	-	-	54.95	58.13	58.13
<b>Attivitajiet Korporattivi - Oħrajn</b>	Kooperazzjoni mal-EDPS u l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE (EUIs) (Funzjoni tal-protezzjoni tad- <i>data</i> : Kooperazzjoni)	01/2022	12/2022						
	Governanza, ippjanar u rapportar korporattivi	01/2022	12/2022						
	L-eżekuzzjoni tal-pjan tal-akkwist u l-akkwiżizzjoni	01/2022	12/2022						
	L-abbozzar ta' rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi, u l-aggregazzjoni tal-istatistika	01/2022	12/2022						
	Kontroll intern, proċeduri, awditi relatati mal-finanzi u l-akkwist	01/2022	12/2022						
	L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali	01/2022	12/2022						
	L-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA	01/2022	12/2022						
	Il-governanza, l-ippjanar u r-rapportar tad-dipartiment operattiv	01/2022	12/2022						
	Iż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija	01/2022	12/2022						
	Il-monitoraġġ tal-konformità mal-protezzjoni tad- <i>data</i>	01/2022	12/2022						
	It-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-elementi orizzontali tal-Ġestjoni tas-Sigurtà u tal-Kontinwità	01/2022	12/2022						
	It-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-elementi protettivi tal-Ġestjoni tas-Sigurtà u tal-Kontinwità	01/2022	12/2022						
	L-organizzazzjoni ta' attivitajiet tal-protezzjoni tad- <i>data</i> (Funzjoni tal-protezzjoni tad- <i>data</i> : Organizzazzjoni)	01/2022	12/2022						

Attività Programm	Proġett/kompitu Titolu tal-Attività	Data tal- bidu	Data tat- tlestija	Baġit (f'EUR) <sup>29</sup>			FTEs <sup>30</sup>		
				2022	2023	2024	2022	2023	2024
	Tipprovdi rakkomandazzjonijiet u tagħti pariri lill-persunal responsabbli dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament 2018/1725 (Funzjoni tal-protezzjoni tad- <i>data</i> : Pariri)	01/2022	12/2022						
	Żieda tal-għarfien dwar il-protezzjoni tad- <i>data</i>	01/2022	12/2022						
	It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja	01/2022	12/2022						
<b>Total tal-għan strateġiku 4</b>				<b>5 748 000</b>	<b>4 808 000</b>	<b>4 608 000</b>	<b>144.30</b>	<b>140.08</b>	<b>140.58</b>

### 2.1.3 Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin

Abbażi tal-proġetti deskritti fil-parti pluriennali, iċ-ċart li ġejja tippreżenta l-inizjattivi ewlenin u l-istadji importanti tagħhom għal proġetti importanti magħżula biex jiżjed il-fehim tal-iskeda ta' żmien u l-interrelazzjonijiet bejn l-attivitajiet ewlenin.





## 2.1.4 Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni

Tabella 5. Għanijiet strateġiċi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni <sup>31</sup>	Mira	Linja bażi (data tal-2020)	Sors tad-data
<b>GĦAN STRATEĠIKU 1: Li tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħeb ta' implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni</b>			
Perċentwal tal-oġġettivi tas-sigurtà implimentati kif definit fil-leġiżlazzjoni	100 %	100 %	CAAR 2020
L-għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà u eżerċizzji marbutin mal-kontinwità tan-negozju mwettqa kull sena	2	2	CAAR 2020
Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	Aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > Ambra ≥ 99.50 % Aħmar < 99.50 %	99.87 %	CAAR 2020
Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	Aħdar ≥ 99.45 % 99.45 % > Ambra ≥ 90 % Aħmar < 90 %	99.95 %	CAAR 2020
Id-disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (għas-sistemi SIS u VIS)	Aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > Ambra ≥ 99.50 % Aħmar < 99.50 %	99.9931 %	CAAR 2020
Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS	Aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > Ambra ≥ 99.50 % Aħmar < 99.50 %	99.94 %	CAAR 2020
Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS	Aħdar ≥ 99.5 %, 99.5 % > Ambra ≥ 99 % Aħmar < 99 %	99.86 %	CAAR 2020
Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS/BMS	Aħdar ≥ 99.99 %	99.93 %	CAAR 2020

<sup>31</sup> Is-sett aġġornat ta' KPIs tal-eu-LISA u l-kards tagħhom, inkluża r-rabta mal-oġġettiv strateġiku tal-Aġenzija, ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija f'Marzu 2020

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni <sup>31</sup>	Mira	Linja bażi (data tal-2020)	Sors tad-data
	99.99 % > Ambra ≥ 99.50 % Aħmar < 99.50 %		
Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali VIS/BMS	Aħdar = 100 % 100 % > Ambra ≥ 90 % Aħmar < 90 %	99.98 %	CAAR 2020
Il-livell ta' sodisfazzjon tat-trainees bit-taħriġ ipprovdut	> 4	4.5	CAAR 2020

#### GĦAN STRATEĠIKU 2: Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-Istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

Ir-rata ta' kanċellazzjoni (%) tal-appropriazzjonijiet ta' pagament	< 5 %	13.6 %	CAAR 2020
Rata (%) tal-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji	95–99 %	99.1 %	CAAR 2020
Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti	> 95 %	99.0 %	CAAR 2020
Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi u l-proporzjon (%) tar-riżorsi operattivi mqabbla mar-riżorsi umani kollha fl-Aġenzija (persunal u ENS)	Amministrattivi: 20% Operattiv: 70 %	16.5% 72.5%	CAAR 2020
Il-proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji	> 87.5%	95.9%	CAAR 2020
Il-ġestjoni tal-akkwiżizzjoni: proġetti ta' akkwist skont l-iskeda	> 60%	163.6%	CAAR 2020

#### GĦAN STRATEĠIKU 3: Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' klijenti tal-Istati Membri ssodisfati jew issodisfati ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA	≥ 80 %	95 %	CAAR 2020
--	--------	------	-----------

#### GĦAN STRATEĠIKU 4: Tevovi aktar l-eu-LISA bħala organizzazzjoni effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

Il-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA	≥ 75 %	99.9 %	CAAR 2020
--	--------	--------	-----------

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni <sup>31</sup>	Mira	Linja bażi (data tal-2020)	Sors tad-data
Il-valutazzjoni tat-tlestija u tal-progress tal-proġetti skont linja bażi (mill-ġdid) ta' parametri definiti ta' kwalità/kost/ħin u b'kont meħud tat-tolleranzi tal-proġett	< 10 %	9.19 %	CAAR 2020
Il-Ġestjoni tal-Proġetti: Il-valutazzjoni tal-konformità tal-proġetti kkompletati kontra l-Metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett.	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Il-proġetti ż-żgħar: &gt; 75%</li> <li>■ Il-proġetti medji: &gt; 80%</li> <li>■ Il-proġetti kbar: &gt; 85%</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ L-ebda proġett żgħir ma tlesta u ġie vvalutat fl-2020</li> <li>■ Il-proġetti medji: 71 %</li> <li>■ Il-proġetti kbar: 73.5 %</li> </ul>	CAAR 2020
Il-perċentwal (%) ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati li huma:			
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Kritiku</li> <li>■ Importanti Ħafna</li> <li>■ Importanti</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Kritiku = 100 %</li> <li>■ Importanti ħafna ≥ 90 %</li> <li>■ Importanti ≥ 80 %</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ M/A</li> <li>■ 67 %</li> <li>■ 60 %</li> </ul>	CAAR 2020
L-għadd u l-età tar-rakkomandazzjonijiet pendenti li huma:			
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ inqas minn sitt xhur</li> <li>■ bejn sitt xhur u sena</li> <li>■ aktar minn sena</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ ≤ erba' skaduti għal inqas minn sitt xhur</li> <li>■ ≤ tnejn skaduti bejn sitt xhur u sena</li> <li>■ ≤ wieħed skadut għal aktar minn sena</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ 2</li> <li>■ 1</li> <li>■ 10</li> </ul>	CAAR 2020
L-effiċjenza tal-proċess tal-akkwist	< 25 %	11 %	CAAR 2020
Indikatur ambjentali	linja bażi	341.04 tunnellata	CAAR 2020
Ir-rata ta' assenteiżmu (%) fil-perjodu ta' rapportar			
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ L-għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard għal kull membru tal-persunal</li> <li>■ Perċentwal ta' persunal fuq liv twil minħabba mard</li> <li>■ Perċentwal ta' persunal li ma ħax liv minħabba mard</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ &lt; 15-il jum għal kull membru tal-persunal</li> <li>■ &lt; 10 %</li> <li>■ &gt; 15 %</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ 5.6 ijiem</li> <li>■ 4.4 %</li> <li>■ 52.9 %</li> </ul>	Data dwar il-liv f'SYSPER u f'Ares, bażi tad-data tal-excel
Il-perċentwal (%) annwali tad-dawran tal-impjegati	≤ 5 %	3.7 %	Bażi tad-data tal-persunal
Il-perċentwal annwali (%) tar-rata ta' okkupazzjoni	> 94 %	91 %	Bażi tad-data tal-persunal

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni <sup>31</sup>	Mira	Linja bażi (data tal-2020)	Sors tad-data
L-indiċi taż-żamma tat-talenti	> 0	0.9	CAAR 2020
Livell ta' involviment tal-persunal	≥ 63 %	7.4 (indiċi)	CAAR 2020
<b>L-impatt tal-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA:</b>			
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Sit web</li> <li>■ Midja soċjali</li> <li>■ Avvenimenti ta' involviment</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ iż-żamma tal-linja bażi</li> <li>■ +200 segwaċi fuq kull pjattaforma fis-sena</li> <li>■ sodisfazzjon &gt; 90 %</li> <li>■ parteċipazzjoni f'avvenimenti: &gt; 95 %</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ + 12 % sena wara sena</li> <li>■ 477 (Twitter) + 1888 (LinkedIn) + 332 (Facebook)</li> <li>■ 4.2/5 (84 %)</li> <li>■ 105 %</li> </ul>	CAAR 2020
<b>L-impatt tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA:</b>			
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ parteċipazzjoni fl-istħarriġ</li> <li>■ sodisfazzjon ġenerali bil-kanali u bl-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna</li> </ul>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. &gt; 51 %</li> <li>2. &gt; 70 %</li> </ol>	<ol style="list-style-type: none"> <li>3. 52 %</li> <li>4. 93 %</li> </ol>	CAAR 2020

## 2.2 Ir-riżorsi umani u finanzjarji – Prospettiva għall-Perjodu 2022-2024

### 2.2.1 Farsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali

F'konformità mal-Artikolu 28(3) tar-Regolament ta' Stabbiliment rivedut tal-eu-LISA<sup>32</sup>, il-persunal tal-Aġenzija għandu jinkludi uffiċjali<sup>33</sup>, persunal temporanju (Aġent Temporanju, AT) u persunal b'kuntratt (Aġent Kuntrattwali, AK) li jaħdmu f'diversi siti. Fil-31 ta' Diċembru 2020, it-total tal-persunal fl-eu-LISA kien ta' 274 persuna. Il-baġit għall-2020 awtorizza b'kolloxx 324<sup>34</sup> kariga f'konformità mal-pjan ta' stabbiliment, b'202 kariga għal Aġenti Temporanji (AT), 111-il kariga għal Aġenti Kuntrattwali (AK) u 11-il kariga għal Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS). It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta farsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2020 għal kull qasam tal-attività.

**Tabella 6. Farsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2020**

Qasam ta' attività	Awtorizzati fl-2020			Sitwazzjoni attwali fil-31.12.2020		
	AT	AK	ENS	AT	AK	ENS
Karigi awtorizzati skont il-baġit tal-2020 (linja bażi)	113	27	9	112	25	9
EES	32			26		
Regolament rivedut dwar l-eu-LISA (persunal addizzjonali)	23	30	2	19	21	1
ETIAS	7	25		7	21	
ECRIS		5			4	
Ritorn tas-SIS u l-fruntiera tas-SIS		4			4	
Interoperabbiltà	25	20		17	8	
LFS Eurodac (soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali)	2			0		
<b>FTEs totali</b>	<b>202</b>	<b>111</b>	<b>11</b>	<b>181</b>	<b>83</b>	<b>10</b>

Matul l-2020, l-Aġenzija kienet impenjata li tirrekluta persunal addizzjonali f'konformità mal-allokazzjonijiet baġitarji għall-2020. Madankollu, minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID-19, il-biċċa l-kbira tal-impjegati reklutati ġodda ngħaqdu mal-Aġenzija b'dewmien konsiderevoli u f'numri aktar baxxi minn dawk antiċipati.

Fl-2021, skont id-Dokument Uniku ta' Programmar (SPD) għall-perjodu 2021-2023, il-persunal ġenerali tal-eu-LISA kien mistenni li jiżdied bi 32 kariga: 10 karigi tal-AK għall-ETIAS, 13-il kariga (7 karigi AT u 6 karigi AK) għall-interoperabbiltà, u 9 karigi għall-VIS (4 karigi AT u 5 karigi AK), u dment li jiġi adottat ir-Regolament VIS Riformulat.

Fl-2022, l-eu-LISA se jkollha bżonn timla 12-il kariga oħra li l-Aġenzija talbet fl-SPD għall-perjodu 2021-2023 sabiex tkopri d-domanda għall-persunal relatata mal-kostruzzjoni tat-tieni estensjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu, kif ukoll biex jiġu appoġġati diversi attivitajiet orizzontali (eż. kontabilità, Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriżi (EPMO), Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell, eċċ.). Konsegwentement, dawk il-pożizzjonijiet vakanti huma inklużi fil-pjanijiet tal-persunal għall-perjodu 2022-2024, li b'kolloxx jinkludu 25 kariga addizzjonali li d-dettalji tagħhom jinsabu fl-Anness XIII.

Barra minn hekk, l-Aġenzija inkludiet ukoll iċ-ċifri tal-persunal li jirriżultaw mill-ftehim tagħha mal-Frontex rigward it-trasferiment temporanju (jiġifieri għal 3 snin, mill-2022 sal-aħħar tal-2024) ta' 21 Aġent Kuntrattwali (FG IV) mill-Frontex lill-eu-LISA għall-appoġġ futur tat-trasportatur tal-ETIAS (Ċentru ta' Assistenza għat-Trasportaturi, CAC)<sup>35</sup>.

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

<sup>33</sup> Il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA ma jipprevedix karigi separati għall-uffiċjali.

<sup>34</sup> Minħabba l-fatt li l-LFS tal-Eurodac ma ġiex adottat, in-numru ta' karigi ta' disponibbli għall-Aġenzija fl-2020 kien ta' 200 minflok 202.

<sup>35</sup> Skont l-Artikoli 45(2) u (3) u 46(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, u l-Artikolu 13(7) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) għar-reġistrazzjoni tad-data tad-dħul u tal-ħruġ u għar-rifjut tad-data tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għalihom l-aċċess għall-EES għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, u l-emendar tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011, li għalihom qed jiġu żviluppati r-regolamenti ta' implimentazzjoni.

## Nefqa totali għall-2020

Fl-2020, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 240 119 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 233 384 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mill-UE, bl-ammonti li ġejjin inizjalment allokatu għall-implimentazzjoni ta' kompiti/sistemi ġodda:

Kompiti / Sistemi Ġodda <sup>36</sup>	Approprjazzjonijiet ta' Impenn (f'MILJUNI ta' EUR)
LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-Eurodac	0.268
LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin	0.735
<b>Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida</b>	<b>1.003</b>

Il-baġit tal-Aġenzija għall-2020 kien jinkludi approprjazzjonijiet għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac li l-użu tagħhom kien jiddependi mill-adozzjoni tar-Riformulazzjoni. Sabiex jindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq, il-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA approva emenda għall-baġit tal-2020 li kienet tinkludi:

- ritorn ta' EUR 1 003 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn;
- riċeviment ta' EUR 36 417 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

**Tabella 7. Diżaggregazzjoni tal-baġit emendatorju tal-eu-LISA għall-2020**

Titulu baġitarju	Sistema / Kompitu	Baġit emendatorju (f' miljuni ta' euro)	
		Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
A01	Nefqa tal-persunal	-0.268	-0.268
	<i>li minnhom</i> Riformulazzjoni tal-Eurodac	-0.268	-0.268
B03	Nefqa operattiva	-0.735	36.685
	<i>li minnhom</i> L-Allokazzjoni ta' Dublin	-0.735	-0.735
	Sistema ta' Dħul/Ħruġ		37.420
<b>Baġit emendatorju totali għall-2020</b>		<b>-1.003</b>	<b>36.417</b>

Skont id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA, il-proċeduri ta' akkwist li għaddejjin għall-ETIAS, l-Interoperabbiltà, u l-ECRIS se jippermettu lill-Aġenzija li tittrasferixxi aktar minn EUR 56 286 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2020 sal-2021 biex tirriżerva dawk il-fondi għall-użu fis-snin sussegwenti.

Titulu Baġitarju	Sistema/Kompitu	Riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2019 (f' miljuni ta' euro)
B03 Nefqa Operattiva	Interoperabbiltà	2.477
	ETIAS	50.143
	ECRIS	3.666
<b>B03 Total</b>		<b>56.286</b>

Matul l-2020, l-Aġenzija żammet rata għolja ta' eżekuzzjoni tal-baġit:

- 99.0 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2021;
- 99.1 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, filwaqt li jitqies ir-riport mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati mill-Bord ta' Tmexxija fi Frar 2021, kif dettaljat fit-tabella ta' hawn taħt.

Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'MILJUNI ta' EUR) implimentazzjoni tal-baġit tal-2020 mill-31/12/2020			Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni		
Baġit finali adottat tal-2020	impenji eżegwiti	% implimentati	riport awtomatiku	mhux	% implimentat b'kunsiderazzjoni/inkluż riport mhux awtomatiku
<b>240.119</b>	<b>181.550</b>	<b>75.6%</b>	<b>56.286</b>		<b>99.1 %</b>

<sup>36</sup> Inkluż in-nefqa amministrattiva, li hija allokata f'konformità man-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1 "Nefqa fuq il-persunal", u fit-Titolu 2 "Nefqa infrastrutturali u operattiva".

## 2.2.2 Prospetti għall-perjodu 2022-2024

Għalkemm il-fokus attwali tal-funzjoni tar-riżorsi umani tal-eu-LISA hija li tissodisfa d-domandi tal-persunal li jirriżultaw mill-espansjoni tal-mandat tal-Aġenzija, il-prijorità ġenerali tagħha hija li tiżgura li l-eu-LISA żżomm l-aħjar għadd ta' professjonisti bil-kwalifiki meħtieġa biex jiġu żgurati operazzjonijiet stabbli u mingħajr interruzzjoni u l-forniment ta' servizzi ewlenin fdati lill-Aġenzija.

Għall-perjodu 2022-2024, l-Aġenzija identifikat it-tliet oqsma ta' priyorità li ġejjin biex tiggwida l-prijoritajiet u l-operazzjonijiet ta' kuljum fil-qasam tal-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani (HRM):

- I-żvilupp organizzazzjonali u t-trasformazzjoni kulturali;
- konsolidazzjoni kontinwa wara perjodu ta' riforma, tkabbir u trasformazzjoni organizzazzjonali, b'fokus fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ; u
- I-żvilupp ta' kompetenzi u kapaċitajiet relatati mal-operazzjonijiet.

### L-iżvilupp organizzazzjonali u t-trasformazzjoni kulturali

Il-proġett ta' trasformazzjoni kulturali tal-eu-LISA, sorveljat mill-funzjoni tar-riżorsi umani, kien jinkludi analiżi fil-fond u titjib fl-istruttura organizzazzjonali, fis-servizzi, fl-istrateġija tal-akkwist eżistenti tal-Aġenzija, kif ukoll fil-bini tal-kapaċità u tal-kapaċitajiet (jiġifieri, kompetenzi), bil-għan li jkun hemm mudell operattiv aktar raffinat u sostenibbli għall-eu-LISA biex tirrevedi l-"mod l-antik" ta' kif isiru l-affarijiet.

Fl-2022, l-eu-LISA se tipproċedi bl-istadju li jmiss tal-proġett ta' trasformazzjoni kulturali, billi tindirizza l-ġestjoni tal-bidla organizzazzjonali mhux biss mill-perspettiva tal-hekk imsejħa elementi vinkolanti tal-kultura organizzazzjonali (jiġifieri, il-mudell operattiv, l-istrateġiji, il-proċessi, eċċ.), iżda wkoll mill-perspettiva ta' elementi mhux vinkolanti (jiġifieri, persuni, kompetenzi, tmexxija, eċċ.). B'mod partikolari, il-funzjoni tar-riżorsi umani se tiffoka fuq l-istruttura, il-proċessi u l-istrateġija, kif ukoll il-valuri, il-kompetenzi, in-nies u t-tmexxija.

Barra minn hekk, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza, fl-2022, l-eu-LISA se timplimenta l-Qafas ta' Kompetenza li se jintroduċi sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni aġġornata u integrata biex tappoġġa lill-mexxejja u lit-timijiet biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

Bħal dejjem, il-funzjoni tar-riżorsi umani tal-eu-LISA se tkompli trawwem sħubijiet attivi mal-funzjonijiet kollha madwar l-Aġenzija, filwaqt li tiżgura l-allinjament sħiħ tal-ħtiġijiet tan-negozju u tar-riżorsi umani. Għal dak il-għan, ir-riżorsi umani se jwettqu kontrolli regolari u jwieġbu għal sitwazzjonijiet permezz ta' sħarriġ *ad hoc* dwar l-involvement u t-tmexxija, kif ukoll billi jikkoordinaw pjanijiet ta' azzjoni ta' segwitu.

Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi kontinwi tagħha biex trawwem ambjent tax-xogħol aħjar, l-Aġenzija tinsab fil-proċess li tadotta approċċ proattiv għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju, kif ukoll li tindirizza każijiet serji ta' kunflitt, sabiex jiġi żgurat li l-eu-LISA tibqa' post tax-xogħol ibbażat fuq il-valur li jkun ibbażat fuq ir-rispett reċiproku.

### Il-konsolidazzjoni kontinwa tal-Aġenzija wara perjodu ta' riforma organizzazzjonali, tkabbir u trasformazzjoni, b'fokus fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ

Fl-2020, wara l-organizzazzjoni interna komprensiva mill-ġdid li saret fl-2019, l-eu-LISA introduciat xi modifiki għall-allokazzjoni tal-kompiti u tal-persunal li kellhom biss impatt żgħir fuq l-istruttura organizzazzjonali ġenerali tagħha<sup>37</sup>. Madankollu, it-trasformazzjoni strutturali tal-Aġenzija, kompletament funzjonali fl-2021, tejbet b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ġenerali tal-eu-LISA billi ottimizat bl-aħjar mod ir-riżorsi umani addizzjonali mogħtija lill-Aġenzija bħala riżultat tal-mandat estiż. Sabiex jiġu ġestiti r-responsabbiltajiet eżistenti u dawk li għadhom kif ġew assenjati b'mod aktar effiċjenti, l-espansjoni tal-mandat tal-eu-LISA talbet ukoll ir-reviżjoni tal-mudell operattiv tagħha li huwa skedat għall-implimentazzjoni matul il-perjodu 2022-2024.

F'termini ta' tkabbir organizzazzjonali, wieħed mill-għanijiet primarji għar-riżorsi umani huwa li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati matul dawk il-perjodi ta' espansjoni. Għal dak il-għan, l-Aġenzija trid tkun lesta li tiegħu għadd kbir ta' responsabbiltajiet addizzjonali li huma mistennija jilħqu l-oġġla livell tagħhom matul il-perjodu ta' tkabbir, filwaqt li tikkonsolida wkoll il-persunal li jidhru u tkompli tilqa' lil rekłuti l-ġodda. It-tlestija tal-proċess ta' trasformazzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA, li kien essenzjali għat-tnejn tal-Aġenzija għall-isfidi futuri tar-riżorsi umani, ikkontribwiet ukoll għaż-żieda fil-piż amministrattiv, filwaqt li żvelat ukoll li għad hemm diversi oqsma funzjonali b'nuqqas ta' persunal kritiku fi ħdan l-Aġenzija.

<sup>37</sup> Għal diżaggregazzjoni aktar dettaljata tal-istruttura l-ġdida u mtejba, jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċart organizzazzjonali tal-eu-LISA fl-Anness I.

B'mod ġenerali, il-piż amministrattiv tas-settur tal-HRM żdied primarjament minħabba influż ta' persunal ġdid meħtieġ biex jakkomoda d-domanda akbar li tirriżulta mill-mandat estiż tal-eu-LISA jew relatat ma' responsabbiltajiet addizzjonali assenjati skont ir-regolamenti l-ġodda. Għalhekk, għalkemm isir kull sforz biex jiġi assorbit l-ammont ta' xogħol addizzjonali permezz tal-ottimizzazzjoni u l-effiċjenza amministrattiva mtejba, il-funzjoni tar-riżorsi umani se tkompli bir-reklutaġġ ta' persunal ġdid biex jiġi żgurat l-aħjar funzjonament tal-organizzazzjoni kif deskritt fil-pjanijiet rilevanti.

Minħabba dan, il-programm ta' ħidma ġenerali tal-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-eu-LISA se jiffoka fuq ir-reklutaġġ, l-onboarding, l-integrazzjoni, u l-iżvilupp ta' membri ġodda tal-persunal, li jippermettilhom jiksbu impenn suffiċjenti bil-ħidma tagħhom u jilħqu l-oġettivi stabbiliti mill-Aġenzija.

Sabiex jintlaħqu l-miri ta' reklutaġġ, stabbiliti għall-2021 u l-2022, filwaqt li topera fil-kuntest tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, l-eu-LISA ddeċidiet li tagħmel użu massimu mill-listi ta' riżerva eżistenti għall-mili tal-postijiet tax-xogħol vakanti madwar l-Aġenzija. Barra minn hekk, biex tiġi mmitigata ż-żieda temporanja fid-domanda għal persunal addizzjonali, l-Aġenzija qed tikkunsidra wkoll li żżid xi karigi speċjalizzati fir-reklutaġġ għal żmien qasir mal-persunal tar-riżorsi umani. Barra minn hekk, biex jiġi affett il-proċess ta' reklutaġġ, l-eu-LISA nediet offerta ġdida ta' akkwist għas-servizzi mediċi fi Strasburgu, u tinsab fil-proċess li tikseb u timplimenta għodda ġdida ta' reklutaġġ li se tippermetti intervisti asinkroniċi. L-eżiti ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu evidenti fi ftit xhur.

Il-firxa wiesgħa ta' proċessi oħra relatati mar-riżorsi umani (eż., l-għoti ta' drittijiet u intitolamenti, pagi u pagamenti, liv, onboarding, probazzjoni, proċessi ta' evalwazzjoni u riklassifikazzjoni, eċċ.) se jkomplu jitwettqu kif xieraq u b'diliġenza. L-effiċjenza amministrattiva għandha tinkiseb permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-HRM u l-awtomatizzazzjoni ta' kompiti amministrattivi ripetittivi, eż., is-sistema ta' informazzjoni tal-HRM tal-UE SYSPER u l-moduli fakultattivi tagħha, flimkien mal-iżvilupp kontinwu tal-pjattaforma ta' taġħlim online iLearn tal-eu-LISA stess biex tappoġġa t-tranżizzjoni tal-Aġenzija għall-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani bbażat fuq il-Kompetenza. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tkompli ttejjeb is-servizzi interni tagħha relatati mar-riżorsi umani permezz ta' amministrazzjoni effiċjenti u billi tipprovdi opportunitajiet interni għall-iżvilupp professjonali.

Aktar minn hekk, l-eu-LISA se tibqa' impenjata li tiskambja l-aħjar prattiki fil-qasam tar-riżorsi umani ma' aġenziji oħra tal-UE, kif ukoll li tikkollabora mal-Kummissjoni Ewropea skont il-Memorandum ta' Qbil rivedut tal-2019<sup>38</sup>. Pereżempju, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Aġenzija adottat regoli ġodda għall-persunal tal-eu-LISA dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess<sup>39</sup>.

### **L-iżvilupp ta' kompetenzi u ta' kapaċitajiet relatati mal-operazzjonijiet**

L-Aġenzija tinsab fil-proċess li tadotta l-metodoloġija tal-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza, li se tipprovdi qafas għall-offerta ta' programmi ta' taġħlim imfassla apposta għall-persunal operattiv, li jippermetti lill-Aġenzija ssegwi approċċ aktar strateġiku għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol. B'riżultat ta' dan, it-taġħlim kollu se jkun immirat lejn l-għoti tas-setgħa lill-persunal u lit-timijiet iddedikati biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom sabiex jipprovdu servizzi tal-oġġla kwalità lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija. F'dan il-kuntest, il-funzjoni tar-riżorsi umani se tappoġġa lid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-eu-LISA fiż-żamma u t-titjib tal-listi ta' ħiliet u kompetenzi rilevanti meħtieġa għat-tmexxija operattiva u, l-aktar importanti, għall-iżgurar tal-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, kif ukoll it-twettiq ta' kwalunkwe komputu ġdid li jista' jiġi assenjat fil-futur.

#### **a) L-iżvilupp tal-kompiti eżistenti**

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tal-eu-LISA ilu jikber b'mod sinifikanti mill-2018 u din ix-xejra hija mistennija li tkompli. Fil-perjodu 2022-2024, ir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija se jilħqu l-oġġla livell sal-lum bl-iżvilupp tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livvjaġġar (ETIAS), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u l-ksib ta' interoperabbiltà ġenerali bejn is-sistemi tal-IT Ewropej kollha fuq skala kbira srorveljati mill-eu-LISA. Barra minn hekk, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-ETIAS se jsiru operattivi wkoll matul dan il-perjodu. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-eu-LISA għall-forniment ta' servizzi, l-Aġenzija diġà żgurat u se tirrekluta saħansitra aktar persunal addizzjonali f'konformità mal-allokazzjonijiet tal-persunal fil-proposti rispettivi tal-Kummissjoni, kif indikat fit-**Tabella 9. Stimati tal-persunal tal-eu-LISA għall-perjodu 2022-2024.**

<sup>38</sup> Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' Memorandum ta' Qbil Rivedut bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-eu-LISA, C (2019) 8941 final tas-17.12.2019.

<sup>39</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2020-405 tat-23.12.2020 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-persunal.



Fl-2021, l-Aġenzija hija mistennija li żżid il-persunal tagħha bi 32 kariga (11 AT u 21 AK) kif deskritt fil-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolamenti adottati dwar l-ETIAS u l-interoperabbiltà, kif ukoll ir-Regolament VIS Riformulat li għadu soġġett għall-adozzjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol<sup>40</sup> tippredvi żewġ (2) karigi AK li għandhom jiġu stabbiliti fl-eu-LISA. Barra minn hekk, bl-adozzjoni tal-istimi tal-baġit tal-2021, l-Aġenzija qed tistenna ż-żieda ta' 14-il kariga oħra (11 AK u 3 ENS). Peress li dawn il-pjanijiet se jaffettwaw il-livelli tal-persunal fl-2022, dawn huma inklużi fit-Tabella 9 – fl-istimi tal-persunal tal-eu-LISA għall-perjodu 2022-2024, kif ukoll fl-Anness II u fl-Anness XIII.

Il-pjanijiet għall-perjodu 2022-2024<sup>41</sup> jinkludu riżorsi umani addizzjonali biex ikopru n-nuqqasijiet ta' persunal li ġew identifikati fil-proċess tat-tqabbil tad-domanda tar-riżorsi umani mal-proposti leġiżlattivi rilevanti. Pereżempju, ġew identifikati nuqqasijiet ta' persunal fl-oqsma relatati mas-SIS, l-interoperabbiltà tas-sistemi, l-EES, u fl-appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell lill-Istati Membri (eż. l-Uffiċċju ta' Servizz 24/7). F'dan il-kuntest huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li l-biċċa l-kbira ta' dawk il-proposti ġew adottati sentejn jew tliet snin qabel l-adozzjoni tar-regolamenti rispettivi. Il-proposti tal-Kummissjoni ma jqisux is-sejħa separata għal persunal addizzjonali magħmula mid-Dipartiment Operattiv tal-eu-LISA. Ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali se jnaqqas id-dipendenza tal-eu-LISA fuq fornituri ta' servizzi esterni, speċjalment f'oqsma fejn huwa ċar li l-kompitu għandu jitwettaq mill-persunal tal-Aġenzija stess.

Kemm fl-2019 kif ukoll fl-2020, l-iskedar tal-proġetti bata minħabba nuqqas ta' persunal, li wassal għal sejniet imġedda għal persunal addizzjonali. Minħabba dan, diversi proġetti kellhom jiġu skedati mill-ġdid, filwaqt li r-riżorsi disponibbli kienu ffukati mill-ġdid fuq attivitajiet jew proġetti preċedentement posposti skedati għall-2021 u aktar tard. Barra minn hekk, se jkun meħtieġa wkoll riżorsi addizzjonali minħabba l-fatt li l-proġetti li inizjalment kienu mistennija li jitmexxew f'sekwenza issa se jkollhom jitmexxew b'mod parallel.

Fl-2022, l-Aġenzija hija mistennija tilħaq quċċata kemm f'termini tat-tkabbir ġenerali tagħha, kif ukoll fl-eżekuzzjoni tal-attivitajiet ewlenin tagħha, filwaqt li tassorbi wkoll l-effetti akkumulati ta' proġetti mdewma bħal attivitajiet relatati ma' jew affettwati mill-implimentazzjoni tal-Infrastruttura Komuni Kondiviża (CSI), il-kostruzzjoni tal-estensjoni l-ġdida tal-bini fuq is-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu, li jsaħħa l-attivitajiet korporattivi tal-IT u oħrajn tal-koordinazzjoni relatati tal-Aġenzija.

L-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-2022 u l-analiżi sussegwenti tar-riżultati indikaw li għal kwalunkwe żieda fil-persunal fl-oqsma relatati mal-kompiti operattivi u l-akkwist, għandu jkun hemm żieda addizzjonali ppjanata ta' 20 % fil-persunal biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-appoġġ amministrattiv meħtieġa. Jekk il-persunal għandu jaqa' taħt dan il-proporzjon, ir-riżorsi mogħtija għall-operazzjonijiet se jkollhom jiġu allokati mill-ġdid parzjalment għall-kompiti orizzontali li ma jistgħux jiġu esternalizzati, u dan jirriżulta, għalhekk, f'nuqqasijiet fil-qasam tekniku. Fl-istess ħin, l-approċċ il-ġdid adottat għall-persunal estern ta' appoġġ huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq in-nuqqas ta' persunal u fuq in-numri ġenerali tal-persunal.<sup>42</sup>

Il-ħtiġijiet ġenerali tal-persunal tal-Aġenzija għall-2022, kif previsti fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi (LFS) rispettivi huma ppreżentati fit-**Tabella 8. L-istimi tal-eu-LISA għal persunal addizzjonali fl-2022**, inklużi:

- karigi li huma identifikati għall-appoġġ tat-trasportatur tal-ETIAS (CAC);
- karigi allokati għal attivitajiet tekniċi u orizzontali li ġew ipplanati mill-eu-LISA għall-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IT ġodda u għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq fornituri ta' servizzi esterni (eż. attivitajiet ta' sigurtà, appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni, inklużi r-riżorsi umani, il-finanzi, il-kontabbiltà, l-awditjar intern, eċċ.).

<sup>40</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol  
COM (2020)791, 09.12.2020

<sup>41</sup> Soġġett għall-adozzjoni tal-pjan ta' stabbiliment u l-abbozz tal-estimi tal-baġit għall-2022.

<sup>42</sup> L-eu-LISA bħalissa qed tiżviluppa mudell ġdid għall-akkwist u l-użu ta' appoġġ estern.

**Tabella 8. L-istimi tal-eu-LISA għall-persunal addizzjonali fl-2022**

Unità u profil	Stima FTE	Grupp ta' funzjoni u grad
Persunal addizzjonali meħtieġ għall-attivitajiet relatati mas-CAC		
SOU – Amministratur tat-Toolset tat-Trasportatur	2	FG IV
TTU – Rilaxx/Tibdil/Maniġer tat-test	2	FG IV
SCU – Amministratur tas-Sigurtà tal-IT/Servizzi tas-Sigurtà Korporattiva	2	FG IV
SOU – Amministratur ta' appoġġ tat-tieni livell (24x7)	5	FG IV
SOU – Il-mexxej tat-tim tal-ewwel u tat-tieni livell	1	FG IV
TTU – Uffiċjal tar-reġistrazzjoni	2	FG IV
PPU – Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti	2	FG IV
IMU – Amministratur tas-Sistema	2	FG IV
PSU – Maniġer tar-relazzjoni tan-negozju	1	FG IV
HRU/CSU – Appoġġ orizzontali għar-reklutaġġ u l-ICT	2	FG IV
<b>TOTAL 1</b>	<b>21</b>	
Persunal addizzjonali meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti tal-IT fuq skala kbira u għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq kuntratturi esterni		
Profili tekniċi u ta' koordinazzjoni elenkati fl-Anness XIII	25	5 AD7, 5 AD 5, 10 FG IV, 2 FG III, u 3 ENS
<b>TOTAL 2</b>	<b>25</b>	
<b>TOTAL GLOBALI</b>	<b>46</b>	

Lista dettaljata ta' attivitajiet u riżorsi meħtieġa għall-perjodu 2022–2024 hija ppreżentata fl-Anness II. L-Aġenzija wettqet analiżi komprensiva dwar l-esternalizzazzjoni possibbli ta' ċerti kompiti relatati ma' dawk l-attivitajiet, u l-Anness XIII fih lista ta' profili li ma jistgħux jiġu esternalizzati, li tindika ġustifikazzjoni rilevanti għar-reklutaġġ ta' esperti interni. Ta' min jinnotta li kull wieħed mill-profilu elenkati huwa mistenni li jinvolvi ruħu f'diversi attivitajiet jew proġetti, wara li jkun għe identifikat wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi umani interni kollha f'termini tal-involvement dirett jew indirett tagħhom f'attivitajiet jew fi proġetti rilevanti.

## b) Kompiti ġodda

Il-mandat tal-Aġenzija għe estiż bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Stabbiliment rivedut tal-eu-LISA f'Diċembru 2018. Wara l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726<sup>43</sup>, huwa probabbli li l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għall-ġestjoni tas-sistema e-CODEX tal-UE, sakemm jiġi adottat ir-Regolament rispettiv.

F'konsultazzjoni mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ Ġustizzja), l-Aġenzija hija involuta fid-diskussjonijiet dwar inizjattiva leġiżlattiva ġdida għall-ħolqien ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni għal Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK), li jista' jirriżulta f'kompitu ġdid għall-eu-LISA, jiġifieri li tiżviluppa u timplimenta din il-pjattaforma mill-2024.

<sup>43</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, COM/2020/712.

Barra minn hekk, hemm diversi inizjattivi ġodda oħra li bħalissa qed jitħejjew li jistgħu jinvolvu kompiti ġodda għall-eu-LISA, eż., id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-viża, iċ-Ċentru ta' Eċċellenza għall-AI (Intelliġenza Artifiċjali) jew l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' spazju Ewropew iddedikat għad-*data* dwar is-Sigurtà fl-infurzar tal-liġi, kif ukoll ir-reviżjoni tad-deċiżjoni Prüm. L-Aġenzija se tippreżenta l-impatt tagħha fuq l-ippjanar tal-persunal tagħha u se tinkludi dawn fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-eu-LISA hekk kif jiġu adottati l-proposti rispettivi tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, fl-2022, ir-responsabbiltajiet eżistenti tal-Aġenzija se jkomplu jespandu kemm f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni kif ukoll ta' kumplessità kif deskritt f'aktar dettall fit-taqsimha li jmiss.

## 2.2.3 L-ippogrammar ta' riżorsi għall-perjodu 2022-2024

### Ippjanar tar-riżorsi finanzjarji

Ir-riżorsi finanzjarji għall-perjodu 2022-2024 jikkostitwixxu parti mill-ippjanar pluriennali tal-eu-LISA u huma inklużi fit-tbassir tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.

Il-ħtiġijiet stmati tal-Aġenzija jipprevedu quċċata tal-użu tar-riżorsi finanzjarji fl-2022, primarjament minħabba l-adozzjoni kontinwa ta' responsabbiltajiet ġodda f'dati lill-Aġenzija (jiġifieri, l-implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-Interoperabbiltà), kif ukoll l-evoluzzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-kumplessità tal-kompiti eżistenti tal-eu-LISA.

L-Anness II jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn in-nefqa operattiva skont is-sistema kif previst fl-SPD għall-2022, kif ukoll fil-ġustifikazzjonijiet pluriennali għall-ippjanar u l-baġit. L-Anness III, min-naħa l-oħra, jinkludi t-tqassim tal-baġit f'konformità mal-istruttura baġitarja tal-Aġenzija, fejn in-nefġiet operattivi għal kull sistema huwa raggruppat skont il-kapitolu baġitarju.

### Ippjanar tar-riżorsi umani

Din l-SPD tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet tal-persunal tal-eu-LISA skont ir-regolamenti rilevanti adottati bejn l-2017 u l-2019, kif ukoll dawk skedati għall-adozzjoni fl-2020 jew fl-2021.

Fil-proċess tat-tħejjija tal-pjan ta' stabbiliment tagħha, l-Aġenzija ħadet gwida mill-pożizzjoni deskritta fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-ippogrammar ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020"<sup>44</sup>. Konsegwentement, it-tnaqqis kollu tal-persunal dettaljat fil-komunikazzjoni ġie implimentat sa tmiem l-2018.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ressqet talba għal persunal addizzjonali biex tiżgura t-tweqqif ta' kompiti orizzontali u biex tkopri n-nuqqasijiet ta' persunal kemm f'oqsma tekniċi kif ukoll dawk relatati ma' sistemi tal-IT ġodda jew aġġornati. Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar dan, jekk jogħġbok mur lura għas-subtaqsima **2.2.2 a) Żvilupp tal-Kompiti Eżistenti**. Għall-perjodu 2022-2024, l-Aġenzija indikat il-ħtieġa għaż-żieda li ġejja fin-numri tal-persunal (ara t-**Tabella 9. L-istimi tal-persunal tal-eu-LISA għall-perjodu 2022-2024** fuq il-paġna 44).

Dawn iċ-ċifri jinkludu n-numri tal-persunal approvati għall-eu-LISA mill-proposti rilevanti tal-Kummissjoni għar-regolamenti rispettivi, kif ukoll il-ħtieġa għal persunal addizzjonali għall-perjodu 2022-2024 kif identifikat mill-Aġenzija.

Minbarra din it-taqsimha, l-istimi għall-perjodu 2022-2024 huma deskritti f'aktar dettall (inklużi l-iżviluppi rilevanti u l-ħtiġijiet tal-persunal) fl-Annessi XIII u II, li jiddeskrivu perspettiva ta' tliet snin. L-evoluzzjoni ġenerali tal-kwota tal-persunal tal-eu-LISA hija inklużi fit-tabelli fl-Anness IV. L-informazzjoni dwar il-politika ta' reklutaġġ, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-rikklassifikazzjoni, il-politika ta' mobbiltà, il-bilanċ bejn il-ġeneri u dak ġeografiku, u t-taħriġ hija pprovvduta fl-Anness V.

<sup>44</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "L-ippogrammar ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020", COM(2013) 519 final tal-10 ta' Lulju 2013. Id-dokument jipprevedi li t-tnaqqis tal-Aġenti Temporanji se jirriżulta fil-livelli tal-persunal li ġejjin: 120 fl-2015, 118 fl-2016, 115 fl-2017, u 113 fis-snin 2018-2020.

**Tabella 9. I-istimi tal-persunal tal-eu-LISA għall-perjodu 2022–2024**

Elementi	2022				2023				2024			
	AT	AK	ENS	total tal-persunal	AT	AK	ENS	total tal-persunal	AT	AK	ENS	total tal-persunal
Persunal ta' referenza kif definit fir-Regolament eu-LISA rivedut	113	30	9	152	113	30	9	152	113	30	9	152
LFS EES (żvilupp + operattiv)	32			32	32			32	32			32
LFS dwar I-ETIAS	7	35		42	7	35		42	7	35		42
LFS dwar il-Fruntieri SIS/LE u r-ritorni SIS		4		4		4		4		4		4
Kooperazzjoni tal-pulizija LFS SIS		2		2								
LFS dwar il-Bidla tar-Regolament dwar il-finanzjament - persunal addizzjonali	23	27	2	52	23	27	2	52	23	27	2	52
LFS dwar I-Interoperabbiltà	32	36		68	31	34.5		65.5	24	31		55
LFS dwar I-ECRIS		5		5		5		5		5		5
LFS dwar ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac <sup>46</sup>	2			2	2			2	2			2
LFS dwar ir-riformulazzjoni tal-VIS	4	5		9	6	7		13	6	6		12
LFS dwar I-e-CODEX		2 <sup>48</sup>		2	2	3		5	2	3		5
<b>Subtotal</b>	<b>215</b>	<b>148</b>	<b>11</b>	<b>374</b>	<b>216</b>	<b>144.5</b>	<b>11</b>	<b>371.5</b>	<b>206</b>	<b>138</b>	<b>11</b>	<b>355</b>
Ftehim mal-Frontex dwar is-CAC		21				21				21		
SPD 2022–2024 persunal addizzjonali meħtieġ mill-eu-LISA	10	12	3	25	10	12	3	25	10	12	3	25
<b>Total</b>	<b>223</b>	<b>179</b>	<b>14</b>	<b>416</b>	<b>226</b>	<b>178</b>	<b>14</b>	<b>418</b>	<b>219</b>	<b>174</b>	<b>14</b>	<b>407</b>

<sup>45</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-gasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' twissijiet mill-Europol, COM (2020) 791, final tad-9.12.2020. L-istimi tal-persunal għal żewġ karigi AK fl-2021 u fl-2022, soġġetti għall-adozzjoni tal-istrument legali rilevanti.

<sup>46</sup> Il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA jinkludi żewġ karigi AT għall-Eurodac (soġġetti għal reviżjoni tar-Regolament rilevanti)

<sup>47</sup> In-numri jindikaw bidla fl-allokkazzjoni tal-karigi fis-sena.

<sup>48</sup> Żewġ pożizzjonijiet ta' AK FG IV huma previsti mill-1 ta' Settembru 2022.

## 2.2.4 **Strateġija għall-ksib tat-titjib fl-effiċjenza**

Fuq terminu twil, l-għan tal-eu-LISA huwa li ssir organizzazzjoni aġli u effiċjenti. Sabiex tiżdied l-effiċjenza, speċjalment meta jitqiesu r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-mandat estiż il-ġdid tagħha, l-Aġenzija kkonfigurata mill-ġdid **l-istruttura organizzazzjonali** tagħha u adottat **mudell operattiv ġdid**. Barra minn hekk, ir-riforma organizzazzjonali tal-eu-LISA kienet tinvolvi d-definizzjoni mill-ġdid tal-proċessi, distribuzzjoni ġdida tal-karigi u tal-profilu tal-persunal, u r-reviżjoni tal-proċess tal-ippjanar tar-riżorsi umani.

Madankollu, il-ksib tal-objettivi ta' politika hija kontinġenti fuq ir-restrizzjonijiet li jirriżultaw mir-riżorsi umani disponibbli għall-eu-LISA. Għalkemm l-Aġenzija kisbet fondi għar-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali biex tiegħu responsabbiltajiet ġodda, b'25 kariga mimlija fl-2019 wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Stabbiliment rivedut tal-eu-LISA, l-Aġenzija għadha qed tesperjenza nuqqasijiet ta' persunal biex tiegħu responsabbiltajiet assenjati ġodda. Biex ittaffi s-sitwazzjoni, l-Aġenzija tinvolvi ruħha f'diskussjonijiet regolari u fl-iżvilupp ta' miżuri biex tindirizza l-kwistjoni tan-nuqqas ta' persunal u l-objettivi operattivi tal-eu-LISA.

F'dan il-kuntest, waħda mill-miżuri magħżula kienet **l-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi** għal diversi kompiti tal-IT u amministrattivi. Madankollu, din is-soluzzjoni hija kkomplicata mill-fatt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, il-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi qed issir dejjem aktar kumplessa. Fit-tnejn tal-**Istrateġija ta' Akkwist** il-ġdida tagħha, l-Aġenzija qed tesplora approċċi alternattivi li se jippermettu li d-distakk fir-riżorsi umani jingħalaq meta ma jistax jiġi solvut b'postijiet tal-persunal diġà allokati. L-istrateġija ta' akkwist tindika l-FTEs għal kull qasam tal-attività tal-Aġenzija bl-użu ta' persunal intern biss għal servizzi ewlenin, bl-użu ta' kuntratturi esterni, jew bl-applikazzjoni ta' mudell imħallat. Barra minn hekk, tali tip ta' strateġija ta' akkwist ilha tiġi rakkomandata fl-awditi mwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). Biex nimxu 'l quddiem, se jkun element importanti li l-ippjanar tar-riżorsi umani jiġi ggwidat għall-SPD u jiġu ġġustifikati t-talbiet għal riżorsi addizzjonali b'mod aktar trasparenti. B'mod parallel, l-Aġenzija qed tiffinalizza l-Kuntratti ta' Qafas il-ġodda għall-akkwist ta' appoġġ estern, jiġifieri li testernalizza l-kompiti u l-ħidma li għalihom l-eu-LISA ma ġiet allokata għadd suffiċjenti ta' karigi interni.

Huwa mistenni li jinkisbu aktar kisbiet fl-effiċjenza fil-perspettiva fit-tul mid-**diġitalizzazzjoni tal-proċessi** li jinvolvu volumi kbar ta' karti (eż. fir-riżorsi umani – diversi moduli tas-SYSPER2, Għodda ta' Reklutaġġ Elettroniku, iLearn), u, fejn possibbli, permezz tas-**simplifikazzjoni tal-proċessi interni**, speċjalment għall-kompiti amministrattivi (eż. rekords tal-ħin tax-xogħol, sistemi ta' ġestjoni tad-dokumenti, eċċ.). Madankollu, l-adattament jew l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT jirrikjedi sforz akbar sabiex jittejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u jiġu ttestjati s-soluzzjonijiet proposti. Għalhekk, il-fażi tal-iżvilupp ta' għodod ġodda tal-IT teħtieġ żieda temporanja fir-riżorsi umani, filwaqt li l-effiċjenzi mistennija jinkisbu biss wara li s-soluzzjonijiet tal-IT żviluppjati jkunu saru kompletament funzjonali.

Dan joħloq sfidi addizzjonali u jpoġġi pressjoni fuq il-persunal eżistenti minħabba li l-proċess ta' reklutaġġ jiddependi fuq l-adozzjoni ta' strumenti legali rispettivi, filwaqt li l-proċessi ta' reklutaġġ u għażla jeħtieġu dawk ir-riżorsi minn qabel. Is-sitwazzjoni tal-COVID-19 li żviluppata fl-2020, u fl-2021, għad għandha impatt negattiv dirett fuq ir-reklutaġġ, li, min-naħa tiegħu, jaffettwa l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti.

Għal dak il-għan, l-Aġenzija abbozzat **Strateġija ta' Titjib fl-Effiċjenza** li tiffoka speċifikament fuq is-simplifikazzjoni tal-proċessi tagħha, l-ottimizzazzjoni tal-governanza, il-bini tal-kapaċità, l-implimentazzjoni ta' rieżamijiet regolari, l-introduzzjoni ta' kejl u awtomatizzazzjoni preċiżi.


B'mod partikolari, dan l-abbozz ta' strateġija jkopri l-oqsma li ġejjin:

- id-definizzjoni, id-dokumentazzjoni u l-kejl tal-proċessi;
- it-titjib fil-proċessi, bl-użu ta' rieżamijiet u ottimizzazzjoni regolari, anki fuq talba;
- analiżi tal-katina tal-valur;
- rieżamijiet regolari u ottimizzazzjoni tal-istrutturi ta' governanza interna u organizzattivi;
- rieżamijiet regolari u ottimizzazzjoni tal-metodi u l-prattiki ta' governanza;
- awtomatizzazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tat-tagħlim bil-magni u l-IA għall-proċessi u s-servizzi;
- definizzjoni, kejl u rapportar tas-servizzi, abbażi tas-siġra tal-kejl stabbilita.

Ta' min jinnota li sabiex jinkiseb titjib fl-effiċjenza, l-organizzazzjoni trid tinvolvi ruħha f'bini komprensiv tal-kapaċità madwar l-Aġenzija, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet u l-għarfien meħtieġa fost il-persunal. Sabiex ikun ta' suċċess, dan il-bini tal-kapaċità jrid isir flimkien mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tar-Riżorsi Umani tal-Aġenzija.

### 2.2.5 **Prijoritajiet negattivi/tnaqqis tal-kompiti eżistenti**

Fiż-żmien tal-kitba, l-Aġenzija ma tippredvi l-ebda prijorità negattiva għall-2022. Madankollu, skont l-eżitu finali tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid għall-perjodu 2021-2027, ma jistax jiġi eskluż li l-eu-LISA jista' jkollha tistabbilixxi prijoritajiet negattivi u/jew tnaqqas in-numru ta' kompiti ppjanati jekk ir-riżorsi umani u/jew finanzjarji allokat lill-Aġenzija ma jkunux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-attivitajiet kollha ppjanati għall-2022.



PJAN TA' ĦIDMA ANNWALI

## 3 Programm ta' Ħidma Annwali għall-2022

### 3.1 Sommarju eżekuttiv

L-ippjanar tal-kompiti tal-eu-LISA għall-2022 huwa mibni madwar iż-żewġ settijiet ta' prijoritajiet li ġejjin:

#### **PRIJORITAJIET EWLENIN TAN-NEGOZJU:**

- Operazzjonijiet u servizzi stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju.
- Progress fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda (EES, ETIAS, Interoperabbiltà, ECRIS-TCN, Riformulazzjoni tal-VIS, Riformulazzjoni tal-Eurodac) f'konformità mal-pjanijiet direzzjonali miftiehma.
- Il-progress bit-tieni estensjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu skont il-pjan.

#### **PRIJORITAJIET ORGANIZZAZZJONALI ORIZZONTALI:**

- Aktar tisħiħ tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-kwalità u l-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa.
- Aktar żvilupp u tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-programmi u tal-portafoll.

Barra minn hekk, mill-2022 l-eu-LISA għandha approċċ ġdid għall-preżentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati fl-SPD. S'issa, l-Aġenzija ppreżentat proġetti ppjanati u kompiti operattivi jew korporattivi bħala attivitajiet individwali fil-Programm ta' Ħidma Annwali li ttrasformaw f'dokument kumpless u tqil, li jirrikjedi sforz intern sostanzjali biex jitħejja kull sena, u sforz mill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija biex jinqara. F'dawn l-aħħar ftit snin, l-eu-LISA għamlet sforz sostanzjali fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħha għall-ġestjoni tal-portafoll u tal-programm u dan se jwassal għal tnaqqis fil-kumplessità tal-ippjanar annwali u pluriennali, ġestjoni aħjar tar-riżorsi disponibbli, u traċċabbiltà u ġestjoni mtejbja tal-interdipendenzi bejn proġetti u kompiti individwali.

Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2022 jirrifletti dan l-approċċ il-ġdid u huwa strutturat madwar portafolli u programmi definiti. Portafoll huwa ġabra ta' proġetti, programmi u attivitajiet mhux ta' proġetti ġestiti bħala grupp biex jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi strateġiċi tal-eu-LISA permezz tal-użu ottimizzat tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli. L-erba' portafolli huma: "Tmexxija Operattiva/Riformulazzjonijiet", "Sistemi ġodda/Innovazzjoni", "Infrastruttura" u "Attivitajiet korporattivi". Programm huwa grupp ta' proġetti relatati u attivitajiet mhux ta' proġetti li huma ġestiti b'mod ikkoordinat biex iwasslu benefiċċji li ma setgħux jinkisbu jekk jiġu ġestiti separatament. Is-sitt programmi riflessi fid-dokument huma: "VIS", "SIS", "Eurodac", "Fronterii Intelliġenti", "Interoperabbiltà" u "IT Korporattiv". Fit-taqsima 3.2 dawn huma rrappreżentati bħala attivitajiet differenti, li jippermettu lill-qarrej jifhem aħjar il-ħidma ppjanata taħt kull programm/portafoll.

L-approċċ il-ġdid naqqas il-volum ġenerali tal-SPD li jipprovdi fl-istess ħin l-istess livell (u f'xi każijiet aħjar) ta' dettalji għall-ħidma ppjanata. Dan huwa konformi wkoll mal-linji gwida aġġornati tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tnejn tal-SPD ippubblikat fl-2020.

Fl-istess ħin, bl-adozzjoni tal-proċessi u l-għodod tal-Ġestjoni tal-Programm u tal-Proġett (PPM), l-Aġenzija se tkun tista' tippjana b'mod aktar preċiż proġetti u attivitajiet ibbażati fuq il-kapaċità tar-riżorsi, tistma aħjar il-kostijiet tal-proġett, tantiċipa d-domanda futura, tipprijoritizza proġetti biex jiġi żgurat l-allinjament strateġiku u żżid is-suċċess tal-eżekuzzjoni tal-baġit li jirriżulta f'valur miżjud ġenerali għall-partijiet ikkonċernati.

Id-deskrizzjoni tal-kontenut ta' kull portafoll u programm hija pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.



## **PORTAFOLL: Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet**

### **PROGRAMM: SIS**

L-Aġenzija se tkompli topera s-SIS f'konformità mal-KPIs korporattivi u I-FLS. Il-manutenzjoni tas-sistema se titwettaq, u se tinkludi attivitajiet preventivi, korrettivi, adattivi u perfettivi. Dawn l-attivitajiet se jqisu l-bidliet skjerati għall-implimentazzjoni tar-regolamenti tar-Riformulazzjoni tas-SIS tal-2018. Is-sistema se tkompli tevolve f'konformità mal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-Istati Membri. B'mod partikolari, il-mistoqsijiet mis-Sistemi ta' Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi se jiġu implimentati fis-sistema ċentrali.

Se jitwettqu l-operat u l-manutenzjoni tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS).

Wara ż-żieda kostanti fl-użu tas-sistema mill-Istati Membri, l-Aġenzija se tkompli żżid il-kapaċità tat-talba.

L-integrazzjoni tas-SIS fil-proċess ta' interoperabbiltà se tibda, billi jiġu indirizzati l-interfaċċi bejn s-SIS ewlenija u l-elementi ta' interoperabbiltà korrispondenti.

L-Aġenzija se tappoġġa lill-Istati Membri fit-tweġġ ta' kampanji ta' ttestjar u ta' kwalifika tas-sistemi nazzjonali. Dan se jkun ta' sinifikat kbir peress li l-kumplessità tas-SIS se tiżdied, minħabba t-teknoloġija bijometrika addizzjonali introdotta mir-Riformulazzjoni tas-SIS u t-tnejn għall-interoperabbiltà.

### **PROGRAMM: VIS**

L-Aġenzija se tkompli topera l-VIS f'konformità mal-KPIs korporattivi u I-FLS. Il-manutenzjoni tas-sistema se titwettaq, u se tinkludi attivitajiet preventivi, korrettivi, adattivi u perfettivi, u se tkopri wkoll l-ambjent integrat il-ġdid tal-EES

L-Aġenzija se tkompli l-analiżi komprensiva u l-attività tad-disinn tagħha fir-rigward tal-integrazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà, sabiex tottimizza l-migrazzjonijiet futuri.

Sakemm l-istrumenti legali jkunu ġew adottati, l-Aġenzija se ssegwi l-iżvilupp tal-bażi legali l-ġdida tal-VIS (Riformulazzjoni tal-VIS) li se jkollha impatt fuq is-sistemi ċentrali u nazzjonali tal-VIS.

Bħala parti mill-isforzi tal-Aġenzija biex iżżid id-disponibbiltà tas-sistemi permezz tal-implimentazzjoni ta' arkitettura attiva-attiva, l-Aġenzija se tibda taġġorna s-servizz tal-VIS u bl-iżvilupp meħtieġ biex tnejn għall-implimentazzjoni.

### **PROGRAMM: Eurodac**

L-Aġenzija se tkompli topera l-Eurodac u d-DubliNet f'konformità mal-KPIs korporattivi u I-FLS. Il-manutenzjoni tas-sistema se titwettaq, u se tinkludi attivitajiet preventivi, korrettivi, adattivi, perfettivi u ta' disinn mill-ġdid tal-EURODAC.

L-iżviluppi relatati mal-evoluzzjoni tal-Eurodac se jiġu affettwati ħafna mill-progress tat-tnejn u l-adozzjoni sussegwenti tar-Regolament Eurodac il-ġdid propost mill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-Pakkett dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil il-ġdid. Sal-adozzjoni tal-bażi ġuridika l-ġdida, l-evoluzzjonijiet u l-bidliet tekniċi se jirriżultaw minn ħtiġijiet ta' manutenzjoni u operattivi adattivi.

L-Aġenzija se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-adattament tas-sistemi nazzjonali tagħhom biex itejbu l-użu tagħhom tal-Eurodac u tad-DubliNet.

### **PROGRAMM: Attivitajiet oħra ta' tmexxija operattiva**

It-tmexxija operattiva tas-sistemi se titwettaq f'konformità mal-qafas tal-ITSM tal-Aġenzija, biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-ftehimiet kollha fil-livell tas-servizz. Il-proċessi kollha ddefiniti fil-programm se jitwettqu u jitkejlu fuq bażi regolari, u se jsir ir-rapportar. L-Aġenzija se twettaq ukoll rieżami u titjib kontinwi tas-servizzi u l-proċessi fil-programm.

L-appoġġ tal-ewwel livell se jiġi pprovdut 24/7 lill-utenti kollha tas-sistemi, f'komunikazzjoni diretta mal-punti uniċi ta' kuntatt, u se jinkludi l-ġestjoni tal-inċidenti, l-issodisfar tat-talbiet, l-appoġġ u s-servizz, il-monitoraġġ tan-negozju u dak tekniku.

L-appoġġ tat-tieni livell se jiġi pprovdut ukoll 24/7, bħala appoġġ tekniku għas-sistemi kollha fil-produzzjoni. Dan se jikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-inċidenti, għall-ġestjoni tal-problemi, għall-ġestjoni tal-bidliet u tar-rilaxx. It-tim ta' appoġġ tat-tieni livell se jipprovdi wkoll appoġġ tekniku għal proġetti fil-programm.

L-Aġenzija se tipprovdi proċessi ewlenin bħall-ġestjoni tat-tibdil operattiv, il-ġestjoni tar-rilaxx u tal-użu, il-ġestjoni tat-testijiet. Fit-twettiq tal-proċessi, l-Aġenzija se tiżgura l-kwalità u l-effiċjenza tal-attivitajiet kollha, u se taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mal-korpi ta' governanza.

L-Aġenzija se tipprovdi servizz ta' sigurtà u assigurazzjoni tal-informazzjoni, li jinkludi l-ġestjoni u l-assigurazzjoni tas-sigurtà, l-operazzjonijiet ta' sigurtà u r-rispons, u l-valutazzjoni u l-ittestjar tas-sigurtà.

L-Aġenzija se timmaniġġja l-kontinwità tan-negozju tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, li tinkludi l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-operat, tal-ippjanar u tal-iżvilupp. FI-2022, l-Aġenzija se torganizza eżerċizzju ta' kontinwità tas-sigurtà u tan-negozju għas-SIS.

Dan il-programm jinkludi wkoll iż-żamma tal-implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS, li ilha r-responsabbiltà tal-Aġenzija minn April 2020<sup>49</sup>.

## **PORTAFOLL: Infrastruttura**

### **PROGRAMM: Infrastruttura**

Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi, se jiġu operati, miżmuma, u kwalunkwe evoluzzjoni u titjib meħtieġa se jiġu żviluppati u implimentati.

Se jiġu pprovduti servizzi ta' komunikazzjoni, inkluż it-tħaddim tat-tieni saff ta' kriptaġġ dwar l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS. L-Aġenzija se timmaniġġja wkoll is-servizzi tan-network iprovduti minn diversi fornituri għan-networks TESTA u EuroDomain.

Se jiġu pprovduti servizzi tal-operat tan-network, u dawn jinkludu t-tmexxija operattiva tal-infrastruttura tan-network lokali tas-sistemi, l-infrastruttura tan-network lokali u tal-internet tas-servizzi tal-web tal-EES/ETIAS, l-infrastruttura tan-network lokali tal-NUI, l-infrastruttura tan-network lokali tas-CSI, u n-network EUWS.

L-appoġġ għall-infrastruttura tat-tieni livell se jiġi pprovdut bħala parti mill-ġestjoni tal-inċidenti, mill-ġestjoni tal-problemi u mill-proċessi ta' twettiq tat-talbiet.

Se tiġi pprovduta tmexxija operattiva għall-infrastruttura tas-sistemi ta' ttestjar, għas-CMDB, għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tat-tibdil, għall-appoġġ tal-EUWS, għall-ittestjar tal-integrazzjoni, għall-amministrazzjoni tal-pjattaforma u għall-inġinerija tas-sistemi. Wara l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni, se jiġu pprovduti għodod ta' appoġġ u għodod relatati għaliha.

It-tranżizzjoni għan-network ġdid TESTA se tkompli, mill-2021, u se tinkludi l-migrazzjoni progressiva tal-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tas-sistemi.

Integrazzjoni tas-soluzzjoni ta' monitoraġġ integrat uniku mal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, li bdiet fl-2021, se titlesta.

L-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-kuntratti se jkomplu, skont l-approċċ trasversali li nbeda fl-2020 mill-Aġenzija. Dawn l-attivitajiet se jkopru l-manutenzjoni tat-TEF għall-infrastruttura ewlenija, il-ġestjoni tal-programm TOF, il-ġestjoni tat-TOF għall-manutenzjoni korrettiva, u għat-tiġdid tal-hardware (HW) u tas-software (SW), u l-ġestjoni tal-liċenzji Oracle.

L-Aġenzija se tiżviluppa kapaċità tal-inġinerija tas-software, sabiex ittejjeb il-kwalità tas-software mogħti mill-kuntratturi, u min-naħa tagħha żżid il-prestazzjoni u l-effiċjenza tas-sistemi u tal-manutenzjoni tagħhom.

## **PORTAFOLL: Sistemi ġodda/Innovazzjonijiet**

### **PROGRAMM: Fruntieri Intelliġenti**

FI-2022, l-Aġenzija se tiffinalizza l-iżvilupp ewleni tal-EES li beda fl-2019 (implimentazzjoni ewlenija tal-EES). Wara d-dħul fis-seħħ tas-sistemi, l-Aġenzija se tibda l-kompiti ta' manutenzjoni relatati (manutenzjoni tal-EES, manutenzjoni tal-hardware u tas-software tal-EES, manutenzjoni tal-EES BMS għas-setup attiv-attiv). Barra minn hekk, l-Aġenzija se tibda l-aġġustamenti meħtieġa għall-integrazzjoni tal-EES mal-komponenti l-oħra tal-interoperabbiltà.

---

<sup>49</sup> L-ECRIS ġiet stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI u ilha operattiva mill-2012. Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament ECRIS-TCN, is-software tal-interfaċċa ECRIS-TCN għandu jiġi integrat mal-implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS. F'konformità ma' dan, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament ECRIS-TCN jipprevedi li l-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ulterjuri tal-implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS. Minħabba l-fatt li l-ECRIS kienet operattiva, l-Aġenzija ħadet f'idejha ż-żamma tas-software tal-ECRIS RI f'April 2020.

L-Aġenzija se tiffinalizza l-implimentazzjoni tal-ETIAS sa tmiem l-2022 u, sabiex tnejni għad-dħul fis-seħħ tagħha, se jinbdew il-kompiti ta' manutenzjoni meħtieġa.

B'mod parallel, l-Aġenzija se tlesti l-implimentazzjoni tas-servizzi tal-web tal-EES/ETIAS sad-dħul fis-seħħ tagħha, u se tibda l-attivitajiet ta' manutenzjoni relatati.

L-eu-LISA se tkompli bl-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN li bdiet fl-2019. Sal-2023, l-implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS se tiġi integrata mas-software tal-interfaċċa ECRIS-TCN.

L-Aġenzija se tkompli tikkollabora b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati tagħha bħala parti mir-relazzjonijiet kummerċjali, il-ġestjoni tad-domanda, il-ġestjoni tat-tibdil u l-proċessi ta' ġestjoni tar-rekwiżiti. L-eu-LISA se tkompli tikkoordina u tappoġġa l-attivitajiet tad-diversi gruppi konsultattivi, il-gruppi ta' ħidma u l-gruppi ta' esperti f'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tagħha u regolamenti oħra dwar is-sistemi u l-interoperabbiltà rispettivi.

#### **PROGRAMM: Interoperabbiltà**

F'konformità mal-istrumenti legali, l-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-komponenti kollha tal-interoperabbiltà.

L-iżvilupp tar-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS), li beda fil-bidu tal-2021, huwa mistenni li jitlesta sa tmiem l-2022. Sabiex jitħejjew għad-dħul fis-seħħ, se jinbdew il-kompiti ta' manutenzjoni meħtieġa.

L-iżvilupp tas-CIR, li beda fil-bidu tal-2021, huwa ppjanat li jitlesta fl-2022.

L-iżvilupp tal-ESP, li beda fil-bidu tal-2021, se jkompli matul is-sena. Bi tnejn għad-dħul fis-seħħ, il-kompiti ta' manutenzjoni meħtieġa se jinbdew fl-2022.

L-iżvilupp tal-MID, li beda fil-bidu tal-2021, se jkompli matul is-sena.

Qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, l-Aġenzija se taġġorna l-qafas tal-ITSM tagħha billi żżid u tiddefinixxi s-servizzi l-ġodda relatati mal-komponenti l-ġodda tal-interoperabbiltà.

Ukoll qabel id-dħul f'operazzjonijiet tal-komponenti tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija se tkompli l-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati tagħha dwar l-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS u bejn l-ETIAS u l-VIS. L-eu-LISA se tkompli bl-iżviluppi relatati mal-integrazzjoni tal-ECRIS-TCN mal-komponenti tal-interoperabbiltà.

L-eu-LISA se tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-EES BMS/sBMS li bdiet bħala parti mill-implimentazzjoni tal-EES.

Filwaqt li tkompli mill-2020 u l-2021, l-Aġenzija se tiffinalizza l-proġett għall-migrazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi tal-VIS lill-sBMS. Il-manutenzjoni tal-KIT tas-Software tal-Utent (USK) se tinbda fl-2022.

#### **PROGRAMM: Sistemi ġodda oħra/Attivitajiet ta' innovazzjoni**

Bħala parti minn programm separat, l-attivitajiet li ġejjin jikkontribwixxu biex jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-operazzjonijiet tas-sistemi.

B'segwitu għall-inizjattiva li bdiet fl-2019, l-Aġenzija se tipproċedi bit-tieni fażi tal-implimentazzjoni tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni.

L-Aġenzija se tikkonkludi l-proġett li beda fl-2020 dwar l-interkonnessjoni ewlenija tas-SIS, billi tlesti l-interfaċċa biex tippermetti l-iskambju ta' messaġġi permezz tal-ETIAS.

L-eu-LISA se tkompli taħdem fuq l-arkitettura tal-intrapriżi tagħha fil-kuntest ġenerali tal-interoperabbiltà.

### **PORTAFOLL: Attivitajiet korporattivi**

#### **PROGRAMM: IT korporattiv**

L-Aġenzija se topera u żżomm l-applikazzjonijiet korporattivi tal-IT, in-networks, is-sistemi u l-faċilitajiet ta' ħżin tagħha.

Filwaqt li tkompli bl-inizjattiva li bdiet fl-2021, l-Aġenzija se temigra xi wħud mill-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-IT tagħha għall-cloud.

Se tkompli wkoll mill-2021, l-implimentazzjoni tal-istandards tal-ITIL u l-aħjar prattiki għas-servizzi tal-IT korporattivi se jiġu ffinalizzati.

L-akkwist ta' tagħmir, infrastruttura u servizzi tal-ICT se jiġi organizzat u se jiġi pprovdut appoġġ għall-utent finali tal-IT (uffiċċju ta' servizz) għall-persunal tal-Aġenzija.

## **PROGRAMM: Attivitajiet Korporattivi oħra**

Se jitwettqu attivitajiet korporattivi biex jappoġġaw it-tweġiq tal-mandat tal-Aġenzija u l-attivitajiet annwali pplanati, biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi annwali u li l-Aġenzija topera bħala organizzazzjoni effiċjenti u aġli, f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.

Din l-attività tinkludi l-ġestjoni tal-Aġenzija, l-entitajiet tagħha u t-teħid ta' deċiżjonijiet interni tagħha. Il-ġestjoni korporattiva tkopri l-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali, inkluża l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar mid-diversi awditi kollha (IAC, IAS u ECA), u ż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija. Sabiex ittejjeb il-ġestjoni korporattiva, fl-2022 l-Aġenzija se tiffinalizza l-implimentazzjoni ta' proċess ta' evalwazzjoni uffiċjali bbażat fuq l-integrazzjoni tal-mudell tal-maturità tal-kapaċità, bdiet inizjattiva fl-2020.

Taħt is-superviżjoni tal-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data (DPO), se jiġu organizzati attivitajiet ta' protezzjoni tad-data biex tiġi mmonitorjata l-konformità tal-Aġenzija mal-bażi legali għall-protezzjoni tad-data, u li jagħti pariri u jinforma lill-persunal kollu tal-eu-LISA dwar il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data għat-tmexxija operattiva tas-sistemi u għal attivitajiet oħra mwettqa mill-Aġenzija. Ir-rapportar dwar il-protezzjoni tad-data u l-kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) kif ukoll ma' aġenziji u korpi oħra tal-UE se jitwettaq ukoll kif meħtieġ.

L-attivitajiet ta' ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati se jiġu organizzati biex jappoġġaw l-istruttura ta' ġestjoni tal-Aġenzija, b'mod partikolari l-korpi ta' tmexxija tagħha (Bord tat-Tmexxija, Gruppi Konsultattivi). Il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-politika se jiġu organizzati, biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni tal-Aġenzija mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill tal-UE, u ma' korpi u aġenziji oħra tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Il-kompiti ta' komunikazzjoni interna u esterna se jitwettqu kif meħtieġ.

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-eu-LISA jsegwu l-prinċipji stabbiliti fl-istrategġija ta' komunikazzjoni aġġornati għall-perjodu 2021-2027. L-oġġettivi, l-għanijiet u l-messaġġi ta' komunikazzjoni se jrin ikunu relatati mal-oġġettiv strateġiku ġenerali tal-eu-LISA u se jimmiraw li jżidu l-viżibbiltà, il-kredibbiltà u l-fehim preċiż tal-ħidma tal-Aġenzija fost il-partijiet ikkonċernati esterni tagħha u l-pubbliku ġenerali.

Ir-riżorsi umani se jiġu ġestiti fl-ispirtu tal-konsolidazzjoni, fil-kuntest tat-trasformazzjoni u t-tkabbir kontinwi tal-Aġenzija li bdew fl-2020. L-iżvilupp ta' kompetenza u kapaċità għall-operazzjonijiet tas-sistemi se jkun attività ewlenija pplanata għall-2022.

Se jitwettqu attivitajiet ta' finanzjament u ta' akkwist, u b'mod partikolari l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' ksib u ta' akkwist. Se jitwettqu kontrolli, proċeduri u awditi stabbiliti fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi u tal-akkwist. Se jiġu pprovduti s-servizzi kollha relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja.

L-Aġenzija se twettaq il-kompiti meħtieġa relatati mal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità, li se jinkludu l-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri u r-rispons għal emerġenza, u s-servizzi tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-assigurazzjoni.

Il-faċilitajiet kollha tal-Aġenzija (il-kwartieri ġenerali f'Tallinn, is-sit tekniku fi Strasburgu, is-sit ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau u l-uffiċċju ta' kollegament fi Brussell) se jkomplu jiġu operati u miżmuma, u se jiġu pprovduti s-servizzi meħtieġa.

L-Aġenzija bdiet b'suċċess il-proċess għall-bini tat-tieni estensjoni għall-bini operattiv tagħha fi Strasburgu fl-2019. Fl-2022, l-Aġenzija se tkompli bl-ippjanar tat-tieni estensjoni tal-faċilitajiet tekniċi fi Strasburgu. Il-kostruzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-bini huma mistennija li jitlestew fl-2028.<sup>50</sup>

Bħala parti mill-attivitajiet ta' koordinazzjoni ġenerali tagħha, l-Aġenzija se tħejji rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u tippubblika statistika dwar l-użu tagħhom u se tkompli tipprovdri taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi. L-esperti tal-eu-LISA se jkomplu jikkontribwixxu bħala osservaturi għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi, soġġetta għall-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19. L-Aġenzija se tkompli bl-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija, b'mod partikolari billi tintegra s-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjoni. L-eu-LISA se tappoġġa l-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni<sup>51</sup>. L-Aġenzija se tħejji d-dokumenti annwali dwar il-governanza, l-ippjanar u r-rapportar kif meħtieġ mir-regolamenti.

<sup>50</sup> Aktar dettalji huma mogħtija fl-Anness VII

<sup>51</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, COM/2018/435 final

## 3.2 Attivitajiet

Din it-taqsima u l-Anness II jippreżentaw l-attivitajiet tal-programmi u l-portafolli deskritti hawn fuq fit-taqsima 3.1 Sommarju.

### 3.2.1 Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet – VIS

L-oġġettivi ta' din l-attività huma l-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-VIS/BMS, u t-tweqqi tal-evoluzzjonijiet meħtieġa tas-sistemi. B'din l-attività, l-eu-LISA tipprovi lill-Istati Membri bil-VIS/BMS b'konformità mal-istrumenti legali u l-FLS miftiehem. Id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tal-VIS għall-Istati Membri hija waħda mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tal-Aġenzija għall-Politika Komuni Ewropea dwar il-Viżi. FI-2022, se jkun hemm żewġ evoluzzjonijiet ewlenin tal-VIS/BMS: l-ewwel l-implimentazzjoni tar-Regolament tar-Riformulazzjoni VIS, u t-tieni l-bidu tal-implimentazzjoni ta' arkitettura attiva-tal-VIS.

Il-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa ta' din l-attività għall-2022 huma mogħtija fl-Anness II.

Proġett/kompitu	Kamp ta' applikazzjoni/Deskrizzjoni	Riskji / sfidi ewlenin	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira ta' Prestazzjoni
<b>Implimentazzjoni ta' arkitettura attiva-tal-VIS</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>L-identifikazzjoni ta' metodoloġija orizzontali għal struttura attiva għas-CBSs kollha</li> <li>L-aġġornament tas-servizz tal-VIS kif xieraq</li> </ul>	Qafas attiv orizzontali mhux lest	Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni	Aħdar <sup>52</sup>
<b>Żvilupp tar-Riformulazzjoni tal-VIS (kontinwazzjoni)</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Il-modifika tal-VIS ċentrali u tal-interfaċċi nazzjonali f'konformità mar-Regolament dwar il-VIS emendat.</li> </ul>	Il-kwistjonijiet ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad- <i>data</i> jistgħu jkollhom impatt fuq it-tħaddim bla xkiel (eż. tisħin żejjed fl-ikkafef minħabba nuqqas ta' spazju addizzjonali, diffikultajiet sabiex tiżdied l-infrastruttura fil-każ ta' kwistjonijiet)	Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni	Aħdar
<b>Manutenzjoni tal-VIS/BMS</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Manutenzjoni korrettiva: Ġestjoni tal-Inċidenti, Ġestjoni tal-Problemi, Ġestjoni tal-Bidliet.</li> <li>Manutenzjoni adattiva: il-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-obsoluxxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex il-VIS/BMS tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u appoġġata bis-sħiħ mill-manifatturi u l-edituri tal-komponenti.</li> <li>Manutenzjoni perfetta: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u l-irkupru identifikat, il-komponenti tal-VIS/BMS sabiex tiġi żgurata prestazzjoni ottimali.</li> <li>Manutenzjoni preventiva: it-tweqqi ta' bidliet fil-VIS/BMS abbażi ta' osservazzjonijiet operattivi sabiex jiġi evitat li sorsi potenzjali identifikati tal-kwistjonijiet jevolvu f'inċidenti.</li> </ul>	L-adozzjoni f'waqtha tar-Regolament tar-Riformulazzjoni tal-VIS	Konformità mal-FLS tal-VIS/BMS u l-KPIs korporattivi	99.99 % disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS  100 % ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS

<sup>52</sup> Il-proġetti kollha fit-taqsima 3.2 Attivitajiet jinkludu l-indikaturi ta' prestazzjoni standard tal-eu-LISA għat-tolleranzi tal-proġetti li jikkonsistu minn:

Prestazzjoni tal-Kost tal-Proġett: Aħmar - Devjazzjoni totali >10 % / Ambra - Devjazzjoni totali 5 % < 10 % / Aħdar - Devjazzjoni totali <=5%

Prestazzjoni tal-Iskeda tal-Proġett: Aħmar - Devjazzjoni totali >10 % / Ambra - Devjazzjoni totali 5 % < 10 % / Aħdar - Devjazzjoni totali <=5%

Prestazzjoni tal-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Proġett: Aħmar: meta l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux issodisfati / Ambra: devjazzjonijiet permessi fi ħdan il-limiti għall-iskeda u l-kost, sakemm dawn ikunu allinjati mal-każ tan-negożju u jkunu approvati mill-bord tal-proġett

Aħdar: l-ebda devjazzjoni

### 3.2.2 Tmexxija operattiva/Riformulazzjonijiet – SIS

L-oġġettivi ta' din l-attività huma li s-SIS u s-SIS AFIS jiġu ġestiti b' mod effettiv u effiċjenti, li jitwettqu l-iżviluppi meħtieġa tas-sistemi u li jiġu appoġġati l-Istati Membri fil-ġestjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom. B'din l-attività, l-eu-LISA tipprovdi lill-Istati Membri bis-SIS u s-SIS AFIS f'konformità mal-bażi ġuridika u l-FLS miftiehem. Id-disponibbiltà tas-SIS għall-Istati Membri hija waħda mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tal-Aġenzija għall-kollaborazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-Ewropa.

Fl-2022, l-evoluzzjonijiet ewlenin tas-SIS se jkunu relatati mad-dħul sussegwenti fl-operazzjonijiet tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Il-kapaċità tas-SIS se tiġi estiża biex tneġġi għal traffiku addizzjonali li ġej minn MID u ESP, u s-sistema ċentrali tas-SIS ċentrali se titħejja għall-implimentazzjoni tal-interfaċċi mal-komponenti tal-interoperabbiltà. Kwalunkwe evoluzzjoni oħra meħtieġa u miftiehma mill-partijiet ikkonċernati differenti se titwettaq kif meħtieġ.

Id-dettalji tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għal din l-attività għall-2022 jinsabu fl-Anness II.

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni	Riskji / sfidi ewlenin	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira ta' Prestazzjoni
<b>Kapaċità estiża tas-SIS</b>	L-implimentazzjoni ta' kapaċità addizzjonali ta' tiftix u twettiq tat-testijiet biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti jiġu ssodisfati.	Kuntrattur estern biex iwettaq l-evoluzzjoni mitluba fil-ħin Il-kuntratt SIS MWO jintemm fil-31/05/22 u jrid jiġi estiż	Kost, skeda u kamp ta' applikazzjoni	Aħdar
- tiggarantixxi l-kapaċità li tiżgura d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità, l-integrità u l-evoluzzjoni mingħajr interruzzjoni meħtieġa tas-sistemi fdati lill-Aġenzija.

Wara l-eżekuzzjoni u t-twettiq b'suċċess tal-istadji importanti fl-istadji ppjanati fis-snin preċedenti, fl-2022, l-Aġenzija se taħdem b'mod intensiv fuq is-sejħa għall-offerti għad-disinn tal-bini, l-għoti ta' kuntratt u l-pjanijiet biex jiġi konkluż *id-disinn dettaljat* fl-2024. F'dak l-istadju, il-proġett ta' kostruzzjoni se jiġi ppreżentat l-ewwel lill-Bord tat-Tmexxija, u aktar tard lill-Awtorità Baġitarja, għall-approvazzjoni tagħhom *sabiex tibda l-kostruzzjoni fl-2025*. L-Aġenzija tistenna li tlesti t-tieni estensjoni tas-sit fl-2028.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-istadji importanti ewlenin fl-ippjanar aġġornat tat-tieni proġett ta' estensjoni mill-2022 'il quddiem.

<b>L-istadji importanti li jifdal</b>	<b>Għandhom jinkisbu sa</b>
<b>Offerta ta' disinn tal-bini inkluż il-kuntratt tad-disinjatur tekniku</b>	It-tieni trimestru tal-2023
<b>Bidu tal-istudju tad-disinn tekniku</b>	It-tieni trimestru tal-2023
<b>Disinn iddettaljat konkluż</b>	It-tielet trimestru tal-2024
<b>Approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-proġett ta' kostruzzjoni</b>	It-tielet trimestru tal-2024
<b>It-talba tal-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni lill-Awtorità Baġitarja</b>	Ir-raba' trimestru tal-2024
<b>Firma tal-kuntratt mill-Awtorità Baġitarja</b>	Ir-raba' trimestru tal-2024
<b>Sejħa għall-offerti tal-kostruzzjoni tal-bini inkluż l-iffirmar tal-kuntratt ta' eżekuzzjoni tax-xogħlijiet</b>	It-tieni trimestru tal-2026
<b>Bidu tax-xogħol tal-kostruzzjoni</b>	It-tieni trimestru tal-2026
<b>Aċċettazzjoni tal-kostruzzjoni</b>	It-tieni trimestru tal-2028

Il-perjodu ta' żmien tal-proġett u l-pakkett finanzjarju se jiġu rfinati aktar kif meħtieġ.

2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	Total
415 000	750 000	1 452 000	1 140 000	13 610 000	19 995 000	10 090 000	47 452 000

### Soluzzjonijiet temporanji għall-bini tal-uffiċċji u għaċ-ċentru tad-*data*

Sabiex jittaffew il-kwistjonijiet ta' kapaċità li t-tieni proġett ta' estensjoni se jsovi b'mod kosteffiċjenti, l-Aġenzija kriet spazju temporanju, għall-iskop esklussiv li jintuża bħala uffiċċju, li jinsab qrib is-sit operattiv.

Barra minn hekk, biex tkopri l-ħtiġijiet taż-żieda fil-kapaċità, l-Aġenzija ddeċidiet li tibni ċentru tad-*data* modulari temporanju fis-sit tekniku eżistenti, li huwa mod effiċjenti u kosteffettiv biex tespandi ċ-ċentru tad-*data* eżistenti sakemm it-tieni estensjoni permanenti tkun lesta għall-użu. Is-soluzzjoni modulari se tkun mgħammra bl-infrastruttura meħtieġa għall-operat awtonomu tagħha u se tingħata lesta għas-servizz mill-kuntrattur. Iċ-ċentru temporanju tad-*data* għandu jkun konformi tal-anqas mal-istess livell ta' rekwiżiti ta' sigurtà, sikurezza u tifi tan-nar bħal dak attwali.

Il-pjan li jitħaddem ċentru tad-*data* temporanju huwa wieħed għal żmien qasir u d-durata tiegħu tiddependi fuq il-finalizzazzjoni tat-tieni proġett ta' estensjoni. Madankollu, fil-futur, din is-soluzzjoni tista' tiġi riveduta biex jiġu ttrattati estensjonijiet oħra ppjanati u meħtieġa.

Iż-żewġ proġetti jaqgħu taħt il-limitu ta' implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti. Barra minn hekk, is-soluzzjoni temporanja taċ-ċentru tad-*data* mhijiex proġett ta' bini iżda servizz, li jfisser li l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Awtorità Baġitarja mhijiex meħtieġa.

# Anness VIII. Privileġġi u immunitajiet

Privileġġi tal-aġenzija	Privileġġi mogħtija lill-persunal Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet / status diplomatiku	Edukazzjoni / kura ta' matul il-jum
<p><b>Il-persunal statutorju tal-eu-LISA f'Tallinn</b>, sakemm ma jkunx residenti permanenti tal-Estonja qabel jibda jassumi l-ħatra tiegħu fl-Aġenzija, għandu jingħata rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul perjodu ta' sena minn meta jibda jassumi d-doveri tiegħu fl-Aġenzija f'Tallinn bil-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tiegħu fl-Estonja.</p> <p><b>Il-persunal statutorju tal-eu-LISA f'Tallinn</b> u l-membri tal-familja li jiffirmaw parti mill-unità domestika tagħhom huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni</p>	<p>Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-<b>Repubblika tal-Estonja</b>, l-Artikolu 12</p>	<p>Fil-Ħarifa tal-2013 ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn. L-Iskola Ewropea tipprovdi l-kurrikulu tat-tip II kemm fil-livell tal-edukazzjoni preprimarja u primarja, kif ukoll fil-livell tal-edukazzjoni sekondarja. Fl-Iskola Ewropea jistgħu jiddaħħlu tfal minn 4 snin 'il fuq</p>
<p><b>Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu</b> u l-membri tal-familja li jiffirmaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti sekondati jkunu eżentati wkoll mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża.</p>	<p>Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-<b>Gvern ta' Franza</b>, l-Artikolu 13</p>	<p>Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji li jiffirmaw parti mill-unità domestika tagħhom u li joffrilhom edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdihom l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-gvern impenja ruħu li jiżgura li l-aċċess għall-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li toffri bakkalawrjat rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, ikun garantit għat-tfal kollha tal-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom li jiffirmaw parti mill-unità domestika tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li kien iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011.</p>

## Anness IX. Evalwazzjonijiet

### Evalwazzjonijiet tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tal-IT

Li jiġu evalwati u mmonitorjati l-prestazzjoni tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA u tiġi appoġġata l-konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 19(1)(ff) tar-Regolament (UE) 2018/1726 għar-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS u tal-VIS, il-Bord tat-Tmexxija approva Ftehim Standard fil-Livell tas-Servizzi fid-dokument 2013-084.

Fl-2023, l-Aġenzija se tkun soġġetta għal evalwazzjoni regolari f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA. Sabiex tipprowdi kontribut addizzjonali għall-evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni u tikseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-prestazzjoni tas-sistemi (l-operazzjonijiet, il-ġestjoni tas-sistemi, is-sigurtà u l-kontinwità tan-negożju), l-Aġenzija se tgħaddi minn **eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fl-2022**.

### Evalwazzjonijiet ex ante

Skont l-oġġettiv fir-reviżjoni li tistabbilixxi r-Regolament Nru 1726/2018, l-Artikolu 2(a), li jappartjeni għat-tmexxija tal-eu-LISA ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-Aġenzija għandha tiżgura "*l-użu ta' struttura adegwata ta' ġestjoni tal-proġetti għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li qed jiżviluppaw b'mod effiċjenti*". Barra minn hekk, l-Artikolu 29 tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA 2018/1046 tat-18 ta' Lulju 2018, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, jistipula li l-programmi u l-attivitajiet kollha li jeftieġu nefqa sinifikanti huma soġġetti għal evalwazzjoni ex ante qabel l-approvazzjoni u l-inklużjoni tagħhom fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija.

B'appoġġ għal dan, u bħala parti mill-metodoloġija ex ante, ġiet żviluppata politika, proċess u proċedura ta' evalwazzjoni ex ante u sussegwentement ġiet approvata mill-Bord ta' ġestjoni tal-eu-LISA fil-15 ta' Novembru 2017, flimkien ma' sett ta' kriterji għall-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu evalwati u mudell aġġornat tal-każ tan-negożju.

Il-proċess ta' evalwazzjoni ex ante għandu l-għan li jivvaluta l-opportunità u l-fattibbiltà ta' proġetti ġodda proposti, f'konformità mal-għanijiet u mal-oġġettivi strateġiċi tal-Aġenzija, u jiffirma parti miċ-ċiklu ta' ppjanar tal-eu-LISA. Dan jaġixxi bħala kontroll tal-kwalità billi jipprovi, minn stadju bikri, il-mekkaniżmu sabiex tiġi vvalutata t-tnejn tad-data billi jidentifika lakuni u inkonsistenzi kif ukoll billi jiskopri n-nonkonformità mal-kriterji tal-kwalità applikabbli.

Ir-rieżami annwali tal-politika ta' evalwazzjoni ex ante tal-2018 enfasizza li ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni ex-ante, li jkopri perjodu ta' sentejn, ikun jibbenefika minn approċċ ta' evalwazzjoni rivedut billi r-rekwiżiti tal-valutazzjoni jtfasslu skont il-passi tal-proċess ta' evalwazzjoni ex ante. Bħala riżultat, għie implimentat approċċ ottimizzat b'żewġ stadji mill-2019, li jinkludi valutazzjoni tal-opportunità (stadju 1) segwita minn valutazzjoni tal-fattibbiltà (stadju 2) fis-sena ta' wara.

Dan l-approċċ ottimizzat se jiffaċilita l-proċess ta' evalwazzjoni ex ante billi jiżgura li proġetti ġodda jiġu evalwati biss skont l-informazzjoni dwar il-proġett disponibbli dak iż-żmien, fir-rigward tad-domanda u l-impatt tagħhom fuq il-portafoll tal-proġetti tal-eu-LISA. Min-naħa l-oħra, dan se jimmassimizza l-identifikazzjoni tad-dipendenzi tal-portafoll mill-bidu nett u jiżgura kategoriji u prijoritajiet xierqa tal-proġetti biex jiggwida l-ippjanar tar-riżorsi.

L-għan primarju tal-Pass 1 huwa li jiġu evalwati l-indikaturi li ġejjin biex jiġi vverifikat li qed jiġu ssodisfati: 1) ir-rilevanza ta' kull proġett kontra l-mandat tal-eu-LISA; u 2) il-koerenza ta' kull proġett mal-mandat tal-eu-LISA.

Evalwazzjoni ex ante tal-opportunità tipprowdi valutazzjoni tal-prijorità, tal-idoneità strateġika, tal-estimi baġitarji/tar-riżorsi ta' proġett, tal-benefiċċji u ta' indikazzjoni tar-restrizzjonijiet, tar-riskji u tar-rekwiżiti tal-akkwist. Barra minn hekk, din teżamina sa liema punt l-għażla tal-proġetti u l-proċessi annwali tal-ippjanar ġew irrISPettati.

Il-proġetti li ġejjin se jkunu soġġetti għal evalwazzjoni ex ante, valutazzjoni tal-Opportunitajiet tal-Fażi 1:

Numru ta' referenza	Ref PD	Titolu tal-Attività
1	146	Il-bidu ta' kapaċità tal-inġinerija tas-software
2	158	Evoluzzjonijiet mhux ippjanati u appoġġ assoċjat li jirriżulta minn manutenzjoni adattiva tal-Eurodac u tad-DubliNet
3	185	Implimentazzjoni ta' arkitettura attiva-attiva tal-VIS
4	197	Evoluzzjoni tas-SIS (proġetti, żviluppi u studji)
5	201	Kapaċità estiża tas-SIS
6	309	Aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-interoperabbiltà
8	374	It-tħejjija tal-iżvilupp ECRIS-TCN fl-sBMS
9	375	Il-Preparazzjoni: Impatt tal-MID fuq l-sBMS

### Evalwazzjonijiet esterni

F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011<sup>97</sup>, l-Aġenzija kienet soġġetta għal evalwazzjoni esterna fl-2015/2016. Fl-2022, l-Aġenzija se tkun diġà lestiet l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula f'din l-evalwazzjoni. Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1726, l-evalwazzjoni li jmiss tal-Aġenzija trid titlesta sat-12 ta' Diċembru 2023.

<sup>97</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Ma għadux fis-seħħ, Data tat-tmiem tal-validità: 10/12/2018; Imħassar u sostitwit mir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Isparju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI



# Anness X. Strateġija dwar il-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern

## Qafas ta' Kontroll Intern (ICF)

Il-kontroll intern huwa proċess li jgħin lil organizzazzjoni tilħaq l-oġġettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operattiva u finanzjarja. Dan jiżgura li r-regoli u r-regolamenti applikabbli jiġu rrispettati, jappoġġa teħid ta' deċiżjonijiet sod, u jnaqqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi. Abbażi tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2019-042 tad-19 ta' Marzu 2019, id-Direttur Eżekuttiv għandu l-mandat li jimplementa l-prinċipji u l-prattiki ta' kontroll intern u li jstabbilixxi struttura organizzazzjonali u sistema ta' kontroll intern li tkun f'konformità mal-prinċipji u l-politiki adottati mill-Bord ta' Tmexxija.

Hemm ħames komponenti tal-kontroll intern fl-eu-LISA, jiġifieri, l-ambjent tal-kontroll, il-valutazzjoni tar-riskju, l-attivitajiet tal-kontroll, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' monitoraġġ. Dawn il-ħames komponenti huma marbutin ma' xulxin u għandhom ikunu preżenti u jaħdmu sew fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni sabiex il-kontroll intern fuq l-operazzjonijiet jiġi meqjus b'ħala effettiv. Id-Deċiżjoni Nru 2019-042 tistabbilixxi l-prinċipji għal kull komponent u l-karatteristiċi ta' kull prinċipju huma definiti biex iqisu l-qafas speċifiku ta' governanza (jiġifieri, l-istrutturi, il-proċessi u l-proċeduri) fl-Aġenzija. Il-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern stabbiliti jikkostitwixxu l-istandards minimi msemmija fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA.

Il-Bord ta' Tmexxija ħatar lid-Direttur Eżekuttiv biex jaħtar Maniġer inkarigat mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern (MRMIC) biex jappoġġjah fl-istabbiliment, fil-monitoraġġ, fl-implimentazzjoni, fil-valutazzjoni u fir-rapportar dwar il-Qafas ta' Kontroll Intern. Id-Direttur Eżekuttiv għandu l-mandat li jwettaq valutazzjoni ġenerali tal-effiċjenza tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA kull sena. Il-valutazzjoni annwali ssejtn matul l-ewwel kwart tas-sena, u r-riżultati tagħha huma inklużi fir-Rapport Konsolidat Annwali tal-Attività (CAAR).

## Riskji korporattivi

Il-ġestjoni tar-riskju korporattiv tal-eu-LISA hija proċess stabbilit sew fl-eu-LISA f'konformità mal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-UE. Hija parti essenzjali mill-governanza korporattiva li tipprovdi gwida u appoġġ lill-maniġment superjuri tal-Aġenzija għall-ilħuq tal-oġġettivi strateġiċi tagħha kif deskritti fil-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.

L-Aġenzija timmonitorja r-riskji fil-livell korporattiv b'mod kontinwu:

- L-oġġetti identifikati l-ġodda jinġabru permezz tal-ġodda PPM fl-użu fl-Aġenzija u mbagħad jiġu prekwalfikati mill-MRMIC u mill-EPMO u kkonfermati mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-inklużjoni fir-Reġistru dwar ir-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi. Sid tar-riskju uniku jiġi nnominat mill-Kumitat ta' Tmexxija.
- Is-sidien tar-riskju jiddefinixxu u jżommu l-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi sakemm jingħalaq ir-riskju.
- L-istatus ta' kull riskju flimkien ma' kwistjonijiet huma ppreżentati lill-Kumitat ta' Tmexxija fuq bażi regolari (mill-inqas kull tliet xhur) għal rieżami u aġġornament tal-probabbiltà u l-impatt tar-riskji residwi.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta lista tar-riskji korporattivi tal-eu-LISA li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament operattiv tal-Aġenzija, kif ukoll tindika s-sidien rispettivi tagħhom u t-tweġibiet xierqa. Il-lista ta' riskji li ġejja, flimkien mar-riskji miftuħa mis-snin preċedenti, tikkostitwixxi r-reġistru tar-riskju korporattiv tal-Aġenzija.

Riskju	Deskrizzjoni	Ir-rispons u Pjan ta' azzjoni	Il-Proprietarju tar-Riskju
<b>Riskju 1</b>	Kontrolli legali insuffiċjenti: it-tim legali ma għandu l-ebda viżibbiltà fuq l-aktar oqsma sensitivi (l-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' sistemi kbar). Il-kontrolli legali ma jittwettqux, la <i>ex ante</i> u lanqas <i>ex post</i> .	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> (1) L-istabbiliment ta' ċellola ta' kontroll <i>ex ante</i> għal tranżazzjonijiet ta' ammont sinifikanti; (2) Il-ħolqien ta' karigi legali fi ħdan id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, fejn l-għarfien legali huwa kritiku biex jitnaqqas l-użu f'riskji legali mis-sors li jistgħu jimmaterjalizzaw matul iż-żmien tal-proġetti b'hekk isir aktar viżibbli fil-livell tal-ġestjoni tal-kuntratti.	Dipartiment tal-Operazzjonijiet
<b>Riskju 2</b>	Ir-riskju huwa fuq il-kapaċità/abilità tal-Aġenzija li tivverifika l-kuntratti u tivvaluta li ma tkunx iċċarġjata darbtejn. L-irduppar tal-ħin u l-iċċarġjar doppju tal-istess espert taħt kuntratti differenti jistgħu jkunu konsegwenza jekk l-Aġenzija ma tkunx tista' twettaq il-kontrolli meħtieġa.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> Li jiġi stabbilit, f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad- <i>data</i> , reġistru ta' esperti skjerati taħt il-kuntratti kollha tal-OPS (Settur tal-Ippjanar tal-Operazzjonijiet) b'indikazzjonijiet ċari ta' attività/proġett u perjodu ta' impenn biex ikun jista' jsir żmien għall-verifika u li jittaffew is-sorvapożizzjonijiet potenzjali.	Settur ta' Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti
<b>Riskju 3</b>	L-iskala tal-approċċ trasversali għall-akkwist tesponi lill-Aġenzija għar-riskju li ma tkunx tista' teżerċita kontroll adegwat fuq il-konformità mal-FLS minn kuntrattur f'sitwazzjonijiet fejn ix-xogħol, u għalhekk ir-responsabbiltà sottostanti, jinqasam bejn żewġ kuntratturi jew aktar.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> Il-kuntrattur tat-TEF Lot 1 huwa mistenni li jipprovi appoġġ ewlieni fl-istabbiliment u l-ġestjoni tal-OLAs, ukoll permezz tal-użu ta' għodod adegwati. Permezz ta' dellijiet mill-kuntrattur tat-TEF Lot 1, għandha tiġi żviluppata u implimentata kapaċità interna biex jiġu regolati l-FLS u l-OLAs.	Settur ta' Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti
<b>Riskju 4</b>	L-organizzazzjoni miżmuma tista' ma tkunx allinjata mal-mudell ta' esternalizzazzjoni: bit-trasformazzjoni li l-Aġenzija qed twettaq minn silos għal approċċ aktar trasversali għall-akkwist. Hemm riskju li xi wħud mill-organizzazzjonijiet ma jkunux allinjati mal-mudell il-ġdid.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> L-idoneità għall-iskop tal-"organizzazzjoni miżmuma" jeħtieġ li tiġi vvalutata regolarment sabiex tiġi allinjata mal-mudell ta' esternalizzazzjoni li qed jevolvi. Għal dan il-għan, l-istandard ISO 37500:2014 "Gwida dwar l-Esternalizzazzjoni" jirrakkomanda li jiġi stabbilit ir-rwol ta' "maniġer tal-esternalizzazzjoni" biex jiġu żgurati s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-isforzi fi ħdan l-organizzazzjoni tal-esternalizzazzjoni. It-twaqqif u l-eżekuzzjoni tal-akkwist trasversali għandhom jiġu pplanati, imfassla, eżegwiti u kkontrollati mill-Aġenzija.	Settur ta' Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti
<b>Riskju 5</b>	In-nuqqas ta' sejba tal-idoneità xierqa għall-eu-LISA: iż-żieda fl-għadd ta' reklutaġġ flimkien mal-firxa limitata ta' postijiet tax-xogħol vakanti żżid ir-riskju li jintilef ammont sinifikanti ta' żmien u sforz fir-reklutaġġ, fir-reklutaġġ u fl-onboarding ta' persuni li ma jissodisfawx l-aspettattivi.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> taħt definizzjoni	Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani
<b>Riskju 6</b>	Dewmien fit-trasformazzjoni u fit-tmexxija kulturali. Ir-riskju jżdid bil-konsegwenza tar-reġim tat-telexogħol tal-pandemija COVID-19.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> L-organizzazzjoni nediet il-Proġett ta' Trasformazzjoni Kulturali fi Frar 2021. Isiru sforzi addizzjonali f'termini ta' Tmexxija permezz tal-Programm ta' Żvilupp ta' Tmexxija.	Kap tat-Taqsimat ta' Tagħlim u l-Iżvilupp
<b>Riskju 7</b>	MWOs mhux effiċjenti biżżejjed għall-hardware u s-software fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja: hemm riskju dwar il-kapaċità tal-kuntratturi li jkunu jistgħu jagħmlu dak li huwa meħtieġ għall-infrastrutturi fi tmiem il-ħajja tagħhom.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> taħt definizzjoni	Settur ta' Ġestjoni tal-Prodotti
<b>Riskju 8</b>	L-infurzar insuffiċjenti tas-Sistema ta' Mmaniġġjar tal-Kwalità (QMS) eżistenti jista' jipprevjeni li, kif mistenni, ikun fattur abilitanti ewlieni għall-Aġenzija biex tilħaq l-oġettivi strateġiċi tagħha.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> Il-kuntratturi tat-TEF Lots se jipprovdu, bil-gwida tal-EPMO, Servizzi ta' Mmaniġġjar tal-Kwalità li jinkludu l-abbozzar, l-approvazzjoni u l-verifika tal-applikazzjoni adegwata ta' Pjan ta' Kwalità Qafas tat-TEF, Pjan ta' Mmaniġġjar tal-Kwalità tal-Lot u, għal kull kuntratt speċifiku, Pjan ta' Mmaniġġjar tal-Kwalità. L-evalwazzjoni prevista tas-CMMI hija maħsuba biex tipprovi indikazzjonijiet ta' lakuni possibbli u ta' titjib relatat fil-kwalità u fil-QMS. Azzjoni miftuħa dwar il-Politika l-ġdida għall-Immaniġġjar tal-Kwalità mill-GCU.	Settur tal-EPMO

Riskju	Deskrizzjoni	Rispons u Pjan ta' azzjoni	Il-Proprietarju tar-Riskju
<b>Riskju 9</b>	Integrazzjoni insuffiċjenti tal-partijiet ikkonċernati fil-mudell ta' kollaborazzjoni meħtieġ mill-approċċ tal-Akkwist Trasversali.	<b>Ir-rispons:</b> Mitigazzjoni <b>Pjan ta' Azzjoni:</b> taħt definizzjoni	Settur ta' Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti

### Il-ġestjoni tar-riskju fil-livelli tal-proġett u tal-programm

Il-proġetti kollha ssorveljati mill-eu-LISA jiġu mmonitorjati permezz tas-soluzzjoni tal-Programm tal-Aġenzija u tal-Ġestjoni tal-Proġetti (PPM), fejn ir-riskji u l-kwistjonijiet ta' proġett jiġu rreġistrati taħt ir-responsabbiltà tal-Maniġer tal-Proġett. Ir-Riskji ta' Kobar Għoli jintwerew fir-Rapport Sommarju tal-proġett ta' kull ġimgħa (Dashboard tal-Proġett).

Ir-riskji kollha tal-proġetti huma diskussi mill-Bord tal-Programm (PB), element ewlieni tal-governanza interna tal-proġett u tal-programm tal-eu-LISA, stabbilita bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tat-8 ta' Ġunju 2020.

F'termini ta' rapportar estern, ir-riskji kollha huma ppreżentati f'rapporti ta' kull xahar lill-erba' Bordijiet ta' Tmexxija tal-Programm tal-eu-LISA (PMBs), jiġifieri l-PMBs tal-EES, tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN u tal-Interoperabbiltà.

### Strateġija Kontra l-Frodi

L-istrateġija kontra l-frodi tal-Aġenzija (2019-051) ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2019.

Il-prinċipji bażiċi tal-Istrateġija kontra l-Frodi huma bbażati fuq l-etika, l-integrità, it-trasparenza mtejjba, il-prevenzjoni tal-frodi, u kooperazzjoni tajba bejn il-partijiet ikkonċernati u s-sħab interni u esterni.

Il-persunal tal-Aġenzija, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-gruppi Konsultattivi, u l-kuntratturi esterni kollha tal-eu-LISA huma meħtieġa japplikaw l-ogħla standards ta' onestà u integrità fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom. L-eu-LISA ma tittollerax il-frodi u l-imġiba mhux etika u se tirrapporta, mingħajr dewmien, kwalunkwe każ ta' frodi suspettata lill-OLAF, li hija esklussivament kompetenti u legalment investita biex tinvestiga każijiet bħal dawn.

L-eu-LISA se tiegħu l-azzjoni meħtieġa u tadotta miżuri xierqa, inkluż it-terminazzjoni ta' ftehimiet ta' impjeg, kontra kwalunkwe entità jew persuna(i) li tiddefroda jew tipprova tiddefroda lill-Aġenzija u/jew assi u riżorsi oħra tal-UE, jew inkella li tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-eu-LISA. Fil-każijiet kollha bħal dawn, l-eu-LISA se tikkoopera bis-sħiħ mal-OLAF u mal-istituzzjonijiet u korpi oħra kollha tal-UE.

## **Anness XI. Pjan għal ftehimiet ta' għotjiet, ta' kontribuzzjonijiet jew tal-livell ta' servizzi**

Dan l-Anness mhuwiex applikabbli għall-eu-LISA

## Anness XII. Strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u/jew organizzazzjonijiet internazzjonali

### Qafas għall-kooperazzjoni

Il-qafas għall-kooperazzjoni tal-eu-LISA ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħra jirriżulta mir-Regolament li ta' Stabbiliment. Fejn ikun previst minn att legali tal-Unjoni, l-eu-LISA tista' tistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rregolati mid-dritt internazzjonali pubbliku u ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħra, li huma stabbiliti minn, jew fuq il-bażi ta' ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar sa fejn ikun meħtieġ għat-tweqqif tal-kompiti tiegħu. Madankollu, tali arranġamenti ta' ħidma għandhom jitwettqu biss bl-awtorizzazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija u l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-oġġettivi strateġiċi usa' tal-UE fil-qasam tal-ĠAI, u mal-politiki esterni tal-UE.

L-oġġettivi tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew ma' entitajiet rilevanti oħra jistgħu jiġu elaborati aktar fl-istrateġija riveduta u aġġornata tal-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati għall-perjodu li jmiss, peress li l-istrateġija attwali se tintemm fl-2022.

Il-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-istrateġija dwar il-kooperazzjoni u l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' ħidma esterni jridu jiġu allinjati mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-2021-2027 u mfassla biex:

- jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Aġenzija kif stipulat fir-Regolament li jistabbilixxi, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-ETIAS u l-arkitettura tal-interoperabbiltà;
- jappoġġaw il-prijoritajiet tal-UE f'pajjiżi terzi, bħall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent permezz ta' proġetti tal-IPA (strument għall-assistenza ta' qabel l-Adeżjoni) b'fokus fuq l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;
- jippromwovu u jespandu r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru emerġenti ta' eċċellenza permezz tal-iskambju ta' għarfien u esperjenzi; u
- isaħħu l-kapaċitajiet tal-Aġenzija biex tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali.

### Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi

Fil-bini ta' relazzjonijiet ta' ħidma ma' **organizzazzjonijiet internazzjonali**, il-fokus tal-Aġenzija hija ggwidata mir-Regolament li ta' Stabbiliment tal-eu-LISA u mill-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-ĠAI. Għalhekk tingħata prijorità lil suġġetti ta' rilevanza għall-iżvilupp effettiv u għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, inizjattivi għall-bini tal-kapaċità, u l-iskambju ta' għarfien espert u tal-aħjar prattiki.

Il-livell attwali ta' involviment ma' **pajjiżi terzi** jibqa' limitat għall-kontribuzzjoni għal proġetti ġestiti mill-Frontex għall-proġett IPA II ma' pajjiżi tal-Balkani tal-Punent magħżula. Kooperazzjoni bħal din tista' tkompli permezz ta' proġetti IPA III skont il-mandat tal-Kummissjoni.

Sabiex jiġu implimentati l-obbligi tal-Aġenzija meta mqabbla mal-ETIAS u l-arkitettura tal-interoperabbiltà, jista' jkun meħtieġ li jiġi konkluż arranġament ta' ħidma mal-Interpol soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija u l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

## Anness XIII. Rekwiżiti addizzjonali tal-persunal

Kif spjegat fis-subtaqsima 2.2.2 a) *Żvilupp tal-kompiti eżistenti*, l-Aġenzija rrevediet in-numru identifikat ta' karigi addizzjonali meħtieġa fl-2022 biex twettaq l-attivitajiet ippjanati kollha. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi aktar dettalji u ġustifikazzjoni għal kull kariga addizzjonali u tindika t-tip ta' persunal mitlub (AT, AK jew ENS). L-għadd totali ta' karigi meħtieġa huwa ta' 25, inklużi 12 karigi tal-AK, 10 karigi tal-AT u 3 karigi tal-ENS. Il-biċċa l-kbira tal-karigi huma meħtieġa għal oqsma fejn jew l-eu-LISA ma għandhiex biżżejjed persunal (eż. il-ġestjoni tal-programm u tal-proġett), jew il-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol żdied (eż. Il-ġestjoni tal-infrastruttura) minħabba l-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda fdati lill-Aġenzija. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, hemm għadd ta' karigi orizzontali meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija.

### Karigi addizzjonali meħtieġa fl-2022 (lil hinn mill-karigi fil-proposti tal-Kummissjoni għall-2021)

Unità Rikjedenti	Profil għal persunal addizzjonali	Kompitu/Proġett	Ġustifikazzjoni	Tip ta' kuntratt	Nru ta' persunal addizzjonali 2022	Nru ta' persunal addizzjonali 2023	Nru ta' persunal addizzjonali 2024	Kumulattivi 2022-2024
ED	Assistent tal-Kontabilità	Kompiti ta' kontabilità tal-Aġenzija	Meħtieġa għall-kontinwità tan-negozju. Il-mandat estiż tal-Aġenzija se jirriżulta f'għadd dejjem jikber ta' tranżazzjonijiet li jeħtieġ li jiġu ċċertifikati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità, li bħalissa qed jaħdem mingħajr sostitut. Ir-Regolament Finanzjarju jistipula li d-delega tal-kompiti tal-AO hija possibbli biss għall-persunal full-time, immaniġġjat mill-AO. Mingħajr l-appoġġ amministrattiv ta' kuljum, l-AO mhux se jkun jista' jkopri n-negozju bħala servizzi kontabilistiċi tas-soltu.	AK FG III	1	1	1	1
ED	ENS fi-Uffiċċju ta' Kollegament	Aktar konsolidazzjoni tal-eu-LISA wara t-tkabbir u t-trasformazzjoni b'fokus fuq l-amministrazzjoni tal-persunal, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ.	Bil-mandat estiż tal-eu-LISA, hemm aktar laqgħat u avvenimenti organizzati li jeħtieġu l-involvement tal-Uffiċċju ta' Kollegament. Din il-kariga tal-ENS intalbet fid-dokument uniku ta' pprogrammar 2021-2023 biex tikkompensa għall-kariga tal-SCU meħuda b'self fl-2020.	ENS	1	1	1	1
CD	Uffiċjal Legali	L-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA	Uffiċjal Legali addizzjonali huwa meħtieġ minħabba l-ammont dejjem jżdied ta' xogħol bħala riżultat ta' żieda fin-numru ta' persunal.	AK FG IV	1	1	1	1
CSU	Uffiċjal tal-ICT/Espert tal-ICT	It-tieni estensjoni tal-uffiċċju operattiv tal-eu-LISA fi Strasburgu	Uffiċjal tal-ICT huwa meħtieġ biex jiżgura l-funzjonament xieraq tal-infrastruttura tal-IT interna u l-appoġġ għal persunal ġdid fis-sit temporanju.	AT AD5	1	1	1	1
CSU	Maniġer tal-Proġetti	It-tieni estensjoni tal-uffiċċju operattiv tal-eu-LISA fi Strasburgu	Maniġer tal-proġett, huwa meħtieġ għat-tieni estensjoni fil-proġett SXB.	AT AD7	1	1	1	1
CSU	Assistent tas-Sigurtà	L-operat, l-ippjanar u t-tħaddim tal-elementi orizzontali tal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità	Assistent tas-sigurtà huwa meħtieġ għat-tieni estensjoni tal-bini f'SXB. Il-persuna tista' titqiegħed fl-SCU b'allokazzjoni ta' 100 % għall-proġett.	AK FG IV	1	1	1	1
ESU	Uffiċjal tal-Governanza - Bord tat-Tmexxija	Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord ta' Tmexxija, u għall-Gruppi Konsultattivi	L-eu-LISA se jkollha aktar minn 15-il korp ta' governanza (MB u sottogrupperi, PMBs, AGs), flimkien ma' diversi gruppi ta' ħidma taħt l-AGs, b'kull wieħed minnhom jiltaqa' bejn 4 u 12-il darba fis-sena. Bħalissa hemm Uffiċjal wieħed biss assenjat biex ikopri l-grupperi kollha (barra minn hekk huwa għandu wkoll responsabbiltajiet assenjati bħala HoS). Hija meħtieġa kariga addizzjonali ta' Assistent tas-Segretarjat MB/AG biex tkopri l-korpi governattivi tal-interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN. Għall-grupperi maħluqa ġodda, huma	AK FG III	1	1	1	1

Unità Rikjedenti	Profil għal persunal addizzjonali	Kompitu/Proġett	Ġustifikazzjoni	Tip ta' kuntratt	Nru ta' persunal addizzjonali	Nru ta' persunal addizzjonali	Nru ta' persunal addizzjonali	Kumulattivi 2022-2024
					2022	2023	2024	
FPU	Assistent tal-Akkwist / Uffiċjal tal-Akkwist	L-eżekuzzjoni tal-pjan tal-akkwist u l-akkwiżizzjoni ta' t-tieni estensjoni tal-uffiċċju operattiv tal-eu-LISA fi Strasburgu, Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS (kontinwazzjoni)	Ma hemm l-ebda profil ta' assistent tal-Akkwist għan-numru ta' kompiti ppjanati. L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS (li tkomplet mill-2021) u t-tieni estensjoni tal-bini operattiv tal-eu-LISA fi Strasburgu jeħtieġu Uffiċjal tal-Akkwist iddedikat għall-proġett.	AT AD5	1	1	1	1
GPU	Uffiċjal tal-Ippjanar - Kejl tal-Prestazzjoni Korporattiva	Governanza, ipplanar u rapportar korporattivi	Din il-kariga hija meħtieġa b'mod kritiku biex tissodisfa r-rekwiżiti għar-rieżami, l-aġġornament u ż-żamma tas-sett ta' KPIs korporattivi, biex tistabbilixxi u żżomm sistema għall-valutazzjoni tal-effiċjenza organizzazzjonali inklużi l-KPIs rilevanti (kif mitlub mill-COM), biex tfassal u żżomm it-tabelli tar-riżultati bilanċjati kif ukoll biex tkejjel u tirrapporta l-prestazzjoni korporattiva. Barra minn hekk, il-kariga hija meħtieġa biex jiġu implimentati r-rekwiżiti sostanzjalment estiżi tal-Artikolu 32 tal-FFR. Il-kariga se tintuża wkoll biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġiji u politiki kollaterali, relatati mal-ġestjoni korporattiva, u t-trasferiment ta' strateġiji korporattivi fi programmi u portafolli.	AK FG IV	1	1	1	1
SCU	Espert tas-Sigurtà Protettiva fi Strasburgu	It-tħaddim, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-elementi protettivi tal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità	Fid-dawl tal-proġett il-ġdid ta' estensjoni tas-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu (inkluż is-sit temporanju) u ż-żieda fil-livell ta' theddid fi Franza, hija meħtieġa kariga addizzjonali tal-ENS (Espert tas-Sigurtà Protettiva) fl-Unità tas-Sigurtà. Din il-kariga tappoġġa l-ġestjoni tal-attivitajiet ta' sigurtà fiżika ta' kuljum tal-Aġenzija biex jiġi żgurati li l-persunal attwali tal-AT jkun jista' jiffoka fuq il-prijoritajiet maqbula ta' livell oġhla relatati mal-bini il-ġdid attwali (litigazzjoni) u proġetti ġodda ta' bini. Din il-kariga ġiet mitluba fl-SPD fl-2021 u fl-MB f'Marzu 2019.	ENS	1	1	1	1
SCU u OD	Amministratur tal-Appoġġ Operattiv (Sigurtà)	Aktar konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni b'fokus fuq l-amministrazzjoni tal-persunal, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ.	Mitluba fid-dokument ta' pprogrammar 2021-2023. Hija meħtieġa kariga addizzjonali għall-OD u l-SCU għall-ġestjoni tal-infrastruttura l-ġdida ta' komunikazzjoni biex jittejjbu s-saffi ta' sigurtà kriptaġġ u l-monitoraġġ tas-sigurtà.	AK FG IV	1	1	1	1
EPMO	ENS fl-EPMO	Aktar konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tibdil, it-tkabbir u t-trasformazzjoni b'fokus fuq l-amministrazzjoni tal-persunal, id-diġitalizzazzjoni tas-	Il-kariga tal-ENS hija mitluba fid-dokument ta' pprogrammar 2021-2023 għall-implimentazzjoni tal-għodda ta' Ġestjoni tal-Proġett u għall-evalwazzjoni ex ante tal-proġetti.	ENS	1	1	1	1

servizzi tar-riżorsi umani  
u r-reklutaġġ.

<b>Total 1</b>	<b>4 AK FG IV, 2 AK FG III, 1 AT AD 7, 2 AT AD 5 u 3 ENS</b>	<b>12</b>	<b>12</b>	<b>12</b>	<b>12</b>
----------------	--	-----------	-----------	-----------	-----------

**Karigi addizzjonali meħtieġa fl-2022 (lil hinn mill-karigi fil-proposti tal-Kummissjoni għall-2022)**

Unità Rikjedenti	Profil għal persunal addizzjonali	Kompitu/Proġett	Ġustifikazzjoni	Tip ta' kuntratt	Nru ta' persunal addizzjonali	Nru ta' persunal addizzjonali	Nru ta' persunal addizzjonali	Kumulattivi 2022-2024
					2022	2023	2024	
IMU	Uffiċjal tal-IT	Servizzi tal-ġestjoni tal-applikazzjoni	Huma meħtieġa riżorsi addizzjonali biex ikopru sistemi ġodda fil-produzzjoni (EES, ETIAS, ECRIS...) għas-Servizzi ta' Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet.	AK FG IV	1	1	1	1
TTU	Uffiċjal tal-IT - TRMS	Il-ġestjoni tar-rilaxx u tal-iskjerament u t-tranżizzjoni lejn l-operazzjonijiet	Hemm nuqqas ta' karigi u profili rilevanti għan-numru ta' kompiti pplanati fl-Unità tat-Testijiet u t-Tranżizzjoni. Din il-kariga tkun tkopri ħidma addizzjonali fuq l-EES, l-ETIAS, l-sBMS, (manutenzjoni u proġett).	AT AD5	1	1	1	1
PSU	Inġinier tas-Sistema	Modulu / interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessioni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessioni tal-ETIAS	Din il-kariga hija neċessarja għall-modulu / interfaċċa ġenerika ewlenija ta' interkonnessioni tas-SIS biex tippermetti konnessjonijiet tas-SIS II ma' sistemi oħrajn u l-implimentazzjoni tal-interkonnessioni tal-ETIAS. Hemm nuqqas ta' karigi u profili rilevanti għan-numru ta' kompiti pplanati.	AT AD5	1	1	1	1
PSU	Uffiċjal tal-IT - Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti	Żvilupp ta' Detettur ta' identitajiet multipli (MID)	Il-persunal disponibbli għall-funzjoni jippreżenta riskju minħabba nuqqas ta' ridondanza u sottovalutazzjoni tal-ordni ta' kobar. Huwa meħtieġ FTE addizzjonali minħabba l-kumplessità tal-inizjattivi ta' interoperabbiltà u jistgħu jidhru wkoll proġetti oħra ta' integrazzjoni iżgħar (abbażi tal-esperjenza bil-programmi tal-EES/ETIAS).	AT AD5	1	1	1	1
PSU	Uffiċjal tal-IT - Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti	Żvilupp tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP)	Il-persunal disponibbli għall-funzjoni jippreżenta riskju minħabba nuqqas ta' ridondanza u sottovalutazzjoni tal-ordni ta' kobar. Huwa meħtieġ FTE addizzjonali għall-Unità tal-Ippjanar u l-Istandards minħabba l-kumplessità tal-inizjattivi ta' interoperabbiltà, u jistgħu jidhru proġetti oħra ta' integrazzjoni iżgħar (abbażi tal-esperjenza bil-programmi tal-EES/ETIAS).	AT AD7	1	1	1	1
PSU	Uffiċjal tal-IT - Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti	Żvilupp tar-repożitorju Ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) (kontinwazzjoni)	Il-persunal disponibbli għall-funzjoni jippreżenta riskju minħabba nuqqas ta' ridondanza u sottovalutazzjoni tal-ordni ta' kobar. Minħabba l-kumplessità tal-inizjattivi ta' interoperabbiltà, jistgħu jidhru proġetti iżgħar oħra ta' integrazzjoni (abbażi tal-esperjenza bil-programmi tal-EES/ETIAS). Għal din ir-raġuni hemm bżonn ta' FTE addizzjonali (1).	AT AD7	1	1	1	1
PSU	Uffiċjal tal-IT - ġestjoni tal-prodotti	It-tnejn tal-iżvilupp ECRIS-TCN fl-sBMS	It-tnejn tal-iżvilupp ECRIS-TCN fl-sBMS. Bħalissa ma hemm le-bda riżorsa disponibbli minħabba l-paralleliżmu tax-xogħol u l-akkumulazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett fl-istess sena.	AT AD7	1	1	1	1
PSU	Assistent tal-IT - Ġestjoni tal-Prodotti	Manutenzjoni tal-EES BMS - software, Manutenzjoni tal-EES BMS - struttura attiva-attiva, Manutenzjoni tal-USK	Hemm bżonn ta' persunal addizzjonali għall-manutenzjoni (software) tal-EES, għall-manutenzjoni tal-EES BMS (struttura attiva-attiva u manutenzjoni tal-USK). Bħalissa, ma hemm le-bda maniġer ta' prodott/servizz assenjat għall-ECRIS. Il-volum ta' attivitajiet relatati diġà beda jiddied u se jiddied saħansitra aktar bil-bidu tal-ECRIS-RI segwit	AT AD7	2	2	2	2



PSU	Ufficial tal-IT - Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti	Implimentazzjoni tal-BMS / sBMS tal-EES (kontinwazzjoni mill-proġett tal-EES tal-2019)	mill-manutenzjoni tat-TCN tal-ECRIS. Bħalissa l-kompiti rilevanti huma ġestiti mis-sid tas-servizz tas-SIS minbarra l-attivitajiet tas-SIS. Il-persunal disponibbli għall-funzjoni jippreżenta riskju minħabba nuqqas ta' ridondanza u sottovalutazzjoni tal-ordni ta' kobar. Huwa meħtieġ FTE addizzjonali minħabba l-kumplessità tal-inizjattivi ta' interoperabbiltà, u jistgħu jidhru wkoll proġetti iżgħar oħra ta' integrazzjoni (abbażi tal-esperjenza bil-programmi tal-EES/ETIAS).	AK FG IV	1	1	1	1
PSU	Ufficial tal-IT - Servizzi tal-Infrastruttura	Manutenzjoni tal-EES BMS - hardware, Manutenzjoni tal-EES BMS - software, Manutenzjoni tal-EES BMS - setup attiv-attiv	Hemm bżonn ta' persunal addizzjonali għall-manutenzjoni tal-EES BMS - software, il-manutenzjoni tal-EES BMS - l-istruttura attiva u l-manutenzjoni tal-EES BMS - hardware	AK FG IV	1	1	1	1
Unità Rikjedenti	Profil għal persunal addizzjonali	Kompitu/Proġett	Ġustifikazzjoni	Tip ta' kuntratt	Nru ta' persunal addizzjonali	Nru ta' persunal addizzjonali	Nru ta' persunal addizzjonali	Kumulattivi 2022-2024
					2022	2023	2024	
PSU	Ufficial tal-IT - Servizzi tan- Network	Manutenzjoni tal-EES BMS - hardware, Manutenzjoni tal-EES BMS - software, Manutenzjoni tal-EES BMS - setup attiv-attiv	Hemm bżonn ta' persunal addizzjonali għall-manutenzjoni tal-EES BMS - hardware, il-manutenzjoni tal-EES BMS - software u l-manutenzjoni tal-EES BMS - struttura attiva-attiva.	AK FG IV	1	1	1	1
PSU	Maniġer tal-proġetti	Modulu / interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS	Modulu / interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS għall-konnessjonijiet tas-SIS II ma' sistemi oħrajn u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS. Ma hemm l-ebda riżorsa disponibbli għal din l-attività fl-ippjanar attwali.	AK FG IV	1	1	1	1
PSU	Ufficial tal-Appoġġ għall-Proġetti	Manutenzjoni tal-VIS/BMS, Żvilupp tal-VIS Riformulat (kontinwazzjoni), L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn l-ETIAS u l-VIS (emendi konsegwenzjali tal-ETIAS), Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS (kontinwazzjoni)	Ma hemm l-ebda profil tal-maniġer tal-proġett għall-għadd ta' kompiti pplanati minħabba n-natura parallela tal-kompiti li jkunu akkumulaw għall-istess perġodu. Dan il-profil se jappoġġa l-Manutenzjoni tal-VIS/BMS, l-Żvilupp tal-VIS Riformulat (ikompli), l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn l-ETIAS u l-VIS u bejn l-EES u l-VIS (ikompli mill-2021).	AK FG IV	1	1	1	1
<b>Total 2</b>					<b>13</b>	<b>13</b>	<b>13</b>	<b>13</b>
<b>TOTAL GLOBALI</b>					<b>25</b>	<b>25</b>	<b>25</b>	<b>25</b>
					<b>6CA FG IV, 3 AT AD 5, 4 AT AD 7</b>			
					<b>10 AT FG IV, 2 AK FG III, 5 AT AD7, 5 AD 5, 3 ENS</b>			

# Anness XIV. Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2022-2024

Qasam	Titolu	Status, Rabta mal-attività fl-SPD 2022–2024
SIS	Valutazzjoni tal-impatt għall-migrazzjoni tas-SIS II lejn l-sBMS.	Attività "Valutazzjoni tal-impatt għall-migrazzjoni tas-SIS II lejn l-sBMS".
SIS	Studji għall-evoluzzjonijiet tas-SIS.	Parti mill-attività "Evoluzzjoni tas-SIS (proġetti, evoluzzjonijiet u studji)". Dan jinkludi ż-żamma evoluzzjonarja tas-SIS ewlenija biex jiġu inklużi talbiet miftiehma mal-partijiet ikkonċernati, bħall-implimentazzjoni ta' mistoqsijiet tar-Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi (ANPR). L-SM qed jużaw dejjem aktar jew se jużaw l-ANPR u qed jistaqsu lis-SIS għal vetturi misruqa, pjanċi tal-liċenzji u vetturi skont l-Artikolu 36. Dan huwa rakkomandat ukoll mill-evalwazzjonijiet tas-SIS meta Stat Membru jkun qed juża l-ANPRs. Għalkemm xi Stati Membri qed jużaw kopji (parzjali) nazzjonali għal dawn il-mistoqsijiet tal-ANPR, dan jista' jwassal ukoll għal żieda fil-mistoqsijiet ċentrali.
sBMS	Valutazzjoni teknika dettaljata tar-rekwiżiti MID - sBMS	Parti mill-attività "Impatt tal-MID fuq l-sBMS", dan il-proġett jinkludi l-valutazzjoni teknika dettaljata tar-rekwiżiti MID - sBMS, id-disinn, l-iżvilupp u l-ittestjar tas-soluzzjoni.
EES	Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-IO.	Parti kbira mill-attività "Aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-interoperabbiltà". Din l-attività se tfejji l-implimentazzjoni tal-aġġustamenti għall-komponenti tal-interoperabbiltà: (1) valutazzjonijiet tal-impatt; (2) studji; (3) disinn ta' livell għoli.
Eurodac	Studji u valutazzjonijiet għall-evoluzzjonijiet tal-Eurodac u tad-DubliNet.	Parti mill-attività "Evoluzzjonijiet mhux ipplanati u appoġġ assoċjat li jirriżulta minn manutenzjoni adattiva tal-Eurodac u tad-DubliNet". It-tweġġiq tal-istudji u l-valutazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu evalwati l-possibbiltajiet għall-implimentazzjoni teknika tal-evoluzzjonijiet previsti.
ETIAS/VIS	It-tnejn għall-integrazzjoni tal-ETIAS u tal-VIS.	Din hija fażi ta' tnejn għall-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn l-ETIAS u l-VIS (emendi konsegwenzjali tal-ETIAS), li tibda f'Mejju 2021 u tispiċċa fi tmien l-2021; segwita mill-implimentazzjoni mill-2022 sal-ewwel kwart tal-2024.
ECRIS-TCN	It-tnejn tal-iżvilupp ECRIS-TCN fl-sBMS	Tnejn għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet, kapaċità u konfigurazzjoni speċifiċi relatati mal-ECRIS-TCN fl-sBMS. Twestiq ta' analiżi tar-rekwiżiti, tad-disinn possibbli u tal-effett tal-kapaċità fuq l-sBMS.
Għodod Operattivi tas-CBS	Sostituzzjoni tal-EOPM - Valutazzjoni tal-Impatt/Studju	L-attività "Sostituzzjoni tal-EOPM - Valutazzjoni/Studju tal-impatt".